# L-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Jannar 2011 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦA 66 S A * Nru. 924




Din ir-rivista giet moghtija minn Joe Scicluna Mejju 2012
GAD 18752

# Sant'Anton Abbati fix-Xagħra

# TERRY'S FABRICS

***The one-stop shop for ALL your fabric and crafting needs!***

We cater in fabrics for all occassions be it Carnival, Easter, Christmas, etc. Find a wide selection of *crafts for kids, scrapbooking, haberdashery, card making accessories* and *embellishments, quilting, bucilla, ganutell, jewellery making* and *lots* more! We also manufacture and sell uniforms and embroidered badges.

*Sole agents and distributors for* **Darice**, **Cranston** *and* **DCWV** *craft products.*

Visit us at:
**Tigrija Palazz, Level 2,**
**Republic Street,**
**Victoria,**
**Gozo**

Opening hours: Mon-Fri from 08.30-12.00
16.30-19.00
Saturdays mornings only
Closed on Sundays and Public Holidays

Tel: 21559329
Fax: 21561498
Email: ddts1279@gmail.com

IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 924*
*Jannar 2011*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni*:
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Dwar Għawdex fil-Ġurnali • 16
Mill-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Kummentarju (3) • 19
Ftit Fatti u Kummenti • 20
Kotba minn Għawdex • 22
Esperjenza (1) • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Kummentarju (4) • 28
Snajja Qodma (36) • 30
Mil-Lenti tat-Telekamera • 32
Irqaqat mill-Imgħoddi • 34
Esperjenza (2) • 35
Esperjenza (3) • 36
Letteratura Għawdxija • 37
Passiġġata Bibblika (60) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (31) • 40
Għawdex 300 sena ilu (189) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (25) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (24) • 44
Għext fil-Mandraġġ (4) • 46
Mix-Xena Sportiva (3) • 48
Qaddisin u Festi f'Għawdex (1) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Richard Grech, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Festa ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra. Ħajr lir-Rettur Dun Ġwann Sultana.*




# *Din is-Sena fil-Kalendarju*

*Imqar l-att tal-ħolqien fir-rakkont tal-ewwel kapitlu tal-Ġenesi hu deskritt skont kalendarju. Imbagħad, f'sinkronija mal-ħolqien, l-aktar max-xemx u l-qamar, il-bniedem tul il-millennji organizza ż-żmien biex jorganizza lilu nnifsu u jkun jista' b'xi mod jikkontrolla l-ġejjieni – xħin iqum u xħin jorqod, meta jaħdem u meta jistrieħ, meta jiżra' u meta jaħsad, meta jsalpa u meta jsorġi... U aħna, llum aktar minn qatt qabel, marbutin mal-arloġġ u mal-kalendarju.*

*Huma żewġ punti ta' riferenza kontinwa – l-arloġġ iħoss it-tektik tal-arterja tal-polz u l-kalendarju imwaħħal fit-tokk tad-dar jew inġorruh magħna fid-djarju jew fil-mowbajl ipprogrammat skont l-appuntamenti li jkun se jkollna.*

***Fl-imgħoddi mhux il-bogħod, il-kalendarju, minn Jannar sa Diċembru, kien ikun abbinat mal-liturġija bil-festi sagri u bl-isem tal-qaddis tal-ġurnata. Illum hawn kalendarji għall-gosti kollha – dawk bil-mudelli tal-karozzi, oħrajn bix-xeni tal-lokalità, oħrajn bil-plejers tal-futbol jew bil-karattri ta' Disney...u naturalment, f'epoka ta' dekadenza, ma jistgħux jonqsu l-immaġni tal-pożi ta' xi pornostar.***

*Il-banalizzazzjoni tal-kalendarju mhix l-uniku telfien denn ta' konsiderazzjoni fl-ewwel jiem tas-sena l-ġdida. Għalkemm din il-banalizzazzjoni hi sintomu ieħor taż-żminijiet u tal-fatt li l-ġejjieni mhux iżjed dak li kien dari, hemm min jista' jqisha bħala telfa superfiċjali. Għaliex illum hawn fenomeni oħra ferm gravi li qegħdin jheddu lill-bniedem. Eżempju wieħed ta' dan huwa l-fatt li l-Ġnus Magħquda ħasset il-ħtieġa li tiddikjara l-2011 bħala s-Sena tal-Foresta. Hu xjentifikament magħruf li kull sena jintilfu 130,000 kilometri kwadrati ta' foresta u li 20% tal-'gassijiet serra' fid-dinja huma kkawżati minħabba t-tneħħija tal-foresti.*

*Nifhem li xi ħadd jista' jistaqsi : "F'dawn il-figuri u perċentwali kemm għandu tort l-Għawdxi li jgħix fuq din it-tikka ta' gżira?" Apparti l-fatt li llum, aktar minn qatt qabel, aħna ċittadini, mhux biss ta' Malta u tal-Ewropa, iżda wkoll tad-dinja, jeħtieġ li nifhmu l-bżonn li fi gżiritna ngħożżu s-siġar. M'għandniex foresti, iżda minflok għandna ġungla tal-franka u tal-konkrit f'diversi nħawi fejn qabel kien xagħri u saħansitra ġonna u raba' saqwi. Tgħid f'din il-qerda qrobna l-punt tas-saturazzjoni?*

***Il-Pjan "Eco-Gozo" jipproponi li jsiru proġetti biex, f'inħawi sensittivi għall-erożjoni, jitħawlu siġar biex jitwaqqfu msaġar u ġonna bil-frott. Dan il-Pjan jagħti wkoll mira li f'dawn iż-żoni l-firxa mgħottija bis-siġar għandha tiżdied b'1% kull sena. (2.2.2. p.17) Aħna nafu li siġra biex tikber u tisbieħ trid aktar mill-ħames snin li ddum leġiżlatura ta' gvern, u għaldaqstant ta' min jammira l-politiku li jimpenja ruħu f'afforestazzjoni. Iżda l-proposta tal-Pjan "Eco-Gozo" tqanqal il-mistoqsija: Iż-żoni sensittivi għall-erożjoni f'Għawdex ġew identifikati... u kemm il-siegħ jew tomna jagħmlu? Għalkemm, skont tweġiba parlamentari (PQ 21948), matul l-2010 tħawlu 928 siġra u 19,935 arbuxxelli, sas-6 ta' Diċembru 2010 il-programm tat-tħawwil għal din is-sena kien għadu qed jitħejja.***

*Għaldaqstant is-Sena tal-Foresti tgħodd għalina wkoll. Aħna l-Għawdxin, per eżempju naħsbuha b'mod differenti min-nies ta' Bali, fl-Indoneżja fejn l-ebda binja ma tista' taqbeż l-għoli ta' l-itwal siġra li għandhom. Aħna nippreferu xi binja għolja minn xi masġar, il-karozza minn xi siġra. Forsi għax il-karozza tbellgħalna l-ekżost u s-siġra tisqina l-ossiġnu? X'aktarx wasal iż-żmien li tal-anqas min jixtri karozza jkun obbligat li jħawwel siġra u, bħalma jagħti s-*service *lill-karozza, jibqa' jieħu ħsiebha. X'taħseb?*

**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



miġbura minn Gabriel Gauci

### *Mons. Anton Borg maħtur Vigarju Parrokkjali fil-parroċċa ta' San Ġorġ*



Matul ix-xahar li għadda, nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru, Mons. Isqof Mario Grech ħatar lil Mons. Anton Borg bħala Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Dun Anton, kif inhu magħruf minn ħafna nies, twieled fir-Rabat fl-1947, u wara li kompla l-formazzjoni tiegħu għas-saċerdozju fis-Seminarju ta' Għawdex, ġie ordnat saċerdot fl-24 ta'Ġunju 1972. F'dik l-istess sena huwa mar Ruma fejn kompla jispeċjalizza l-istudji tiegħu fil-qasam tat-teoloġija morali u tal-filosofija. Wara li fl-1976 huwa kiseb il-liċenzjat f'dawn iż-żewġ oqsma, huwa reġa' lura lejn Għawdex fejn inħatar *lecturer* tat-teoloġija morali u tal-filosofija fis-Seminarju ta' Għawdex, kif ukoll għal ħafna snin għallem dawn iż-żewġ suġġetti fl-istitut għall-formazzjoni tar-reliġjużi magħruf bħala INSERM. Barra milli huwa *lecturer* fis-Seminarju Maġġuri, huwa wkoll għalliem tar-reliġjon u tat-Taljan fis-Seminarju Minuri. Dun Anton huwa wkoll magħruf għall-ħidma twila tiegħu fiċ-Ċentru ta' Kana, li sa mill-bidu tiegħu, hu u ħuh Dun Ġorġ mexxew, u fejn, għal ħafna snin, kienu u għadhom jagħmlu korsijiet ta' preparazzjoni lill-għarajjes qabel jiżżewġu kif ukoll joffru għajnuna lil dawk il-koppji li jkunu jinsabu f'diffikultà. Kien ukoll involut sewwa fil-pastorali maż-żgħażagħ hekk li għal erba' snin huwa kien Direttur tal-Oratorju Don Bosco. Bħala rikonoxximent għal ħidma tiegħu, Mons. Isqof Nikol Cauchi kien ħatru monsinjur bit-titlu ta' *Cappellano di Sua Santità*.

### *Ippubblikat sussidju teoloġiku pastorali għall-Avvent 2010*

Is-Segreterija Pastorali tad-Djoċesi tagħna lestiet u ippubblikat biċċa xogħol importanti għall-jiem tal-Avvent u l-Milied. Dan huwa sussidju li fih riflessjonijiet bibliċi minn diversi biblisti Għawdxin fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-Kotba Mqaddsa, artikli ta' formazzjoni liturġika dwar iż-żmien tal-Avvent u l-Quddiesa, sussidji u għajnuniet kateketiċi għall-omelija u għall-katekeżijiet tal-adulti, kif ukoll skemi u sussidji pastorali, fosthom tlett skemi għan-novena tal-Milied. Dan huwa xogħol importanti għax barra li għaqqad fi ktieb wieħed ix-xogħol ta' ħafna nies u ta' diversi katekisti, serva biex il-parroċċi kollha ta' Għawdex jimxu fuq l-istess skema tan-novena tal-Milied. Dan is-sussidju għadu jista' jitniżżel minn fuq is-sit tad-djoċesi ta' Għawdex jew inkella jinxtara' mill-Kurja tal-Isqof.




### *Festi tal-Kunċizzjoni u ta' Santa Luċija*

Il-festa tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija, ġiet iċċelebrata bħala festa titulari, kif is-soltu, f'żewġ knejjes f'Għawdex. Fir-Rabat din il-festa ġiet iċċelebrata fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali, magħrufa mal-Għawdxin bħala 'San Franġisk'. Il-priedki tat-tridu saru minn Dun Geoffrey George Attard, filwaqt li l-paniġierku fil-jum tal-festa sar minn Dun Ġużepp Gauci. Fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Qala għadd ġmielu li ma qata' xejn ta' pellegrini żaru u semgħu l-quddies f'dan is-Santwarju, li fih sar il-Pontifikal immexxi min-Nunzju Appostoliku għal Malta Mons. Tommaso Caputo S.J. It-temp sabiħ ta' din il-ġurnata ppermetta li toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa tal-Immakulata miż-żewġ knejjes rispettivi. Fil-quddies kollu li sar f'Għawdex f'dan il-jum inqrat ċirkulari ta' Mons. Isqof li fiha fakkar il-25 sena mit-twaqqif ta' "Dar Ġużeppa Debono" kif ukoll l-importanza li l-Insara jippromwovu l-kultura tal-ħajja. Fi tmiem din l-istess ġimgħa, mbagħad, ġiet iċċelebrata l-festa ta' Santa Luċija fil-ħara li ġġib isimha fir-raħal ta' Kerċem. Mons. Mario Grech mexxa l-pontifikal fil-knisja il-Ħadd 12 ta' Diċembru filgħodu, filwaqt li filgħaxija ħarġet purċissjoni bil-vara ta' Santa Luċija.



### *L-Isqof Grech iniedi t-talb għax-xita*

Minħabba n-nuqqas ta' xita li ħakem lill-gżejjer tagħna f'Novembru u fil-bidu ta' Diċembru, Mons. Isqof sejjaħ lid-djoċesi tiegħu sabiex titlob għax-xita, speċjalment waqt is-sagrifiċċju tal-quddiesa, kif ukoll qajjem kuxjenza dwar ir-rimi irresponsabbli, il-kontaminazzjoni, u t-tħaffir abbużiv għall-ilma li qed ikomplu jgħarrqu din ir-riżorsa hekk importanti u limitata fil-gżejjer tagħna.



*Rit tal-Ammissjoni u għoti tal-Ministeru tal-Akkolitat*

Il-Ħadd 14 ta' Novembru, f'ċerimonja li tissejjaħ ir-rit tal-ammissjoni, żewġ seminaristi ġew milqugħa mill-Isqof Mario Grech sabiex iktar 'il quddiem ikunu jistgħu jingħataw l-Ordni Sagri. Dawn huma John Paul Cefai mill-Qala u Gabriel Gauci minn ta' Kerċem. Din saret fil-parroċċa tal-Fontana. Imbagħad, il-Ħadd 5 ta' Diċembru, Mark Bonello mix-Xagħra u Daniel Grech minn ta' Kerċem ġew mogħtija l-ministeru tal-akkolitat minn idejn l-Isqof Mario Grech. Dan il-ministeru jagħmilhom iktar qrib ta' Ġesù fl-Ewkaristija u frott t'hekk, fost affarijiet oħra, jkunu jistgħu jqarbnu waqt il-quddies u fid-djar.





*Jiltaqgħu l-Gruppi ta' Talb ta' Padre Pio*

Il-Gruppi ta' Talb Padre Pio, iltaqgħu flimkien fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fir-Rabat, nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru, għall-irtir tal-Avvent.

Fr Alfred Scerri, OFM.Cap, Direttur Nazzjonali tal-Gruppi Ta' Talb, iċċelebra quddiesa assistit minn Fr Carmel Dimech, Gwardjan tat-kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex. Wara waqfa qasira għall-kafè, Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù tkellem dwar San Pio ta' Pietrelcina. Wara, ħafna minn dawk preżenti qagħdu għall-ikla li saret fir-refettorju tal-kunvent.


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Cafè & Wine Bar*
KAPUTA
*Pizza & Local Dishes*
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074



**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*

**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

### *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Għal Ordni Soċjali Aħjar f'Għawdex"

*Sintesi tal-omelija li għamel l-Isqof Mario Grech il-Ħamis, 28 ta' Ottubru 2010 waqt ċelebrazzjoni ta' Jum Għawdex fil-Knisja ta' San Ġakbu, Rabat Għawdex.*



Kristu bagħat lill-appostli biex ixandru l-Bxara t-Tajba li kellha tkun il-bażi ta' ordni soċjali ġdid – mhux biss ikollna ordni soċjali konfessjonali, imma sistema li sserraħ fuq ordni etiku li jaqbel mad-dinjità tal-persuna.

*Is-sehem tal-Knisja fil-progress soċjali tal-poplu*

**Bit-tkeċċija tal-Franċizi minn Għawdex fl-1798, l-Għawdxin taw bidu għal ordni soċjali ġdid. Il-fatt li dakinhar l-Għawdxin kienu taħt it-tmexxija tal-Arċipriet Saver Cassar mhux dettall bla tifsira. Dan ifisser li dakinhar ir-reliġjon Kattolika ma kinitx meqjusa bħala xkiel għall-progress soċjali tal-gżira.**

**Mhux hekk illum. Huwa fatt li f'pajjiżna hawn min qed jgħid li r-reliġjon, partikularment il-Knisja Kattolika, hija ta' dannu għas-soċjetà. Għalhekk, qed nassistu għal tentattivi kontinwi biex jiskreditaw il-Knisja u jillimitaw ir-reliġjon għall-ħajja privata. Hawn min irid li dawk il-Kattoliċi li għandhom karigi pubbliċi, f'ċerti każi għandhom jaġixxu kontra l-kuxjenza tagħhom. Din l-attitudni anti-Kristjana la tirrispetta d-dritt taċ-ċittadini Nsara għal-libertà reliġjuża u lanqas id-dritt tar-reliġjon fl-isfera pubblika.**

*Erożjoni tal-legalità*

Nifhem li ċ-ċelebrazzjoni li qed issir ta' "Jum Għawdex" tfisser ukoll l-impenn tagħna llum biex ikollna Għawdex isbaħ u aktar b'saħħtu – impenn biex insaħħu l-qafas soċjali tagħna. Imma biex dan iseħħ, inħoss li għandna nistinkaw aktar biex tiġi mħarsa l-legalità jew dik li tissejjaħ "*rule of law*". Għax meta l-liġi tiġi skapriċċjata, id-diżordni soċjali jikber. L-eżempji li jistgħu jagħtu l-impressjoni li qegħdin nassistu għall-erożjoni tal-legalità huma diversi.

**Fil-qasam tal-ambjent, il-proġett *Eko-Għawdex* joffri miri utli u ambizzjużi. Imma ċertament neħtieġu aktar edukazzjoni ċivika biex l-ambjent naturali jinżamm nadif. Mhumiex rari kemm dawk li jarmu fit-toroq oġġetti żgħar mit-twieqi tal-karozzi, kif ukoll dawk li jiddampjaw skart fil-kampanja. Dan minkejja li hemm normi u pieni dwar iż-żamma tal-ambjent!**

Imbagħad hemm is-serq ta' propjetà pubblika, bħal ma jista' jiġri fil-każ ta' *encroachment* jew bini privat fuq art pubblika. Art pubblika ma tfissirx li ma hija ta' ħadd, imma hija propjetà tal-poplu. Hemm l-obbligu li din l-art tkun amministrata tajjeb bl-istess mod li hija mħarsa l-propjetà privata. Xi drabi anke f'dan il-qasam jista' jkun hemm rilassament tal-liġijiet maħsuba biex iħarsu dak li jappartjeni lin-nazzjon.

**Aktar gravi huma d-delitti kontra l-ħajja, bħal fil-każ tat-traffikar tad-droga. Għalkemm din hija attività kriminali, xorta waħda ssir anke f'postijiet magħrufa. Hawn l-impressjoni li dan l-aħħar f'Għawdex is-suq tad-droga kotor bil-konsegwenza li l-vittmi kotru wkoll. Dan ifisser li r-*rule of law* qed tiddgħajjef?**

Huwa fatt li fostna hawn persuni li jixtiequ u jagħmlu ħilithom biex il-legalità tkun imħarsa, anke jekk mhux dejjem isibu l-koperazzjoni u s-sapport li jkollhom bżonn. Fl-istess waqt huwa fatt ukoll li, għal xi raġuni jew oħra, hemm għaddej proċess ta' erożjoni tal-legalità!

*Fundament etiku għal-liġijiet*

Ir-*rule of law* tiġi osservata jekk iċ-ċittadin ikun konvint li l-liġijiet mhumiex frott tal-arbitrarjetà ta' min jagħmilhom, imma huma l-applikazzjoni konkreta ta' prinċipji u valuri li jeżistu qabel l-istess liġi pożittiva. Kif josserva l-filosofu Jurgen Habermas, f'soċjetà post-sekulari bħal tagħna, il-liġijiet fi stat demokratiku jżommu biss jekk ikollhom fundament etiku. Dawn il-prinċipji etiċi li jiffurmaw il-qafas tal-proċess demokratiku ma jiddependux mill-kunsens soċjali imma jeżistu fihom infushom. Huwa għalhekk li r-reliġjon għandha kontribut vitali x'tagħti fid-dibattitu pubbliku!

**Għalhekk, jekk verament nixtiequ li llum insaħħu l-pedament biex ikollna Għawdex isbaħ u isħaħ, fost ħwejjeġ oħra hemm bżonn nirsistu biex ikollna ordni soċjali msejjes fuq ordni etiku tajjeb.**


**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

*Kummentarju (1)*

# Mal-Isqof Nikol Cauchi għaddiet Epoka Storika għalina: "L-Epoka tal-Qawmien"



*kitba ta'* DUN ANTON SULTANA

**Darba smajt lill-mibki u maħbub Isqof Nikol Cauchi jgħidilna f'xi lezzjoni tas-Soċjoloġija fis-Seminarju, jew f'xi konferenza tal-Moviment Azzjoni Soċjali (ma niftakarx sew fejn u meta), li d-dinja tinbidel bil-mod il-mod, fil-mentalità u fil-kostumi, fl-iżviluppi soċjali, filosofiċi, politiċi u kulturali, fuq medda ta' ħamsin sena. U meta l-Isqof Nikol ħalliena, fil-15 ta' Novembru li għadda, bla ma naf kif tfaċċa f'moħħi dan il-ħsieb : "Miet l-Isqof Cauchi?! Mela għaddiet epoka! Speċjalment għalina l-Għawdxin."**

L-epoka tal-aħħar ħamsin sena, 1960 – 2010, inħoss li kienet u tibqa' epoka speċjali għalina l-Għawdxin, jekk mhux ukoll għan-nazzjon tagħna kollu. Miniex xi studjuż storiku biex nanalizza l-fatti kollha tal-bidliet soċjali, politiċi, kulturali u ekkleżjastiċi li seħħew f'pajjiżna fl-aħħar ħamsin sena. Studju serju bħal dan jixraq li jsir minn xi soċjologu jew professur tal-istorja; jien miniex kompetenti biex nagħmel studju bir-reqqa u fid-dettall. Imma l-ħsieb baqa' jdur fil-kurituri ta' moħħi u ftakart f'ħafna fatti, skont l-esperjenza ta' ħajti, minn mindu kelli ħmistax-il sena fl-1960. Dakinhar kont żagħżugħ seminarista, fil-bidu tat-triq lejn il-formazzjoni saċerdotali, u minn dik is-sena sirt naf lil "Dun Nikol", bħala wieħed mill-għalliema tagħna fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.



### *Ħamsin Sena Ilu*

Naħseb li s-sena 1960, biċ-ċelebrazzjoni taċ-Ċentinarju tal-miġja ta' San Pawl f'pajjiżna, kienet sena providenzjali li tat bidu għal ċinkwantinarju ta' taqliba sħiħa u bidliet storiċi kbar għal pajjiżna. M'għandix żmien infittex x'ġara sew fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija minn dak inhar 'l hawn, imma mill-faqar tal-memorja tiegħi u bl-esperjenzi ġurnalistiċi li għamilt bħala seminarista fis-sittinijiet, nemmen li daqskemm is-sena 1964 għalqet il-bieb tal-kolonjaliżmu Ingliż għal pajjiżna bil-kisba tal-Indipendenza u fetħet futur politiku ġdid għan-Nazzjon Malti, daqstant ieħor iċ-Ċentinarju Pawlin tal-1960 għalaq epoka nisranija għal pajjiżna u fetaħ oħra ġdida u riformata bil-Konċilju Vatikan II ftit snin wara.

**Dak kollu li ġara f'pajjiżna fis-sittinijiet, bis-sabiħ u l-ikrah tiegħu, kemm politikament, ċivilment u mhux anqas fil-ħajja soċjali, reliġjuża u kulturali, jien inqishom illum bħala l-bidu ta' Malta ġdida li tnisslet, twieldet u kibret fl-aħħar ħamsin sena, biex waslet fejn hi llum, nazzjon totalment differenti kważi għal kollox minn dak li kien fl-1960.**

**Anki jekk niftakru u nsemmu ġrajjiet koroh u negattivi, bħalma kienu l-kwistjonijiet politiċi – reliġjużi, nistgħu nqisu dawn bħala "l-uġigħ tal-ħlas" fit-twelid ta' Nazzjon Ħieles u ta' Repubblika b'valuri nsara, f'mixja twila, tqila u sfidanti f'kull qasam, b'riforma li għadha sejra u li ħadd ma jista' jbassar fejn għad tasal, ċivilment u reliġjożament, sa ħamsin sena oħra!**

L-epoka tal-aħħar ħamsin sena tfakkarni fil-bidliet kbar li seħħew fl-istil tal-ħajja, fl-ekonomija, fl-industrija u fil-kummerċ, fl-edukazzjoni u fil-kultura, imma wkoll fil-personaġġi kbar li ħallew marka qawwija fil-paġni tal-istorja ta' pajjiżna. Nistgħu nsemmu sitt isqfijiet differenti minn Gonzi u Pace sa Cremona u Grech fl-aspett reliġjuż, kif ukoll sitt Prim Ministri differenti, tant Presidenti differenti, poplu differenti, jekk mhux ukoll "Insara differenti"! Min bħali għandu 'l fuq minn ħamsa u ħamsin sena fl-età, jaf x'qed ngħid. Tajjeb jew ħażin, Malta nbidlet ħafna, u kważi f'kollox.

### *Għawdex Inbidel Ukoll*

Jekk fl-aħħar ħamsin sena Malta nbidlet, Għawdex lanqas għadu kif kien jew kif nafu jien fi tfuliti. Illum mhux



biss ngħid *"addio"* għall-ħwejjeġ bl-irqajja' u t-toroq kollha trab, għaks ta' wara l-gwerra, *tracoma* fl-għajnejn, karettuni u merħliet ta' mogħoż iduru mat-toroq, u xi "Banċinu" biex taqsam lejn Malta b'sogru ta' ħajtek... Altru li differenti! Ingergru kemm ingergru li Għawdex politikament huwa "minsi", li fil-progress kummerċjali, turistiku jew ekonomiku "bqajna lura", nafu u nammettu onestament li Għawdex tas-sena 2010 huwa ferm differenti minn Għawdex tas-sena 1960.

**Tabilħaqq, f'Għawdex ukoll seħħew bidliet kbar f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Mit-twaqqif tal-ewwel Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fl-1961, b'tim ta' patrijotti Għawdxin, bħal Dr. Anton Tabone, "il-Prinċipal", Pawlu Portelli, "tal-Lingi" u "Dun Nikol", il-gżira tagħna bdiet il-mixja twila u tqila tal-qawmien soċjali u ċivili, tal-progress industrijali u kummerċjali, tar-riforma reliġjuża post-konċiljari, u ta' tant ġid ieħor li Għawdex ra fl-aħħar ħamsin sena f'kull settur tal-ħajja.**

Illum inħares lura u lill-Isqof Nikol narah mhux biss bħala Isqof Djoċesan għal tmienja u tletin sena sħaħ, imma wkoll bħala patrijott Għawdxi li ftit jew wisq kien involut f'kollox u ta' sehmu b'ħeġġa kbira biex ikollna "Għawdex aħjar". Sa minn meta twaqqaf f'Għawdex il-Moviment Azzjoni Soċjali fl-1958, li tiegħu "Dun Nikol" kien l-ewwel President u Direttur, u aktar tard meta sar editur ta' din ir-rivista fl-1965, ir-rota bdiet iddur fil-bidla soċjali u ċivili. Bdiet ukoll il-battalja persistenti fil-ġurnaliżmu Kattoliku għal dawk li huma dmirijiet u valuri nsara, u mhux inqas "il-ġlieda" għad-drittijiet ta' Għawdex u l-Għawdxin.

Kien "Dun Nikol" li ħamsin sena ilu lemaħ fija l-ħeġġa għall-ġurnaliżmu Kattoliku u patrijottiku, u ħeġġiġni, rawwamni u ddiriġieni fit-taħriġ tal-pinna, f'rapporti u kummenti fi "Il-Ħajja f'Għawdex" u fil-ġurnali "Il-Qawmien" u "Il-Leħen is-Sewwa" li tagħhom hu u jien imlejna paġni sħaħ dwar Għawdex u l-Għawdxin. Inżid ngħid li "Dun Nikol" kemm-il darba ħariġni mill-inkwiet meta dħalt f'xi saram mal-awtoritajiet bil-ħeġġa żejda tal-pinna tiegħi...

***Ħabb 'l Għawdex bil-fatti***

Aħna li ksirna s-sittin sena fl-età, nafu lil "Dun Nikol" mhux biss bħala **ragħaj għaref u għaqli** fit-tmexxija reliġjuża bħala Isqof Djoċesan, imma wkoll bħala : (1) **Benefattur kbir** ta' Għawdex fir-riformi soċjali tal-aħħar ħamsin sena; (2) **Patrijott** li stinka u ġġieled għad-drittijiet ċivili tal-Għawdxin bil-kelma u bil-kitba, u (3) **Missier twajjeb** li mexxiena fis-sod fil-veri valuri tal-ħajja, fil-provvedimenti ta' mezzi, djar, *plots*, istituti, ċentri tad-duttrina u ċentri parrokkjali, u tant inizjattivi oħra soċjali li qegħdin ingawdu minnhom.

Għawdex inbidel tassew fl-aħħar ħamsin sena bis-saħħa u bir-rieda tajba ta' ħafna Għawdxin li taw sehemhom b'ħeġġa u kuraġġ, imma jien konvint li din il-forza tar-riforma Għawdxija fl-aħħar ħamsin sena kellha sinsla tajba u soda f'riformatur gwapp : "Dun Nikol". U għalhekk inqis li ma mewtu ntemmet epoka speċjali għalina l-Għawdxin, li nistgħu nsejħulha "**l-epoka tal-Isqof Nikol... l-epoka tal-qawmien Għawdxi**".

Il-ġid kbir li gawda u għadu jgawdi Għawdex bis-saħħa tad-dehen, l-għaqal, is-sabar, id-diplomazija, il-ħeġġa u l-kuraġġ ta' "Dun Nikol", kemm bħala Isqof Djoċesan fil-qasam reliġjuż, kif ukoll bħala Patrijott u Benefattur fil-qasam soċjali, mhux ser jintesew malajr. U tkun inġustizzja kbira miegħu jekk qatt ninsew!

**Jalla l-ġenerazzjonijiet ta' warajna jibqgħu jirrikonoxxu dawn il-paġni tal-istorja t'Għawdex f'din l-epoka speċjali tal-aħħar ħamsin sena, li ser tibqa' mlaqqma "l-epoka ta' Dun Nikol"!**




SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



# X'għadda minn għalina



**Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri**

## Rikonoxximent Internazzjonali lil Chris Said



Il-ħidma tas-Segretarju Parlamentari Chris Said favur lokalitajiet sostenibbli ngħatat rikonoxximent internazzjonali hekk kif irċieva l-Premju għall-Ambjent Gianfranco Merli mogħti mill-*Movimento Azzurro Associazione Ambientalista*. Il-Premju ngħatalu waqt ċerimonja li saret f'Montecitorio, fil-bini tal-Parlament Taljan, f'Ruma.

Il-motivazzjoni għall-għoti ta' dan il-premju internazzjonali lis-Segretarju Parlamentari Chris Said tgħid hekk: "*għall-ħidma leġiżlattiva favur inizjattivi innovattivi u skemi favur żvilupp sostenibbli fit-territorju ta' Malta u Għawdex, kif dokumentat mill-ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, u biex dawn il-mudelli jittieħdu bħala eżempju fiż-żona Ewro-Mediterranja sabiex jinbena futur aħjar għall-ġenerazzjonijiet tal-futur.*"

F'kelmtejn għall-okkażjoni, is-Segretarju Parlamentari Chris Said spjega l-ħidma tal-Gvern Malti favur lokalitajiet sostenibbli fl-oqsma ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Hu qal li Malta u Għawdex għandhom realtà għal kollox differenti minn pajjiżi Ewropej oħra minħabba ċ-ċokon u l-insularità. F'dan il-kuntest il-Gvern Malti qed joffri l-finanzjament, l-għajnuna u l-għodda kollha neċessarja lill-Kunsilli Lokali u lill-NGOs biex jutilizzaw bl-aħjar mod il-programmi ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Chris Said qal li l-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond għall-Iżvilupp Rurali, fost l-oħrajn, qed jagħtu ċ-ċans li jsir żvilupp sostenibbli b'mod ħolistiku. Il-Kunsilli Lokali jinvestu f'sistemi ta' enerġija alternattiva; kumpaniji qed ikunu megħjuna jinvestu f'teknoloġija li tagħmel anqas ħsara lill-ambjent; filwaqt li għaqdiet tal-bdiewa, raħħala u proċessuri qed jingħataw għajnuna sostanzjali biex itejbu l-metodi tal-produzzjoni tagħhom.

## Tingħata l-Premju Ħaddiem tas-Sena fit-Turiżmu




*Waqt il-preżentazzjoni tal-Premju Ħaddiem tas-Sena fit-Turiżmu lil Janet Cordea, mill-Ministru Debono.*

Janet Codrea, li taħdem bħala *Reservations Manager* ġewwa lukanda f'Għawdex, ingħatat il-premju Ħaddiem tas-Sena fit-Turiżmu 2010, waqt serata li ġiet organizzata għat-tielet sena konsekuttiva mill-*Gozo Tourism Association* (GTA), f'Palazzo Palina, f'Ta' Ċenċ, f'Sannat, nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru, 2010.

Dan il-premju twaqqaf bil-għan li jagħti rikonoxximent għall-kontribut tar-riżors uman f'dan is-settur.

Il-preżentazzjoni tat-trofew lir-rebbieħa ta' din is-sena, li ġiet magħżula minn fost disa' nominazzjonijiet li ntefgħu, seba' rġiel u żewġ nisa, li lkoll jokkupaw karigi fi stabbilimenti turistiċi f'Għawdex, saret mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

Janet Cordea hija Maltija Awstraljana li għal dawn l-aħħar sentejn ħadmet f'lukanda ewlenija f'Għawdex wara li għal diversi snin ħadmet fil-qasam turistiku ġewwa l-Awstralja. Hija ddeskriviet dan l-unur bħala sorpriża filwaqt li esprimiet is-sodisfazzjon li hija tqis li hu marbut ma' karriera fil-qasam turistiku. Dan huwa relatat b'mod speċjali fil-kuntatt dirett mat-turist.

Giovanna Debono f'kelmtejn tal-okkażjoni faħħret l-impenn tal-GTA b'risq is-settur turistiku f'Għawdex.

Fid-diskors tagħha, il-Ministru Debono rreferiet għall-allokazzjoni ta' €500,000 mħabbra fil-miżuri tal-baġit għal din is-sena 2011, li ser ikunu wżati speċifikament għar-reklamar ta' Għawdex fi swieq barranin.

Waqt is-serata tkellmu wkoll Paul Scicluna u Joe Muscat, President u Segretarju tal-GTA, Josef Formosa Gauci, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kif ukoll Claudio Farrugia, Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ.

Preżenti kien hemm ukoll Mons. Isqof Mario Grech u Frederick Azzopardi, Assistent Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

## *Il-vapur 'MS Island Sky' f'Għawdex*



Il-vapur tal-passiġġieri *MS Island Sky* għamel waqfa ta' ġurnata f'Għawdex, nhar l-Erbgħa, Diċembru 15. Dan il-vapur, li l-aġenti tiegħu f'Malta huma rappreżentati mill-kumpanija *Thomas Smith*, kien qed iġorr 83 passiġġier, il-maġġor parti tagħhom mir-Renju Unit flimkien ma' 69 membru tal-ekwipaġġ.

Għalkemm żgħir fid-daqs, l-*MS Island Sky* joffri faċilitajiet u servizz ta' livell ta' ħames stilel. Il-faċilitajiet offruti fuq l-*MS Island Sky* jinkludu 60 kabina – lkoll spazjużi u b'veduti għal barra, librerija, *lounge area*, u restorant fuq ġewwa. Il-passiġġieri jkollhom ukoll l-opportunità li jieklu f'restorant ieħor fuq in-naħa ta' barra tal-vapur, li għandu wkoll pixxina bil-*jacuzzi*, kif ukoll *gym* żgħir.

Huwa kien qed jagħmel mawra f'pajjiżi fil-Mediterran u żar portijiet fil-Ġordan, l-Eġittu u l-Libja. Il-Kaptan hu Torbjörn Svensson. L-*MS Island Sky* ħalla Għawdex dakinhar stess filgħaxija, għall-Port il-Kbir, fejn qatta' jumejn qabel ma kompla fi triqtu għal Libja, l-Eġittu, il-Libanu u Ċipru.

## *Jum il-Komunità ta' Santa Luċija*



*Mario Mizzi (lemin) jidher jirċievi Ġieħ Santa Luċija mingħand is-Segretarju Parlamentari Chris Said.*

Jum il-Komunità ta' Santa Luċija f'Santa Luċija, Għawdex, ġie organizzat nhar is-Sibt 4 ta' Diċembru, 2010. F'attività organizzata mill-Kumitat Amministrattiv ta' Sta. Luċija, flimkien mal-Kunsill ta' Kerċem, indaqqu diversi siltiet mużikali minn Maestro Antoine Mercieca u t-Tenur Mario Portelli. Saru ukoll diskorsi minn Joe Mizzi, *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv ta' Santa Luċija, minn Alfred Stellini, mis-Sindku ta' Kerċem, Joe Grima, u minn Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni.

Din is-sena Ġieħ Santa Luċija ngħata lil Mario Mizzi, għax-xogħol volontarju li jagħmel fil-Komunità. Mario huwa ukoll l-organista tal-knisja ta' Santa Luċija għal dawn l-aħħar 43 sena kif ukoll jieħu ħsieb il-Kor Santa Luċija. Il-programm spiċċa bil-kant tal-Innu Malti.

Il-*Wallace Pipes & Drums* telgħu Għawdex apposta minn Malta, biex komplew isebbħu s-serata b'wirja li taw fil-pjazza kemm qabel kif ukoll wara.

## *Wirja ta' Presepji*



Madwar 85 presepju kienu esebiti fis-26 edizzjoni tal-Wirja Annwali tal-Presepju mtella' mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, fis-Sala tal-Wirjiet, fi Pjazza San Franġisk, Victoria.

Il-presepji nħadmu bl-użu ta' materjal divers, kemm minn tfal kif ukoll minn adulti, li kollha esprimew b'mod kreattiv l-immaġni tradizzjonali tat-twelid ta' Ġesù Bambin fil-grotta ta' Betlem. Fost in-numru ta' presepji għall-wiri, wieħed jista' jifli 34 presepju li nħadmu minn materjal riċiklat.

Il-wirja ta' din is-sena fakkret ukoll għeluq l-ewwel 25 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju f'Għawdex. Waqt l-inawgurazzjoni ta' din il-wirja, nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru, Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex irreferiet għal dan l-anniversarju filwaqt li faħħret il-ħidma tal-membri tal-għaqda matul dawn is-snin.

Il-wirja li tbierket minn Mons. Isqof Mario Grech baqgħet miftuħa sa nhar il-Ħadd 2 ta' Jannar.

## Xow tal-Milied - skola sekondarja Konservatorju tal-Isqof



L-iskola sekondarja Konservatorju tal-Isqof ippreżentat għar-raba' darba x-xow tal-Milied nhar l-14 ta' Diċembru, 2010, fit-Teatru Aurora, bl-isem ta' *Dear Santa*. Dan ix-xow kien imtella' mill-istudenti kollha li jattendu din l-iskola, b'kollox 211-il studenta, taħt id-direzzjoni ta' *staff* iddedikat. L-għan ta' dan ix-xow kien li jsaħħaħ is-sens ta' komunità fl-iskola u anke biex jinkoraġġixxi lill-istudenti u jgħinhom jiżviluppaw it-talenti, li l-istudenti stess huma mżejna bihom.

*Dear Santa* uriet kemm ħajjitna qiegħda ssir aktar materjali u egoistika, speċjalment fiż-żmien tal-Milied, fejn normalment aktar niffukaw fuq x'nixtiequ milli fuq dak li verament għandna niċċelebraw fil-Milied. Iċ-ċajt, il-kant u ż-żfin tul dan ix-xow wera biċ-ċar il-messaġġ Kristjan, li l-Milied irid jindika li għandna nagħtu aktar milli naqilgħu. Fil-fatt waqt din ix-xow stess, inġabru xi flus għall-kawża ġusta fl-Afrika. L-udjenza preżenti għal dan ix-xow apprezzat l-isforzi kollha li saru u ħalliet it-teatru b'fehma aktar profonda fuq l-ispirtu tal-Milied.

## Kunċerti tal-Milied

L-iskola Laura Vicuna kellha l-Kunċert tal-Milied, nhar il-Ħadd, 12 ta' Diċembru fit-Teatru Aurora. Kull klassi tellgħet mima, kant jew danza relatati mal-Milied. Bejn *item* u oħra ħafna tfal urew x'talent għandhom fuq il-pjanu u l-vjolin u bil-kant u żfin.



Diversi skejjel oħra privati taw kunċerti tal-Milied f'diversi swali fir-Rabat u fl-irħula, b'sodisfazzjon kbir għall-ġenituri u qraba tat-tfal.

## 'Gaudete Gaudete' fis-Sannat



***Gaudete Gaudete*** **- Ifirħu Ifirħu** - Dan kien l-isem tant addattat għall-kunċert tal-Milied li ttella' fil-parroċċa ta' Santa Margerita is-Sannat nhar il-Ħadd 19 ta' Diċembru fis-6.30 ta' filgħaxija. Fil-kunċert ħadu sehem is-sopran Georgina Gauci, il-*Cordia String Quartet* kif ukoll Jacob Portelli fuq l-arpa. Il-programm kien wieħed varjat u deher ċar li kien apprezzat mill-udjenza numeruża li attendiet. Eżatt ġimgħa qabel il-Milied din kienet tassew okkażjoni sabiħa biex wieħed jiċċelebra l-ferħ, il-paċi u l-imħabba li jnissel fi qlubna t-Twelid tal-Messija.

## Għajnuna Finanzjarja mill-Fond Ewropew lil Ta' Pinu

Is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu qed jingħata għajnuna finanzjarja mill-EU wara li applika għal grant taħt il-Fondi ta' Koeżjoni għal Malta 2007 – 2013. Din l-għajnuna ta' 85% fuq proġett ta' €400,000, ser tingħata biex isir xogħol li jgħin biex jerġa' jinfetaħ mill-ġdid il-Mużew Dar Karmni Grima kif ukoll biex jiġu rrestawrati 12-il pittura, xogħol l-artist Malti Joseph Briffa.

Ix-xogħol fuq il-mużew ser jikkonsisti filli jsir xi xogħol strutturali, sistemi ġodda ta' dwal, preżentazzjoni awdjo-viżiva tal-ħajja ta' Karmni Grima u l-messaġġ li rċeviet mingħand il-Madonna, jiġi stallat lift biex ikun hemm aċċessibbiltà għal kulħadd u ssir sistema ta' użu mill-enerġija solari biex hekk jitnaqqas il-ħela tal- enerġija u emissjonijiet tal-karbonju.

Il-ħsieb wara dan l-investiment huwa li l-mużew ikun attrezzat kif jitolbu l-ħtiġijiet ta' mużewijiet fid-dinja tal-lum u allura jiġbed turiżmu reliġjuż lejn pajjiżna b'enfasi lejn il-Gżira ta' Għawdex. It-turiżmu reliġjuż huwa qasam importanti ferm fl-industrija turistika u diversi siti reliġjużi jgħinu mhux ftit lil dan is-settur fil-pajjiż fejn jinsabu. Huwa stmat li madwar 300 sa 330 miljun pellegrin iżuru siti reliġjużi madwar id-dinja. Il-ħsieb prinċipali tar-Rettur tas-



Santwarju huwa fuq kollox li permezz tal-Mużew Dar Karmni Grima jinxtered iktar il-messaġġ li l-Madonna għaddiet lil din ix-xbejba sempliċi f' Ta' Pinu.

Max-xogħlijiet li ser isiru fil-Mużew ser jiġu rrestawrati ukoll 12-il pittura ta' Joseph Briffa li jinsabu riprodotti fil-mużajk ġewwa s-Santwarju Ta' Pinu. Dan il-wirt artistiku juri 12-il episodju mill-ħajja tal-Madonna u li kien sar bejn l-1948 u l-1952. Dan ser ikun it-tieni sett ta' arti ta' valur imprezzabbli li s-Santwarju ser irodd lura bħala patrimonju nazzjonali biex ikun jista' jitgawda minn kulħadd wara li sentejn ilu tlesta r-restawr fuq il-pittura ta' Emvin Cremona. Ir-restawr tal-pittura ta' Joseph Briffa li diġà beda, ġie fdat f'idejn Fr Charles Vella u Joanna Hili Micallef li żgur għandhom l-esperjenza neċessarja biex jagħmlu dan ir-restawr li huwa neċessarju.

Ix xogħol kollu, kemm fuq il-Mużew, kif ukoll fuq ir-restawr tal-arti, għandu jieħu madwar sentejn. Ix-xogħol ta' restawr tal-mużew tad-Dar ta' Karmni Grima għandu jibda dalwaqt hekk kif il-MEPA tapprova l-proposti mressqa.

## *Iżuru l-morda fi djarhom*



Nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru, il-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ min-Nadur sfidaw il-temp xitwi sabiex iżuru u jagħtu r-rigal tal-Milied lill-anzjani u lil dawk kollha li ma joħorġux mid-dar. Ħames gruppi ta' żgħażagħ, flimkien ma' saċerdot u *Father Christmas* ħarġu jduru mit-tmienja ta' filgħodu sabiex iżuru aktar minn 135 dar fin-Nadur. Il-persuni ngħataw kaxxi tac-ċikkulatini u ornament maħdum miż-żgħażagħ li jagħmlu parti mill-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ. L-anzjani u l-morda irċivew l-Ewkaristija Mqaddsa. Iż-żgħażagħ kantaw innijiet tal-Milied qabel ma komplew fi triqthom lejn dik id-dar li kien imiss fuq il-lista. Din hi attività annwali li ilha ssir ġewwa n-Nadur għal aktar minn għaxar snin u żgur li tgħin ħafna sabiex l-ispirtu ta' Kristu jinħass f'dawn iż-żminijiet ta' Festi.

## *Kunċert taż-żfin fl-Oratorju Don Bosco*



Nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru l-istudenti tal-*Ballet* fi ħdan l-iskola tad-*Drama*, tellgħu l-kunċert annwali tal-Milied, fl-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat. 'Il fuq minn 200 studenta ħadu sehem bl-etajiet ivarjaw minn tfal ta' tliet snin sa tfajliet kbar ta' 'l fuq minn għoxrin sena. Dawn ippreżentaw għoxrin żifna b'koreografija tal-għalliema tagħhom l-Avukatessa Simone Grech, Dr Sarah Grima, Ms. Eleonora Cauchi u Ms. Sarah Clare Saliba. Fl-aħħar tal-kunċert ġew ippreżentati ċ-ċertifikati maħruġa mir-*Royal Academy of Dance* lill-istudenti li għaddew mill-eżamijiet li saru f'Ġunju li għadda.

## *Ħarġa għall-abbatini taż-Żebbuġ*



Nhar it-Tlieta 28 ta' Diċembru, festa tal-Qaddisin Trabi-Martri Innoċenti, l-Arċipriet taż-Żebbuġ, il-Kanonku Reuben Micallef organizza ħarġa għall-abbatini kollha tal-parroċċa. Huma żaru diversi presepji madwar Għawdex u l-wirja tal-presepji f'waħda mis-Swali tal-wirjiet, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex. Il-ħarġa ntemmet b'ikla għalihom fiċ-ċentru parrokkjali tal-parroċċa. Fir-ritratt jidhru l-abbatini, quddiem il-presepju armat fuq in-naħa ta' quddiem tal-knisja Arċipretali taż-Żebbuġ, flimkien mal-Arċipriet Dun Reuben Micallef, Dun Geoffrey G. Attard, id-djaknu Simon Cachia u s-Seminarista Mark Bonello li jservi fil-parroċċa.

## *Lejla Soċjo-Kulturali fil-Qala*



Lejla soċjo-kulturali saret fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp, il-Qala nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru.

Intitolat *Gozo International Celebration* – edizzjoni tal-Milied, ħadu parti fil-kunċert, il-Kor Sant'Anna ta' Marsaskala, il-*Fourtissimo trumpet quartet*, il-Kor Magnificat, is-soprani Ruth Portelli u Patricia Buttigieg, it-tenur Joseph Buttigieg u l-artista Valerie Mejlak. Lejn l-aħħar tal-kunċert, il-Kor Magnificat ġie ppreżentat b'ġieħ Horace Mercieca.

## *Għotja ta' €50,000 għal kull proġett marbut ma' Eko-Għawdex*



Il-Ministeru għal Għawdex nieda skema ta' finanzjament għal proġetti marbuta mal-programm eko-Għawdex, imwettqa minn Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs) u għaqdiet volontarji Għawdxin. Permezz ta' din l-iskema, kull NGO u għaqda volontarja tista' tibbenefika minn kontribuzzjoni ta' 95% tan-nefqa totali sa massimu ta' €50,000, għal proġetti li jkunu qed jimplimentaw tal-inqas waħda mit-80 proposta tal-Pjan ta' Azzjoni ta' eko-Għawdex għas-snin 2010 – 2012.

Din l-iskema tħabbret waqt konferenza tal-aħbarijiet mogħtija mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, wara li fil-jiem li għaddew l-istess Ministeru nieda skema simili għal proġetti mwettqa mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi f'Għawdex. Il-Ministru Giovanna Debono stiednet lill-għadd ta' membri ta' NGOs u ta' għaqdiet volontarji Għawdxin li kienu preżenti biex jindividwaw proġetti li jistgħu jwettqu f'Għawdex u li huma konformi mal-kriterji tal-proposti elenkati fil-pjan ta' azzjoni, u li jkunu ta' benefiċċju u ta' ġid għas-soċjetà Għawdxija. Debono tat diversi eżempji ta' proġetti li jistgħu jitwettqu minn dawn l-għaqdiet, fosthom proġetti ta' *energy efficiency* u *energy saving*, proġetti għall-ħażna tal-ilma, programmi ta' għarfien dwar l-obeżità, stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, azzjoni kontra l-abbuż tal-alkoħol u titjip, promozzjoni internazzjonali għas-settur tad-*diving*, l-iżvilupp ta' *childcare facilities* fil-komunità, taħwil ta' siġar, inizjattivi relatati ma' l-agro-turiżmu u eko-turiżmu, kif ukoll tnaqqis ta' emissjonijiet tat-traffiku u *electric cars*.

Il-proġetti li ser ikunu qed jibbenefikaw minn din l-iskema ser jitħabbru matul Frar 2011, u għandhom jiġu implimentati sa Novembru 2011.

## *L-Iscouts fl-iStrina 2010*



Għat-tieni sena konsekuttiva, il-*Victoria Scout Group* ħa sehem fl-attività tal-iStrina, maratona ta' 12-il siegħa li tiġbor fondi b'risq il-*Community Chest Fund*, liema għaqda tinsab taħt il-patroċinju tal-Eċċ. Tiegħu, il-President ta' Malta, Dr George Abela.

Din is-sena, nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru, il-*Group* tella' *camp site* (fiċ-ċokon) fi Pjazza Indipendenza u mill-kċina servew xorb sħun. Bena ukoll torri u '*aerial runway*' li kienet popolari ħafna mal-ġenerazzjoni żagħżugħa. Min ried seta' jaqsam minn naħa għall-oħra tal-pjazza b'mod mhux tas-soltu. Scowts oħra lestew brazzuletti tal-ġild u ħbula. Wara nofsinhar xi membri oħra ħadu sehem fil-mixja minn Pjazza Savina sas-Santwarju ta' Ta' Pinu.

L-iScowts qattgħu ġurnata sħiħa fil-Pjazza u sa xħin telqu għall-ħabta ta' nofsillejl kienu ġabru s-somma sabiħa ta' €2153. Il-President ta' Malta għamel żjara qasira fil-pjazza u ingħata ċekk bil-flus miġbura sa' dak il-ħin.

## *Kunċert Annwali mill-Chorus Urbanus fil-Bażilika ta' San Ġorġ*

Il-*Chorus Urbanus* għadu kemm ippreżenta l-kunċert annwali tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, *Il-Kunċert tal-Milied*, nhar il-Ħamis, 23 ta' Diċembru 2010. Il-kunċert ta' din is-sena kien qed ifakkar il-35 sena mit-twaqqif tal-kor lejlet il-Milied tal-1975 bħala l-kor residenti tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Kien għalhekk xieraq li l-kunċert ta' din is-sena, għal darba oħra nżamm f'din il-bażilika.

Mons. George Bezzina, wieħed mill-membri tal-bidu ta' dan il-kor u preżentament id-direttur spiritwali ta' l-istess kor, għamel diskors ta' introduzzjoni li fih elenka l-episodji prinċipali fl-istorja tal-kor f'dawn l-aħħar 35 sena. Wara

d-diskors, il-kor akkumpanjat mill-*Urbanus Festive Orchestra* fetaħ l-ewwel parti ta' dan il-kunċert iddedikata kompletament għall-mużika ta' Wolfgang Amadeus Mozart.



Waqt intervall qasir, il-Kav. Joe M Attard qara poeżija tiegħu miktuba għall-okkażjoni filwaqt li sarct il-ġabra b'risq il-Fondazzjoni Arka. Intwera wkoll *feature* awdjo-viżiv fuq l-istorja tal-*Chorus Urbanus*, produzzjoni ta' *CVC Productions* li dan l-aħħar akkumpanjaw lill-kor fil-mawra li għamel fi Giarre (Sqallija).

It-tieni parti tal-kunċert, li kienet iddedikata internament għal għanjiet tradizzjonali tal-Milied fetħet bl-għanja tradizzjonali Maltija *Ninni La Tibkix Iżjed* fejn il-membri żgħar tal-*Chorus Urbanus* ingħaqdu proċessjonalment mal-kor tal-kbar waqt l-esekuzzjoni ta' din l-għanja. Wara s-sezzjoni tat-tfal kantaw *Ejjew La Ddumux*, *Walking in the Air* (solista: Angelica Portelli) u *Jien Tifel Fqajjar* (solista: Stefan Scerri). Il-*Chorus Urbanus* imbagħad akkumpanja lil Mario Portelli (ten) u lil Noel Galea (bass) fl-esekuzzjoni ta' *O Little Town of Bethlehem* u *God Rest Ye Merry Gentlemen*. Għall-kunċert ta' din is-sena, l-kor żanżan arranġament interessanti ħafna ta' l-għanja popolari *Little Drummer Boy*. Il-programm uffiċjali ntemm bil-*carols* popolari u mistennija *Adeste Fideles* (solo: Noel Galea) u *The Ukrainian Bell Carol*. Bħala *encore*, il-*Chorus Urbanus* esegwixxa *Hallelujah* mill-*Messiah* ta' Handel fejn biex titkompla t-tradizzjoni, l-udjenza preżenti segwiet l-esekuzzjoni ta' din il-biċċa mużikali bilwieqfa.

Il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni mużikali ta' Dr. John Galea. Id-direzzjoni artistika ta' dan il-kunċert kienet fdata f'idejn l-artist Austin Camilleri li rnexxielu joħloq effett ta' dawl suġġestiv li kompla ħoloq atmosfera maġika matul il-kunċert. Preżenti għall-kunċert kien hemm l-Aġent President, l-Hon. Anton Tabone, is-Sindku tal-Belt Victoria, Dr Samuel Azzopardi, l-Arċipriet ta' San Ġorġ, Mons. Pawl Cardona u diversi membri tal-Kapitlu Ġorġjan.

## Ġirja bir-roti u bil-mixi lejn Ta' Pinu



Nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru 2010, l-għada tal-Milied, il-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta, organizzaw attività ġirja bir-roti u bil-mixi b'risq il-*Malta Community Chest Fund* fl-istess ħin li kienet għaddejja L-Istrina.

Minbarra din l-attività, ittella' ukoll programm ta' attivitajiet taħt it-tinda fi Pjazza Indipendenza fil-Belt Victoria li baqa' għaddej sa tard filgħaxija meta ntemm b'kunċert li għalih f'xi ħin attenda wkoll il-President ta' Malta George Abela.

Meta l-President kien Għawdex, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono ppreżentatlu 1,800 ewro miġbura mill-attività ta' dik il-lejla. Chris Said, Segretarju Parlamentari waqt illi rringrazzja lil President talli ġie Għawdex allavolja kellu ġurnata mpenjattiva, ippreżentalu għotja ta' 1,000 ewro li ġabar minn għand il-ħbieb u l-famlja tiegħu. Flimkien ma' 10,174 ewro miġbura fit-tielet ġimgħa ta' Novembru min-numru ta' attivitajiet organizzati minn diversi Kunsilli Lokali. Anthony Zammit, Direttur - *Astra Folk Group*, fl-okkazjoni tal-40 anniversarju mit-twaqqif tal-Grupp, ippreżentalu 1,250 ewro. Għotjiet oħra saru minn Matthew Sultana għan-nom tas-Soċjetà Filarmonika Leone, li ppreżentalu 1000 ewro u mis-Sindku tal-lokalità tax-Xewkija, l-Avukatessa Monika Vella li ppreżentatlu 485 ewro. Preżentazzjoni oħra saret minn Lorrie Saliba f'isem il-*Victoria Scout Group*, liema somma qabżet l-elfejn ewro.


**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 9.30am - 12.30pm*





*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

**RIFLESSI** — *Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*



# Għaddew il-btajjel... ħarsa 'l quddiem!

Il-btajjel tal-Milied għaddew u issa t-tfal ta' l-iskola qed jerġgħu lura lejn il-bankijiet tal-klassi. L-istess jagħmlu dawk tas-*6th form*, tal-*Junior College*, ta' l-MCAST, u dawk ta' l-Università. Naħseb li anke l-ħaddiema ta' l-id u tal-pinna wkoll ħadu xi vaganza u issa jinsabu lura fuq il-postijiet tax-xogħol mnejn iridu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum.

Sallum it-tiżjin kollu reġa' ddaħħal fil-kaxxi u sab postu merfugħ fuq xi raf sa ma jerġa' jekk Alla jrid, ifeġġ mal-wasla ta' Diċembru jew tmiem Novembru. Jiena ma nħobbx inżarma kollox qabel ma jgħib is-sitta ta' Jannar u bħali żgur li għad fadal ħafna. Il-Presepji wkoll qed jiżżarmaw għad li xi ftit minnhom jibqgħu s-sena kollha bħal dak ta' Bastjan fiż-Żebbuġ u tas-Sur Frankie Mizzi fil-bidu tal-Fontana, li f'dal-każ, mhux biss ma jiżżarmax, anzi għandek dejjem taralu xi żieda jew bidla kull meta jfettillek tmur tħabbat fuq bieb tal-koppja Mizzi. Fi Triq ir-Repubblika Victoria, taħt il-bini tal-Kurja ta' l-Isqof, minn xi snin 'l hawn, "l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju" għandha Wirja Permanenti tal-Presepju li tkun miftuħa kull nhar ta' Gimgħa wara nofsinhar.

Intant irrid ngħid Prosit lil dawk kollha li bnew xi presepju u ħallew biebhom miftuħ biex stajna mmorru narawh. Fiż-Żebbuġ bħal dejjem David Xuereb bena presepju sabiħ li jdum xi ftit armat. **Fin-Nadur, fil-Qasam tas-subien (Museum), rajt presepju wkoll sabiħ u mdaqqas apparti l-fatt li dawn is-soċji magħrufin għat-tiżjin li jagħmlu f'din it-tieni dar tagħhom.** Fir-raħal ċkejken ta' l-Għasri laqatni ħafna l-Presepju li bena s-Superjur tal-Museum fil-qasam tiegħu waqt li Anton Sillato fir-Rabat ukoll żamm l-appuntament tiegħu. F'Għajnsielem għoġobni ferm il-Presepju ta' Herman, waqt li fi Triq il-Kappuċċini żort ieħor interessanti, xogħol l-aħwa Manwel u Ġanni Grech, kif ukoll dak li bena Ġorġ taż-Żejtun għand l-irħieb iktar 'l isfel. *Betlehem f'Għajnsielem* reġa' ġibed il-folol.

Ir-raħal tax-Xagħra wkoll jipprovdi l-okkażjoni biex toħroġ iżżur xi presepji, fosthom wieħed ħaj li jagħmlu tan-Nazzarenu fejn rajt ieħor taħt l-istess knisja. Fil-parroċċa wkoll u fil-Museum tas-subien ta' kull sena jintrama l-Presepju filwaqt li mhux wisq bogħod minn hawn, mort nara l-Presepju li jagħmel iż-żagħżugħ Victor Agius, l-uniku student universitarju sa fejn naf jien li kien għamel it-teżi tiegħu fuq il-Presepju. Mill-ġdid fir-Rabat, Toni Vassallo ta' kull sena jaħseb kmieni biex jibni presepju kollu tax-xama' bil-pasturi b'kollox. Presepju ta' ċertu kobor rajt fiċ-Ċentru Parrokkjali tax-Xewkija – tassew kien fih x'tara! Imħabba nuqqas ta' spazju mhux possibbli nikkummenta fuq il-presepji kollha li dort iżda nassigurakom li kollha kienu sbieħ u għal qalbi.

Dan kollu ktibtu biex iservi ta' gwida għal dawk kollha li mal-wasla ta' Diċembru jagħmlu l-ħsieb li jduru l-Presepji bħalma nħobb nagħmel jien, biex b'hekk inżommu ħajja l-kultura u l-għożża tal-presepju, il-qofol ta' kull Milied. Id-Dipartiment tal-Kultura jagħti xi ftit ta' l-għajnuna lil dawk li jitħajru jibnu l-presepju u jiftħuh għal wiri u anke joħroġ lista tagħhom. U minn dawn kellna erbgħa u tletin parteċipant. Numru sabiħ u inkoraġġanti!

Issa rridu nħarsu 'l quddiem u naraw x'hemm għalina fil-futur. Matul Jannar għandna l-festa fix-Xagħra ta' Sant Anton Abbati kif ukoll tiġi wara, l-festa ta' San Franġisk de Sales Isqof ta' Ginevra u Patrun tal-Ġurnalisti u Mons. Isqof Mario Grech ma jonqosx li jiltaqa' magħhom u jqaddsilhom. Jaslu wkoll il-festi tradizzjonali tal-Karnival. Il-festa ta' San Ġwann Bosco tilħaq il-qofol tagħha fl-aħħar jum ta' Jannar bil-purċissjoni u l-kunċert mill-*Gozo Youth Wind Band & Orchestra* taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech. Matul it-tielet *weekend* ta' Jannar, f'Ta' Ċenċ, il-Moviment ta' Kana jagħmel il-Festa tal-Familja u jagħti l-"Qalb tad-Deheb" lil xi familja Għawdxija li matul is-sena tkun ġarrbet b'rassenjazzjoni xi gwaj u problemi oħra.

Għal-lum daqshekk! Insellmilkom u nixteqilkom kull saħħa u ġid. Għamiltu xi proponiment għas-sena 2011!?

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI




***Pass 'il quddiem fl-edukazzjoni tas-subien***

*"The school built at the cost of 8.1 million Euro, replaces both the previous area secondary school and the Junior Lyceum. It caters for 700 students and 100 teachers... It boasts of nine science laboratories, eight workshops which include machine tools, specialized language labs for French, Italian, German and Spanish and a 9,500-book library. Form five students are given a taste of working life with job shadowing experiences...The Prime Minister said the state school system was being upgraded with a wider range of professionals to cater for students, such as resource workers, psychologists, counselors and speech therapists..."*

**Rapport**, *The Times*, December 4, 2010

***Dwejra, Dwejra 'l fejn sejra ?***

*"The European Commission denied being satisfied with the replies it got from the planning authority over the Dwejra filming incident, as the regulator's chairman told a television station a few days ago... A Commission spokesman yesterday insisted the case is still not closed. 'It is absolutely not true we have told MEPA we are satisfied with their replies... For us the case is still being investigated,' the official said."*

**Ivan Camilleri**, *The Times*, December 4, 2010

***Minn Jannar sa Ottubru din is-sena f'Malta ġew 418,561***

*"The cruise liner ms Island Sky (local representatives Thomas Smith) dropped anchor at Gozo for a day for its 83 passengers, mainly British, to tour the island. With 69 crew members, the Island Sky offers five-star services... Seven ships have stopped at Gozo this year, landing some 3,050 passengers."*

**Rapport**, *The Malta Independent*, December 20, 2010

***Fis-Sena Internazzjonali tal-Biodiversità***

*"This is the International Year of Biodiversity. Someone, a few weeks back, had another 'brilliant' idea for this eco-island – to clean the valleys. With myopic ingenuity, devoid of any ecological sensitivity, and of any environmental management, the Marsalforn valley was bulldozed. By all means, let the valleys be cleaned to be in a better position to hold more water, as they used to do in the distant past. But for heaven's sake this is not the way: descending on valleys and destroying all ecosystems in the bulldozers' path. The end does not justify the means. The valleys have been neglected, abused and mismanaged for so long. The bottom line again was economic gain..."*

**Alfred E.Baldacchino**, *The Times*, December 14, 2010

***Smajt biha din? L-arloġġ fi Triq Repubblika reġa' beda jaħdem!***

"Arloġġ bħal dan wieqaf fiċ-ċentru ta' beltna jagħmel reklam ħażin lil Għawdex tagħna. Iżda fejn dan l-arloġġ hemm xi ħaġa stramba li, għalkemm semmejtha kemm-il darba, għadha hemm. Qed nirreferi għar-rampa li hemm viċin li tintuża għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u anki minn ġenituri bil-*pushchairs*. Stramba imma vera din ir-rampa, għax tinżel ġo *parking bay* fi Triq ir-Repubblika. Jiġifieri jekk ikun hemm karozza pparkjata, din ir-rampa ma tistax tintuża."

**Carmel Saliba**, *In-Nazzjon*, 21 ta' Diċembru 2010

***Min dari ta l-għajnuna, xhin ġie bżonnha ma sabhiex!***

*" 'We expected action to be taken – we just want justice to be done', former secretary of the Gozo Red Cross, Etienne Micallef said yesterday after a press conference in Gozo. Mr Micallef, together with other committee members of the Gozo branch, resigned en bloc on Saturday – less than 24 hours after they were locked out of their Xewkija premises by private security guards and suspended by the Malta office...The Gozo branch, which has 80 per cent of the combined Malta and Gozo Red Cross force, were feeling cut off. 'We have become ghosts,' he said".*

**Juan Ameen**, *The Times*, November 29, 2010

***Ipparkjar fuq jew taħt?***

*"The Malta Environment and Planning Authority (MEPA)'s own heritage watchdog is calling on the church authorities to consider an underground car park at Ta' Pinu, instead of an enormous 3,064square metre surface car park for pilgrims visiting the Ta' Pinu shrine... The NHAC said an underground parking will do away with any negative visual impact of the car park and retain the soil surface for suitable landscaping."*

**James Debono**, *MaltaToday*, December 19, 2010

***Bethlehem f'Għajnsielem: Prosit mistħoqq!***

"Din is-sena f'dan il-villaġġ hemm anke lukanda – hekk ħabbret il-gazzetta Taljana "La Repubblica", fil-ħarġa tagħha tat-3 ta' Diċembru, *Malta, nel presepe vivente ora c'è anche un hotel.* Kunċett interessanti dan u biż-żmien qiegħed dejjem iservi biex iressaq in-nies, anke barranin, lejn il-gżira tagħna."

**Asterisk**, *Il-Ġens Illum*, 18 ta' Diċembru 2010

AĦSEB BIEX IĠĠEDDED
L-ABBONAMENT TIEGĦEK

## MILL-PARLAMENT

### *Livell ta' radio activity f'Għawdex*

**21939. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk sarux testijiet minn xi awtorità kompetenti sabiex jistabbilixxu l-livell ta' *radio activity* fl-art, fil-baħar u fl-arja tal-gżejjer Għawdxin? X'kienu r-riżultati ta' dawn it-testijiet, meta saru u minn min? *25/11/2010*

**Tweġiba:** Infurmat li l-Awtorità ta' Malta dwar Ambjent u l-Ippjanar tiġbor kampjuni ta' l-ilma baħar u tal- ħamrija minn Għawdex, skont kif ġie mfassal fil-pjan nazzjonali għall-monitoraġġ ta' radjoattività fl-ambjent Malti. Il-kampjuni tal-ilma baħar jinġabru darba kull tliet xhur mill-akkwati tax-Xwejni filwaqt li kampjuni tal-ħamrija jinġabru fil-viċinanzi tal-istazzjon għall-monitoraġġ tal-arja fl-Għarb darba fis-sena.

Dawn il-kampjuni jintbagħtu ġewwa laboratorji barra minn Malta u l-analiżi ssir permezz tat-teknika tal-ispettroskopija permezz tar-raġġi gamma (*gamma spectroscopy*). Ir-riżultati tal-analiżi jindikaw li ma hemm l-ebda traċċi ta' l-isotopu ta' Ċesju (Caesium) 137 filwaqt li nstabu livelli baxxi ta' isotopi naturali.

Fil-rigward tal-monitoraġġ tal-arja ser jiġi kkummissjonat apparat ġdid minn fuq fondi tal-ERDF ġewwa Għawdex. Dan l-apparat ġewwa Għawdex mhux mandatorju mill-ebda leġiżlazzjoni Ewropea jew Internazzjonali u ser jiġi kkummissjonat fuq inizzjattiva tal-MEPA. *01/12/2010*

### *Għawdex - Air strip*

**21952. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudju ta' fattibbiltà dwar bini ta' *airstrip* f'Għawdex kummissjonat mill-Kumitat Reġjonali għal Għawdex u li ġie mgħoddi lill-MCESD? Jista' jgħid jekk dan l-istudju ġiex diskuss fl-MCESD? Jekk fl-affermattiv, meta ttieħdet deċiżjoni dwaru, meta ttieħdet u x'inhi? *25/11/2010*

**Tweġiba:** Jien infurmat li l-GRC ma kkumissjonax studju ta' fattibbiltà dwar bini ta' *airstrip* f'Għawdex.*06/12/2010*

### *Riforma tat-trasport pubbliku f'Għawdex*

**21951. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli AUSTIN GATT (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni):** Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu u tħallsu flus s'issa din is-sena għar-riforma tat-trasport pubbliku f'Għawdex? Fuqhiex intefqu? Jista' jgħid ukoll kemm hemm flus maħsuba għall-istess riforma għall-2011? Taħt liema *Item of Expenditure* huma mdaħħla? *25/11/2010*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li din is-sena ntefqet is-somma totali ta' €95,163.84 fi spejjeż relatati mar-riforma tat-Trasport Pubbliku f'Għawdex. Dawn l-ispejjeż intefqu fl-ammont ta' €60,395.99 fil-proġett tat-terminus ġewwa Victoria, li jinkludu spejjeż ta' garanziji u permessi relatati



mal-MEPA, u l-ammont ta' €34,767.85 fil-proġett tal-garaxx ġewwa x-Xewkija, li jinkludu spejjeż ta' garanziji, permessi relatati mal-MEPA u rapporti relatati ma' sigurtà.

Infurmat ukoll li għas-sena 2011, hu stmat li se jintefqu €324,349 fi spejjeż relatati mar-riforma tat-Trasport Pubbliku f'Għawdex. Dawn l-ispejjeż se jintefqu f'xogħlijiet ġewwa t-Terminus tal-Victoria, biex isiru modifiki ta' bankini li hu stmat li se jammontaw għal €137,886, xogħlijiet ta' asfaltar li hu stmat li se jammontaw għal €130,820 u xogħlijiet f'akkomodazzjoni għax-xufiera li hu stmat li se jammontaw għal €55,643.

Jien infurmat li dawn l-ispejjeż qed ikunu mniżżla taħt il-Vot Prinċipali allokat lill-Awtorità mill-Ministeru tal-Finanzi. *06/12/2010*

### *Nuqqas ta' Diovan 80 fl-ispiżeriji Għawdxin*

**22062. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Peress li fil-farmaċiji ta' Għawdex u dik tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex hemm nuqqas ta' Diovan 80, tista' l-Ministru tara li dawn il-pilloli jiġu suppliti biex ikun jista' jinqeda l-pubbliku? *30/11/2010*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, il-pazjenti ma naqsu qatt li jiġu mogħtija d-Diovan 80 fejn dan kien meħtieġ.

Ninforma ukoll lill-Onorevoli Interpellant li l-mediċini provduti fl-ispiżeriji affiljati fl-iskema *"Pharmacy of Your Choice"* f'Għawdex, bħal dawk f'Malta, huma amministrati mill-Ministeru tas-Saħħa. Għalhekk nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija tagħha lil dan l-istess Ministeru. *06/12/2010*

### *Università ta' Malta - Dipartiment tal-Famlija - budget allokat*

**21040. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli DOLORES CRISTINA (Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja):** Tista' l-Ministru tgħid kemm huwa l-*budget* allokat għad-Dipartiment tal-Famlija fl-Università ta' Malta? 03/11/2010

**Tweġiba:** Il-Ministeru jalloka €20,000 għaċ-Ċentru għall-Istudju tal-Familja filwaqt li l-Universita ta' Malta allokat €5,500. *08/11/2010*

*Kummentarju (2)*

# *Quo Vadis Ewropa?*

## *Ħarsa lejn is-sitwazzjoni finanzjarja kritika f'diversi pajjiżi Ewropej*



*kitba ta'* MICHAEL GRECH

**Qiegħed nikteb dan l-artiklu lejlet deċiżjoni importanti meta qegħdin nistennew jekk l-Unjoni Ewropea hix ser tagħmel xi ħaġa sabiex issalva lil Irlanda u l-banek tagħha minn falliment.**

Xi xhur ilu, f'artiklu fuq din il-pubblikazzjoni, kont għamilt riferenza għall-problemli li l-UE sejra tiffaċċja fix-xhur li ġejjin minħabba li xi pajjiżi mill-istess UE setgħu jiġu f'diffikulatjiet kbar. Hekk qiegħed jiġri bħalissa, għax minbarra l-Irlanda għandna wkoll lill-Portugall li qiegħed taħt pressjoni kbira. Il-prezz tal-*bonds* tal-gvern ta' l-Irlanda tant niżel li l-pajjiż kellu jissellef b'rata ta' imgħax iżjed għolja minn xi pajjiż emerġent ta' l-Amerika Latina. Fil-fatt, per eżempju, l-Brażil kien qiegħed jissellef b'rata ta' madwar 5% u l-Irlanda kienet spiċċat qiegħda tissellef b'rata doppja ta' hekk. Din kienet sitwazzjoni ta' preokkupazzjoni kbira għall-UE, speċjalment għal dawk il-pajjiżi taż-żona Ewro, inkluża wkoll illum Malta.

Din is-sitwazzjoni serja kienet tfisser li l-UE kellha żżid pakkett ieħor ta' flus għal-Irlanda u probabbilment anke għal Portugall. Biss jekk il-problema sejra tinfirex ukoll għal Spanja, dan ikun ifisser problemi kbar għal pajjiżi li qegħdin fiż-żona Ewro għaliex jista' jkun li ma jkunx baqa' saħħa iżjed biex anke Spanja tiġi *"bailed out"*. Bħalissa għaddejja spekulazzjoni kbira x'jista' jiġri jekk l-Ewro jiġi taħt din il-pressjoni kollha. Hemm min hu tal-opinjoni li l-Ġermanja tista' tiddeċiedi li titlaq il-barra mill-Ewro u terġa' tmur għall-munita antika tagħha, id-*Deutsche Mark*. Jekk jiġri hekk tkun tfisser id-daqqa tal-mewt għall-Ewro għaliex il-Ġermanja tirrappreżenta x-xewka tad-dahar għal din il-munita. Hemm min hu tal-opinjoni li tista' ssir pressjoni qawwija, speċjalment mill-Ġermanja, fuq dawk il-pajjiżi li ma qagħdux attenti li jikkontrollaw id-dejn tagħhom u li anke ħallew lill-banek tagħhom jgħaffġu kemm jifilħu u ġabu rovina fuq nies, negozji u saħansitra fuq il-pajjiż kollu.

**Għall-grazzja ta' Alla Malta ma tinsabx f'din is-sitwazzjoni għaliex il-banek Maltin kienu ferm attenti fis-self tagħhom. Iżda jibqa' l-fatt li l-Gvern Malti jrid joqgħod attent ħafna li jikkontrolla n-nefqa pubblika biex hekk id-dejn nazzjonali jonqos. Ma ninsewx li d-dejn li jagħmel il-Gvern irid dejjem jitħallas lura mill-poplu permezz ta' taxxi diretti u indiretti, kif ukoll permezz ta' miżuri oħra li l-Gvern jieħu minn żmien għal żmien. Wieħed minn dawk li ilu jisħaq fuq din l-affari huwa Michael Bonello, gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Is-sur Bonello huwa bniedem rispettat ħafna fejn jidħlu finanzi u ekonomija**




**u għalhekk nemmen li l-pariri tiegħu lill-gvern u lis-soċjetà inġenerali għandhom jittieħdu b'serjetà kbira. Fi kliemu stess, ħafna nies kemm f'Malta u anke barra minn Malta *"have been living beyond their means"*.**

Quddiem dan ix-xenarju ta' *"doom and gloom"*, wieħed jistaqsi x'pożizzjoni għandu jieħu biex jipproteġi lilu nnifsu fuq l-investimenti li jkollu? Bħalissa s-sitwazzjoni internazzjonali hija tant konfuża li anki esperti barranin huma maqsuma fil-fehma tagħhom jekk aħniex resqin lejn perjodu ta' inflazzjoni qawwija jew inkella lejn perjodu ta' diflazzjoni. Għal min ma jafx inflazzjoni qawwija tfisser li l-imgħaxijiet tal-banek jitilgħu 'l fuq, il-ħajja togħla u effettivament il-valur tal-flus jispiċċa jonqos. Jekk per eżempju jiġri hekk, ifisser li min għandu f'idejh bħala investiment *bonds*, dan jista' jara l-valur tal-investiment tiegħu jinżel, speċjalment jekk dawk il-*bonds* ikunu fit-tul taż-żmien. Allura f'dak il-kas wieħed irid joħroġ minn *bonds* fit-tul u jidħol f'*bonds* iżjed qosra fiż-żmien.

Sforz ta' din l-inċertezza kollha, f'dawn l-aħħar sentejn rajna l-prezz tad-deheb jispara 'l fuq fejn illum qegħdin narawh f'livelli rekord għal dawn l-aħħar għoxrin sena bi prezz ta' madwar $1400 Amerikan kull uqija. Qegħdin naraw ekonomiji ta' pajjiżi emerġenti li għandhom ħafna riżorsi naturali ġejjin 'il-quddiem. Qegħdin naraw is-saħħa ta' muniti jonqsu fil-valur kontra muniti oħrajn. Xi żmien ilu wieħed bankier Svizzeru kien qiegħed jispjegali li d-dinja trid tmur lura *"back to basics"*. Huwa qalli li jaħseb li jista' jkun li waħda mill-iżjed affarijiet importanti għall-familja tkun li wieħed ikollu biċċa raba' x'imkien fejn jista' jżomm xi mogħża, ftit tiġieġ u fniek u jkabbar ftit ħaxix biex ikollu x'jiekol. Tinstema' bħala suġġeriment banali. Huwa ż-żmien li jagħtina parir jekk huwiex suġġeriment validu jew le!

*Kummentarju (3)*

# *Vot Turistiku għal Għawdex*



*kitba ta'* **FRANCO MASINI**

**Fil-Budget għas-sena 2011 li għadu kif għadda fil-Parlament hemm vot ta' €500,000 dedikat għall-pubbliċità turistika ta' Għawdex. Dan il-vot huwa ta' importanza kbira għax ifisser illi t-talba kostanti tal-industrija turistika Għawdxija ġiet għall-ewwel darba mismgħuha.** Is-somma mhix kbira għax b'nofs miljun Ewro ftit tista' tagħmel fis-suq multimiljunarju tar-reklami. Iżda huwa pass importanti 'l quddiem għaliex jidher li l-għajta għal pubbliċità dedikata partikolarment għal gżiritna tidher li l-awtoritajiet fehmuha u attwawha. Li hemm bżonn issa huwa li tibqa' ssir pressjoni biex din is-somma ssir iktar realistika f'*budgets* futuri.

Issa jitqajmu diversi domandi. Min se jamministra l-infieq ta' din is-somma? Kif se tintefaq? Fl-opinjoni tiegħi l-korp l-iktar addattat biex jamministra dis-somma pubbliċitarja huwa l-*Gozo Tourism Association*. Din l-organizzazzjoni għandha konoxxenza diretta tal-bżonnijiet pubbliċitarji għal Għawdex. Tifhem il-problemi u tista' tissuġġerixxi soluzzjonijiet. Jekk il-Gvern ma jafdax lil din l-organizzazzjoni bl-infieq ta' din is-somma minħabba regoli amministrattivi almenu għandu jħalli f'idejn il-GTA s-suġġerimenti ta' kif għandha tintefaq din is-somma u joqgħod fuqhom. Irridu nżommu quddiem għajnejna illi nofs miljun Ewro ma tantx iwassluk għaliex il-mezzi pubbliċitarji jiswew ħafna. Iżda bi ftit ħsieb wieħed jista' jikkrea kampanja pubbliċitarja modesta iżda effettiva biex nieħdu l-valur ta' kull ċenteżmu li nonfqu. Jiena naħseb li rridu nħallu f'idejn l-organizzazzjoni nazzjonali tat-turiżmu l-pubbliċità barra minn Malta fejn trid miljuni kbar biex tilħaq is-suq u tikkompeti ma' destinazzjonijiet oħra. Hawn Għawdex għandu jkompli jidher b'mod prominenti għaliex Għawdex jipprovdi inċentiv qawwi għal turist prospettiv li jrid jiġi fil-gżejjer tagħna. Is-somma allokata lil Għawdex tista' tintefaq ġo Malta biex tkabbar it-turiżmu intern. Tista' parti minnha, tiġi dedikata għal dak li jissejjaħ *micro-marketing*. Ċerti okkażjonijiet li jsiru f'Għawdex bħal ma huma l-opri, manifestazzjonijiet staġjonali bħal Karnival, il-festi tal-Milied, okkażjonijiet reliġjużi bħal Ġimgħa l-Kbira eċċ huma ideali biex jiġu pubbliċizzati u għalhekk jistgħu jibbenefikaw minn dan il-vot pubbliċitarju.

**Huwa importanti ħafna li din is-somma li ġiet ivvutata għall-ewwel darba, tintefaq b'mod għaqli li jagħti l-aħjar u l-ikbar pubbliċità possibbli lil Għawdex biex imbagħad wieħed ikun jista jiġġustifika**



**li 'l quddiem din is-somma tikber. Ikun żball jekk inħallu kollox f'idejn min il-problemi turistiċi ta' Għawdex ftit li xejn jafhom.** Għalhekk huwa importanti ħafna li l-GTA mingħajr telf ta' żmien tieħu l-inizjattiva biex jitfassal pjan ta' kif se tiġi mqassma din is-somma. Wara kollox l-investiment pubbliċitarju jrid isir ferm qabel l-istaġun turistiku għaliex it-turist prospettiv ikun affaċċjat b'ħafna messaġġi pubbliċitarji biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu ferm qabel l-istaġun.

*francomasini@gmail.com*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*Ftit fatti u kummenti*

# Nagħmlu l-għażliet tajba tagħna... bil-mod jew f'daqqa?



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD

**Ir-riċerka turi li hemm żewġ strateġiji bażiċi biex wieħed jirnexxielu jbiddel u jżomm dieta tajba u tip ta' ħajja (*lifestyle*) sana. L-ewwel metodu hu billi wieħed jagħmel tibdil żgħir u bil-mod biex dak li jkun ma jiddejjaqx mit-tibdil li jkun hemm bżonn isir. Hekk dak li jkun jiekol ftit anqas kuljum u jimxi ftit aktar kuljum. Biż-żmien dawn it-tibdiliet żgħar flimkien iwasslu għal bidla akbar.**

It-tieni metodu huwa billi dak li jkun jagħmel bidla kbira mill-ewwel u f'daqqa. Din tidher xi ħaġa li ma titwemminx speċjalment għalina t-tobba fejn aħna nafu li xi drabi anke biex tipperswadi pazjent jieħu l-pillola tal-pressjoni kuljum huwa diffiċli, u għalhekk iktar u iktar diffiċli tipperswadih ibiddel id-dieta u l-mod kif igħix drastikament billi jagħmel l-eżerċizzju, ma jpejjipx, jiekol anqas, ma jiekolx xaħmijiet, laħmijiet u zokkor, jimmedita u jqatta' iktar ħin mal-familja, mal-ħbieb u jagħmel affarijiet li jieħu gost bihom.

### *Bidla radikali*

Skont riċerka li saret fuq medda ta' 30 sena mill-Professur Dean Ornish sabu li iktar jirnexxielek li tagħmel bidla radikali milli toqgħod tipprova tagħmel tibdiliet żgħar u bilmod. Meta tagħmel tibdiliet kbar u f'daqqa tesperjenza bidla fik li wara tħallik iktar sodisfatt. Ħafna nies meta jagħmlu bidliet drastiċi tant iħossuhom aħjar li l-biża tal-mard u tal-mewt li kellhom qabel, jisparixxi u jinbidel f'gost u fis-sbuħija tal-ħajja f'temp ta' xahar jew inqas.

Raġuni oħra għaliex bidla kbira u f'daqqa fid-dieta hija iktar effettiva għaliex meta inti tibdel id-dieta tiegħek f'daqqa, l-preferenzi tiegħek f'dak li jogħġbok jinbidlu wkoll. Per eżempju, meta taqleb għal ħalib xkumat minnflok ħalib iċħor tas-soltu, l-ewwel darba l-ħalib xkumat itiehem qisu ilma, iżda wara ftit ta' ġranet tixrob il-ħalib xkumat, jibda jsir jogħġbok u meta xi darba bi żball jagħtuk ħalib normali, inti mill-ewwel tittendi u ma jogħġbokx. Għall-kuntrarju, l-oħra jekk tibqa' tieħu ħalib normali u xi kultant tieħu ħalib xkumat, inti qatt mhu ser tidra l-ħalib xkumat u jibqa' jogħġbok il-ħalib normali li fih iktar xaħam.





Dan kollu li għidna jiddependi mill-konvinzjoni tagħna li nagħżlu. Kollox jiddependi mill-individwu jew minn kemm għandu rieda soda li jbiddel u x'għażliet irid jagħmel. Iktar ma wieħed ikollu rieda li jrid jinbidel u jagħmel għażliet tajba, iktar jara kambjament għall-aħjar malajr u bidliet pożittivi fis-saħħa tiegħu u fil-ħajja tiegħu b'mod ġenerali anke jekk il-bidu jkun ftit iebes.

Ma tagħmilx sens jekk inti bil-għażla tiegħek tkun ser tiċċaħħad minn xi ħaġa li kienet tagħtik gost, jekk inti bil-għażla tiegħek ma takkwistax xi ħaġa oħra li xorta tagħtik gost u sodisfazzjon malajr. Il-bniedem irid dejjem jagħmel l-għażliet deċiżivi tiegħu fil-ħajja u ma jridx jibża jbiddel, avolja ikun hemm bżonn ta' bidla radikali, basta dik il-bidla tkun ser tiswielu ta' ġid għal saħħtu u tagħtik sodisfazzjon. Biex jirnexxielek tagħmel dan wieħed irid jifhem u jissettja l-moħħ tiegħu li dak li ser ikun jagħmel huwa ta' veru ġid għalih u mhux bħala kastig. Fi kliem ieħor qatt ma għandek tagħmel xi ħaġa kontra qalbek.

### *"Think positive"*

Is-sigriet huwa li jekk inti temmen li l-bidla hija ta' ġid u dan il-mod ġdid kif tgħix xorta ser jagħtik pjaċir, din il-bidla tirnexxi u tħalli l-frott. Jekk minn naħa l-oħra, inti tibqa' taħseb u temmen li dan it-tibdil fid-dieta u fil-mod kif tgħix qisu xi kastig, mhux ser jirnexxilek tinbidel u għalhekk tista' tinsiha l-idea! Jekk nibdew nemmnu li dak li ser nirbħu huwa aqwa minn dak li ser nitilfu, aħna nagħmlu aktar kuraġġ u għalhekk l-isforz





tagħna jkun sostenibbli. Per eżempju, jiena qed nikteb dan l-artiklu l-Ħadd wara nofsinhar, meta s-soltu mmur mixja fil-kampanja, għalhekk jiena nista' nagħmel żewġ affarijiet, jew naħseb li l-mixja hija aħjar milli noqgħod fuq il-kompjuter nikteb l-artiklu u jiddispjaċini, jew nemmen li b'dak li qed nikteb ser nagħmel ftit tal-ġid lil xi qarrejja tal-"Ħajja f'Għawdex". Għalhekk jiena għamilt għażla tajba għax l-impenn bdiltu f'xi ħaġa pożittiva li tagħtini sodisfazzjon. Hekk ukoll inti tista' tagħżel li tiekol ikel tajjeb għas-saħħa mhux għax qallek it-tabib imma għax tħossok aħjar u għax trid inti stess tiekol mhux kulma jogħġbok imma dak li jaqbel għal saħħtek.

Dan il-prinċipju nistgħu nużawh għall-affarijiet u għażliet oħra fil-ħajja. Il-fatt li jiena nista' nagħżel li ma nibqax nagħmel xi ħaġa li qabel kont nagħmel imma li kienet negattiva (per eżempju li npejjep) turi l-personalità tiegħi bħala bniedem liberu u matur. Meta bil-qalb nagħżlu li nillimitaw l-ikel jew li nagħmlu xi mixja jew eżerċizzju ieħor, din l-għażla tilliberana u tagħmilna bnedmin ħielsa u mhux naġixxu skont kif igħidulna nies oħra. Id-dixxiplina fuqna nfusna teħlisna wkoll meta din tkun riżultat ta' għażla libera, u mhux impożizzjoni minn xi ħadd.

***Konvinzjoni personali u sagrifiċċju***

Fil-ħajja kull wieħed u waħda minna huwa/hija fil-liberta' biex jagħmel l-għażla tiegħu/tagħha. Dan jgħodd mhux biss għal saħħitna imma għal kull ħaġa oħra fil-ħajja anke fir-reliġjon meta niġu biex nagħmlu għażla bejn dak li huwa tajjeb jew ħażin! Alla ħalliena fil-libertà. Xi għażliet jagħmluna ferħanin u f'saħħitna u oħrajn jagħmluna mdejqin u jagħmlu wkoll ħsara lil saħħitna. Il-ħajja tagħna hija mimlija għażliet, imma jiddependi minni biss x'nagħmel, skont il-konvinzjoni tiegħi.

Aħna fil-ħajja tagħna kontinwament nagħmlu l-għażliet u s-sagrifiċċji. Il-kelma sagrifiċċju tbeżżagħna. Ħadd ma jrid jisma' b'sagrifiċċji. Ilum kullħadd irid ifiq f'qasir żmien, kważi kważi bil-mirakli! Il-mard jiġi malajr imma jmur bilmod, u ċertu mard huwa kroniku u jkollna ngħixu bih, imma nistgħu nikkontrollawh billi nbiddlu l-istil ta' ħajja. L-għażliet tajba tagħna jgħinuna ngħixu kuntenti, minkejja l-problemi li jista' jkollna. Imma l-għażliet x'nieklu u x'nagħmlu jridu jkunu tagħna u ta' ħadd iżjed. Dawn l-għażliet tajba jagħtu direzzjoni u sens lil ħajjitna, għax bihom nistgħu ntejbu saħħitna u ngħixu kuntenti. Inkella nagħmlu ħsara lil saħħitna u neqirdu lilna nfusna. Fuq kollox irridu naħsbu dejjem il-pożittiv, nagħżlu t-tajjeb u nimmotivaw lilna nfusna għal stil ta' ħajja aħjar.

***Konklużjoni***

Kif jgħidu l-Ingliżi "*life is what you make out of it*". Ħajtek tiegħek u tiegħek biss. Jiddependi minnek u minnek biss xi trid tagħmel bik innifsek. Għalhekk, tidħakx bik innifsek billi tgħid: " U x'jimpurtani! Illum hawn u għada m'aħniex!" Għax jekk ikollok tbati konsegwenzi qarsa għada pitgħada, għalxejn jiddispjaċik meta jkun tard wisq u ma tista' tagħti tort lil ħadd ħlief lilek innifsek.

*mariosaliba@gmail.com*



**KOTBA**
*Minn Għawdex*

# *Difiża tal-Liġi Divina dwar iż-żwieġ*




***Anton Gauci, A&M Printing Ltd, Qala, pp. 56, €3, 2010***

Mons. Anton Gauci mhux ser jitmeżmeż kieku kellu jiddefendi "kruċjata" kontra d-divorzju. Anzi, għalkemm l-awtur din ma jgħidhiex, dan il-ktieb tiegħu jista' jservi ta' manifest għal "kruċjata" bħal din. L-isem magħżul għall-ktieb hu sinifikattiv: tliet kelmiet qawwija mill-Profeta Malakija, "Id-Divorzju Alla Jobogħdu".

"Li tiddikjara dak li tgħid il-Liġi ta' Alla mhux 'estremiżmu' u lanqas 'inkwiżizzjoni' iżda huwa sempliċiment dmir tal-bnedmin u speċjalment tas-saċerdoti." (pp.20, 35) Għaldaqstant, Mons Gauci jiddefendi t-twissijiet tal-Pro-Vigarju Mons. Anton Gouder – jiddefendihom *a spada tratta* u b'argumenti "ċari u tondi". "Mons Gouder ma "hedded" xejn. Meta qal li d-divorzju huwa dnub kien biss qed iwassal il-messaġġ tal-Iskrittura Mqaddsa!" Anzi, jsostni Mons Gauci li l-Pro-Vigarju "kien prudenti, u prudenti ħafna" għax ma qalx il-veritajiet "li bilfors ibeżżgħu" marbuta ma' l-istess dnub. L-awtur jieħu din il-pożizzjoni ferma mhux għal wiċċ Mons Gouder, iżda għax quddiem għajnejh iżomm biss il-Liġi ta' Alla.

Mons Gauci jibbaża l-ktieb tiegħu fuq żewġ premessi: waħda hi dik li kull bniedem, u aktar jekk nisrani, u aktar u aktar jekk saċerdot, għandu dmir li jistqarr x'inhi l-Liġi ta' Alla bla tlaqliq u bla rispett uman; l-oħra hi, li ma tistax tagħmel dnub wieħed lanqas biex issalva d-dinja.

Mill-analiżi tal-ktieb joħorġu sitt taqsimiet. Hemm ħarsa lura ta' kif qamet dan l-aħħar il-kwestjoni tad-divorzju f'pajjiżna; mbagħad jeżamina l kontroversja li qanqal il-Pro-Vigarju meta stqarr li d-divorzju huwa dnub. Mons. Gauci jsemmi 83 stqarrija li ngħadu jew inkitbu mid-divorzisti Maltin. Hu jiflihom waħda waħda u fil-qosor jikkummenta dwar kull waħda minnhom.

Lil x'uħud minn dawn l-istqarrijiet, l-awtur iqegħdhom ukoll fil-kuntest ta' min qalhom jew kitibhom. Għalkemm ir-raġunar ta' Mons. Gauci għal kull stqarrija joħroġ ċar, il-qarrej kien, tal-anqas għal x'uħud minnhom, japprezza tifsira aktar fit-tul.

F'taqsima oħra, il-ktieb jenfasizza t-tagħlim tal-Knisja dwar l-indissolubbiltà taż-żwieġ u l-benefiċċji taż-żwieġ nisrani u l-familja. Jagħti pariri prattiċi u siewja kif il-miżżewġin jistgħu jħarsu u jżommu sħiħ iż-żwieġ tagħhom u kif jilqgħu għall-kriżijiet li jistgħu jinqalgħu. L-awtur jikkonkludi b'appell lil ħutu s-saċerdoti biex, fid-difiża tal-Liġi Divina, ilkoll kemm huma jaqdu dmirhom mingħajr "biża" jew "rispett uman" jew "indħil tal-politika".

Mons. Anton Gauci jiddedika l-ktieb lill-"ħbieb" tiegħu, lill-Prim Ministru ta' Malta u lill-Kap tal-Oppożizzjoni. Id-dedika hi "b'kull xewqa li Alla mis-sema jgħinhom ħalli jimxu fit-triq tiegħu u jħarsu dejjem il-Liġi Divina Tiegħu." Iżda ta' min jistaqsi : din hi sempliċiment dedika, jew il-ktieb ta' Mons. Gauci huwa ittra miftuħa lil dawn iż-żewġ *leaders* – ittra li jagħmlu sew li jagħtu widen għaliha?

***Joseph W. Psaila***

*(Il-ktieb "Id-Divorzju Alla Jobogħdu" jinbiegħ direttament mingħand l-awtur, Mons. Anton Gauci, "Gauci"Triq Papa Ġwanni Pawlu II Victoria, Għawdex, VCT115)*



**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# *Il-Bennej Vitor Vella jiġi mfakkar*

***Victor Vella Muskat, "Vitor Vella – Ħajtu u Ħidmietu", Gozo Press, Għajnsielem, 2010 pp.202 8 ewro.***

Lejn tmiem is-sena 2009, il-ġar tiegħi Victor Vella Muskat, li llum m'għadux magħna, ġabar fi ktieb il-ħajja u l-ħidma ta' wieħed mill-aqwa bennejja Għawdxin. Vitor Vella, twieled fir-raħal taż-Żebbuġ fit-28 ta' April 1878.

Naqbel perfettament ma' Victor Vella Muskat meta jgħid li filwaqt li napprezzaw, nirrispettaw, insemmu, ngħollu, infaħħru u niktbu fit-tul dwar dawk ħutna li għamlu isem speċjalment jekk kienu artisti, professjonisti, politiċi, u saċerdoti, imma mbagħad rari niftakru f'dawk il-Maltin u Għawdxin li kienu ħaddiema tal-id u li ħafna drabi, f'periklu kontinwu għal ħajjithom, bis-sempliċi ħila ta' dirgħajhom tawna monumenti dejjiema li jagħmlu unur lill-gżejjer tagħna u li għalhekk jistħoqqilhom daqstant ieħor li niftakru fihom.

Il-fatt jew aħjar il-ħsieb li Maltin u Għawdxin tas-sengħa u ta' ħila jistgħu qed jiġu minsija, kien li ġiegħel lill-awtur biex jikteb dwar il-bennej u zijuh Vitor Vella. Ma kinitx ħaġa ħafifa li ssib materjal biżżejjed dwar dan il-Għawdxi għaliex xogħol dawn in-nies ftit jingħata importanza. Dan jgħodd ukoll għal nies oħra tas-sengħa bħal mastrudaxxi (kemm hawn fostkom jafu li missieri, mastrudaxxa, ħadem il-gallerija tal-Orgni fil-Bażilika ta' San Ġorġ fl-1946!) arġentiera, funndituri, arluġġara, baħħara u oħrajn.

Ktieb bħal dan għandu jinteressa b'mod speċjali lil dawk li għandhom għal qalbhom l-istorja tal-arti li tinkludi anke l-arkitettura kif ukoll lil dawk li jixtiequ jafu iktar fid-dettall l-istorja tal-Knisja fid-Djoċesi tagħna.

Vitor twieled ġo familja ta' bennejja. Missieru Ġużepp, kif ukoll ħutu Wiġi, Mikiel, Toni, u Saver kienu kollha bennejja ta' ħila u mħarrġa sew fis-sengħa tagħhom tant li fi żmienhom, kienu fost l-iktar bennejja mfittxa f'dawn il-gżejjer u bejniethom, din il-familja, magħrufa bħala tal-Qanfuda kienu nvoluti fil-bini ta' iktar min-nofs il-knejjes li għandna f'Għawdex u anki ta' xi oħrajn f'Malta. Għal bidu Vitor, dejjem taħt għajnejn missieru beda jħallat xi barmil tajn, sakemm tarġa wara tarġa, baqa' jissoda fis-sengħa sakemm fl-aħħar spiċċa jqiegħed xi ġebla wkoll. Beda jibni xi dar kulfejn ikun imqabbad biex b'hekk seta' jitħarreġ iktar fis-sengħa. Ftit bena djar ħlief xi ftit fil-bidu għax il-biċċa l-kbira ta' ħajtu qattagħha jaħdem fil-knejjes. Waħda minn dawn il-ftit djar li laħaq bena kienet tal-familja ta' Mikelanġ Galea (tal-Orjenti) fi Strada Corsa (illum Triq ir-Repubblika) fil-Victoria. Din il-binja u t-tisqifa tal-intrata tagħha kienu deskritti bħala tal-meravilja u kienu l-għira ta' ħafna mgħallmin tas-sengħa.




Minħabba raġunijiet ta' spazju mhux possibbli li wieħed jgħid fejn ħadem il-bennej Vitor, jew aħjar fejn ma ħadimx dan l-imgħallem, imma tista' tgħid bosta nħawi f'Għawdex daqu s-sengħa tiegħu. Fost dawn hemm il-blokk ta' bini f'Chambrai mibni għall-użu tal-militar Ingliż, il-kunvent ta' Sant'Antnin, kif ukoll fit-tkabbir tal-knisja parrokkjali ta' Kerċem, il-lanterna tal-knisja ta' Santa Luċija u iktar tard it-tkomplija tal-knisja tal-Għasri, u t-tkabbir tal-knisja parrokkjali ta' raħal twelidu, iż-Żebbuġ. Fl-1915 lil Vitor il-Qanfuda nsibuh fl-Imtarfa, Malta, jibni wieħed mill-blokki maħsuba għat-tobba u l-infermiera Ingliżi. Wara li għadda sentejn fuq il-front ta' Salonika fil-Greċja fi żmien l-ewwel gwerra dinjija, huwa reġa' lura qawwi u sħiħ wara li ngħata medalja l-"British War Medal".

Kien wasal iż-żmien li jmidd għonqu biex jibda x-xogħol fuq il-knisja monumentali tal-Madonna Ta' Pinu fuq il-pjanta tal-Perit Vassallo li mhux darba u tnejn kien ikollu jirrevediha għax skont il-bennej, kien hemm xi ineżattezzi. Żgur li Ta' Pinu huwa ġawhra fil-ġebla Għawdxija, xogħol mirqum u raffinat tal-bennej Vitor Vella, xogħol mitmum minn dan il-bennej ta' ħila bit-tqegħid tal-aħħar ġebla tal-kampnar fit-8 ta' Mejju 1936.

Meta rtira mix-xogħol Vitor baqa' mfittex għall-pariri siewja tiegħu. Miet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex il-Ħadd 26 ta' Frar 1956 fl-eta' ta' 74 sena. Iktar kmieni fl-istess sptar iddaħħal ibnu Toni li kien waqa' għat-tieni darba waqt li kien qiegħed jibni fil-knisja ta' Għajnsielem.

***Kav Joe M Attard***

*Esperjenza (1)*

# *Żjara fil-Brażil... biex nara l-għarar li qered kollox u l-fidi ta' poplu li baqa' jemmen*



*kitba tal-*ARĊIPRIET JIMMY SCERRI

**Mill-15 sad-29 ta' Novembru mort inżur xi postijiet fejn kont ngħix qabel ma ġejt lura lejn Għawdex. Fit-18 u d-19 ta' Ġunju ta' din is-sena fl-istat ta' Alagoas kien hemm għargħar kbir li witta' partijiet kbar minn irħula, fosthom dawk ta' Murici u Branquinha, li fihom għext għal tmien snin. Xhin erġajt lura dan l-aħħar stajt nara s-sitwazzjoni kif inhi llum u kelli l-opportunità niltaqa' ma' xi parruċċani li tilfu kull ma kellhom.**



*Il-qawwa tal-ilma qalgħet ir-railway minn postha*

Fiż-żewġt irħula li semmejt hemm madwar 650 familja li għadhom jgħixu fit-tined . Ħafna familji oħrajn tilfu dak li kellhom fid-dar imma d-dar ma waqgħetilhomx u għalhekk setgħu jirritornaw fi djarhom, inaddfuha u jimlewha ftit ftit bin-neċessarju. Imbagħad hemm numru ieħor ta' familji li għalkemm tilfu kollox, ippreferew imorru joqogħdu f'irħula oħrajn jew fir-raħal fejn kienu joqogħdu, imma fid-djar ta' xi qraba. Kien hemm mumenti wara l-għargħar li kont issib erba' jew ħames familji f'dar waħda. Fl-ewwel jiem u ġimgħat, ħafna nies qagħdu fl-iskejjel, ċentri sportivi u fil-knejjes.

L-għajnuna mill-gvern għall-familji li hemm fit-tined tikkonsisti f'ikla msajra kuljum għal kull persuna, *toilets*



*Qed jinbnew il-pontijiet li waqgħu*

kimiċi, doċċi komuni u l-wegħda ta' dar ġdida meta dawn jinbnew. Fiż-żewġ irħula nxtraw biċċiet kbar ta' art li qegħdin 'l bogħod u fuq ir-riħ tax-xmara, biex ma jkunux jistgħu jintlaħqu mill-ilmijiet fil-futur.

Iltqajt ma' bosta familji li kienu jipparteċipaw ħafna fil-Knisja. Wieħed mill-għaxra li mietu mgħarrqin fi Branquinha kont nafu għax kellu ħanut. F'Murici mietu xi ħames persuni. Kien hemm nies bħal Vilma Nalva tal-post jismu Floresta, li baqgħu jumejn sħaħ fuq il-bejt tad-dar ta' Nalva, flimkien ma xi tmien persuni oħrajn, jaraw id-djar ta' quddiemhom jaqgħu waħda wara l-oħra. Ieħor irrakkontali li salva hu u l-familja imma kellu jassisti għall-għarqa tal-baqar u ż-żiemel li kellu fil-mandra.



*Donna Vilma trabbi l-flieles taħt is-sink, l-uniku ħaġa li baqgħet mid-dar li kellha*

Il-qawwa tal-ilma kienet tant kbira li kaxkret djar, skejjel, *clinics,* id-djar parrokkjali tal-parroċċa fejn kont, *bridges* li kienu mibnijin mill-*concrete*, il-linja tar-*railway* u siġar ċentinarji nqalgħu u nġarru qishom kienu sulfarini.

Insemmi xi stejjer li laqtuni. Tifel minn Branquinha, filwaqt li ra kollox jaqa' mill-għolja ta' Nossa Senhora da Paz, qal hekk: "Dan mhux Alla għamlu imma l-ilmijiet". Il-kbar interpretaw il-kelma tat-tifel bħala profetika għax qalu li fil-fatt ix-xmara kaxkret kollox għax illum ma baqax boskijiet u wkoll għax kien inqasam dam (diga) magħmul mill-bniedem fl-istat ta' Pernambuco.

Mid-dar kbira li kellha Vilma, b'xi sitt jew seba' kmamar, baqa' biss sink tal-platti li ma marx għax kien imwaħħal bis-siment. Mis-seba' siġriet tal-mango li kellha fil-ġnien, waħda biss baqgħet wieqfa. L-oħrajn inġarru.



*Purċissjoni tal-Madonna*

Vilma bħalissa qed tgħix fid-dar li silifha l-ġar u li ma waqgħetx kollha.

Ġuvni li joqgħod fi triq fil-foresta Jefferson, irrakkontali kif hu u tnejn oħra salvaw mara li niżlet xi tnax-il kilometru mqabbda ma' ċilindru tal-gass vojt. Kisret żewġ kustilji u tbenġlet, imma llum ma għandha xejn. Dil-mara wara rrakkontat li l-ilma niżżilha kemm-il darba imma baqgħet titlob lil Alla u ssemmi l-isem tal-Madonna ta' Aparecida, patruna tal-Brażil.

Knisja mdaqqsa li kien fiha statwa antika ta' San Benedittu ta' Sqallija, marret mal-ilma. L-istatwi tal-Knisja Matriċi ta' Branquinha qegħdin kollha fid-dar ta' Suelly, membru tal-Kunsill Pastorali. Dona Tota li kienet tieħu ħsieb il-knisja ta' San Bastjan fi Branquinha, tilfet kollox barra sufan wieħed li ma ngarrx mill-ilmijiet.



*Familja ta' Antonio u Rosie. Tilfu d-dar u marru f'oħra*

Ħafna nies semmewli żewġ affarijiet li ġraw hekk kif tbaxxa l-livell tal-ilmijiet. Xħin ix-xmara niżlet, indunaw li l-qerda kienet iktar minn kull diżastru bl-ilma li ġara qabel. U ta' min isemmi li dawn il-bliet inqerdu bl-ilmijiet fl-1921, 1948, 1949, 1989, u fl-2000. Min-naħa l oħra ħafna semmew ukoll li l-għajnuna minn kullimkien, speċjalment mill-parroċċi kienet xi ħaġa tal-għaġeb. Is-sorijiet Klaretjani qaluli li kien hemm jiem li fihom fil-kunvent kienu jkunu fuq għoxrin persuna jissortjaw u jqassmu ikel u ħwejjeġ, filtri tal-ilma, ilma u affarijiet oħra lill-familji. Semmew ġuvni li għadda xahar sħiħ jaħdem volontarjament biex jassisti lin-nies. U dan kien tilef daru.

Il-qarrejja jiftakru li fis-sajf li għadda kienet saret ġabra, fuq inizjattiva tal-Isqof Djoċesan Mario Grech. L-għajnuna li ħadt minn Għawdex qassamtha personalment lil xi nies li sibthom qegħdin jgħixu fit-tined. Tajt flus lis-sorijiet Klaretjani ta' Murici biex dawn jgħinu xi familji u tajt ukoll għajnuna lil familji magħżulin minn tliet membri tal-Kunsill Pastorali ta' Branquinha.



*Il-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Grazzja. Fejn hemm il-pilastri fuq il-lemin, kien hemm id-dar parrokkjali*

Dawk kollha li rċivew l-għajnunja bagħtu jirringrazzjaw lin-nies ġenerużi tad-djoċesi tagħna.

Nagħlaq b'żewġ kummenti li għamlu tnejn ħbieb tiegħi. Beneditta qaltli: "Tlifna kollox u tawna kollox mill-ġdid". Fil-fatt qraba u ħbieb imlewlha d-dar b'kollox wara li tilfet l-għamara. U żewġha Zezinho qalli: "Wara dan kollu nista' ngħid li lil marti nħobbha ftit iktar kuljum". Rosie li għandha ħamest itfal, kollha subien, qaltli hekk, filwaqt li kienet daħkana: "Tlifna kollox imma Alla bagħtilna anġlu mis-sema mill-belt ta' Sao Paulo u dan għinna ħafna".



*Ħasil tal-platti u ħwejjeġ fix-xmara Mundari*

**Bħala wieħed li narahom minn barra, bħala stranġier, naħseb li l-Brażiljan Nordestin kapaċi jiflaħ għall-vieġ tat-tbatija iktar minna li ngħixu mxaħxħin b'ħalqna fix-xgħir. U huma stess iħobbu jgħidu li ħajjithom bħall-injama tal-massaranduba. Din l-injama tista' tgħawwiġha imma diffiċli tqaċċatha għax f'saħħitha ħafna. Il-fidi li għandhom u l-mod kif jirreaġixxu għall-kuntrarju tal-ħajja, huwa ta' eżempju għalina.**



X'kien qal l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi dwar id-divorzju

# ANKE JEKK MEJJET... IM

Bil-Latin jingħad *"Defunctus adhuc loquitur"* – "mejjet imma għadu jitkellem"

Dan il-kliem jgħodd għall-Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi. Għaldaqstant illum qed nippubblikaw siltiet mid-diskorsi tiegħu dwar **Id-Divorzju**.

## 1 ID-DIVORZJU - THEDDIDA GĦALL-FAMILJA

Il-Knisja Kattolika f'kull żmien u f'kull pajjiż iddefendiet l-indissolubbiltà taż-żwieġ

- dejjem għallmet li ż-żwieġ magħmul validament ma jistax jinħall
  - minn ebda awtorità
  - lanqas mill-miżżewġin infushom



**Il-Knisja Kattolika tikkumbatti d-divorzju dejjem u kullimkien għax tara fih**

- **theddida serja għar-rabta taż-żwieġ li għandha tibqa' sal-mewt**
- **tqisu bħala rovina tal-familji**
- **tqisu wkoll pjaga tas-soċjetà.**

Papa Ljun XIII fl-Enċiklika "Areanum" (1880) kien qal:

"Fejn hemm id-divorzju

- il-wegħdiet taż-żwieġ jitilfu l-istabbiltà tagħhom
- l-imħabba bejn il-miżżewġin tintefa
- ikun hemm inċentivi diżastrużi għall-infedeltà
- issir ħsara għall-ħarsien u l-edukazzjoni tal-ulied
- tingħata okkażjoni biex is-soċjetà domestika titfarrak
- jinżera' t-tilwim bejn familja u oħra
- tkun imnaqqsa d-dinjità tal-mara li tkun fil-periklu kontinwu li ssib ruħha f'kondizzjoni ta' waħda abbandunata, wara li tkun *serviet* għall-kapriċċ tar-raġel."

Ma' dawn inżidu konsegwenzi oħrajn.

Il-konsegwenzi li kien bassar Ljun XIII aktar minn mitt sena ilu, għadhom kollha jgħoddu fi żminijietna.

Anzi ma' dawn inżidu oħrajn li dak il-Papa ma kienx bassarhom.

Insemmu biss li fil-pajjiżi fejn hemm id-divorzju

- **bosta koppji tilfu kull stima lejn kwalunkwe kuntratt taż-żwieġ u jippreferixxu l-konvivenza, jippreferu jikkoabitaw bla ebda rabtiet**
- **ħafna mit-tfal li minn ċkunithom kellhom l-esperjenza kerha li jaraw il-familja tagħhom titfarrak minħabba d-divorzju, li ġew imċaħħdin mill-imħabba u mill-affetti tal-ġenituri tagħhom, f'żgħożithom taw ruħhom għad-droga u qabdu t-triq li pass wara l-ieħor twassalhom għas-suwiċidju.**

*(Diskors lill-Irġiel, 20 / 3 / 1982)*

## 2 JEKK IL-FAMILJA TITFARRAK, IT-TFAL L-EWWEL LI JBATU

L-ewwel vittmi tad-divorzju huma l-ulied.

Jekk il-familja titfarrak, titqiegħed f'periklu l-edukazzjoni tat-tfal.

Id-divorzju mhux biss ma jirranġax il-problemi tal-familja li tkun qiegħda titfarrak, iżda jagħmel *irriversibbli*

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# MA JIBQA' JGĦALLIMNA



dik il-qagħda mwiergħa.

Naħseb li f'pajjiżna għadu ma sarx studju soċjoloġiku u psikoloġiku serju dwar l-ulied tal-ġenituri li nfirdu.

*(Messaġġ fil-Festa ta' Kristu Sultan, 24 / 11 / 1996)*

## 3 L-IŻBALJI TAD-DIVORZISTI MALTIN

**Dawk li f'pajjiżna qegħdin jitħaddtu favur id-divorzju għandhom responsabbiltà quddiem Alla u quddiem is-soċjetà wisq aktar mid-divorzisti f'pajjiżi oħra.**

Dawn jgħidu li d-divorzju daħal kullimkien, imma

- aħna għandna naraw x'kienu l-konsegwenzi fejn daħal id-divorzju
- għandna nifthu għajnejna u naraw kemm pjagi soċjali ħoloq
  - għall-familja
  - għat-tfal
  - għall-edukazzjoni
  - għall-iskejjel
  - għall-Istat

*(L-iżbalji tad-divorzisti Maltin, 1 / 10 / 1997)*

***Responsabbiltà akbar***

Id-divorzisti f'pajjiżna għandhom responsabbiltà akbar minn divorzisti f'pajjiżi oħra

- għax forsi dawk ta' barra ma kinux qegħdin jaraw l-effetti negattivi kollha tad-divorzju.
- **iżda d-divorzisti ta' pajjiżna jistgħu jistaqsu u jindagaw biex ikunu jafu x'ġara sewwa f'pajjiżi oħra, biex il-gwaj li daħal hemmhekk nevitawh minn pajjiżna.**
- għandna nikkupjaw it-tajjeb ta' ħaddieħor u mhux il-ħażin.

***Ma mmorrux nagħmlu qabża fid-dlam***

Għalhekk huwa dmir tagħna li bil-mezzi leġittimi li għandna f'idejna, nwasslu l-fehmiet tagħna biex kemm jista' jkun

- **indawlu l-imħuħ**
- **u nifthu l-għajnejn**

**biex f'dak li għandu x'jaqsam maż-żwieġ u mal-familja ma mmorrux nagħmlu qabża fid-dlam u mbagħad wara jiddispjaċina.**

*(L-iżbalji tad-divorzisti Maltin, 1 / 10 / 1997)*

*Kummentarju (4)*

# *2011: Is-Sena Internazzjonali tal-Kimika*



*kitba ta'* **MARIO VELLA**

**Il-kimika hi x-xjenza tal-materja li hawn madwarna. Mal-erba' mitt sena qabel Kristu, xi filosofi Griegi kienu tal-fehma li kollox hu magħmul minn erba' sustanzi ewlenin – l-arja, in-nar, l-ilma u l-art. Irraġunaw li hu l-bilanċ bejn dawn l-erba' elementi li jagħżel, per eżempju, ġebla minn injama jew iċ-ċomb mid-deheb.**

Is-soltu, il-filosofi Griegi kien ta' min jorbot fuqhom u allura l-Eġizzjani, nies prattiċi għall-aħħar, deherilhom li jagħmlu użu minn dan it-twemmin. Kien għalhekk li f'Alexandria, ċentru kbir ta' kummerċ, bdiet ħidma qawwija minn ħaddieda ta' sengħa biex jibdlu l-bilanċ tal-elementi fil-metalli komuni għal dak tal-iktar wieħed prezzjuż – id-deheb.

Maż-żmien kulħadd tħajjar jesperimenta – l-Arab, l-Ewropej, iċ-Ċiniżi; dawn tal-aħħar sa kabbru t-tfittxija tagħhom biex isibu l-eliżir tal-ħajja, jiġifieri sustanza li biha ma tmut qatt.

It-twemmin u l-prattika li għandu x'jaqsam ma' dan kollu, jissejħu alkemija. L-alkemisti kienu jagħmlu kull xorta ta' taħlit u jsaħħnu ġo fran għal xhur sħaħ jekk mhux snin ukoll. " Jekk issibu kif toħolqu d-deheb, la tgħidu lil ħadd", kien iwiddeb Geber, l-alkemista prim Għarbi, "la l-mara, la t-tfal u lanqas lil xi persuna oħra. Jekk ma tisimgħux minni d-dinja ssir korrotta." Iżda dan kien kollu għażieq fl-ilma. Id-deheb baqa' ma deherx u l-eliżir tal-ħajja baqa' biss ħolma.

Żgur li l-alkemija ħadet daqqa sewwa fis-sena 1661 meta l-Ingliż Robert Boyle ħareġ il-ktejjeb *"The Sceptical Chymist"*. Hawn Boyle wera dubji serji fuq il-fehmiet tal-Griegi u ċċara sew l-idea tal-elementi, jiġifieri sustanzi bażiċi li ma jistgħux jinqasmu f'oħrajn iktar sempliċi. Per eżempju, l-idroġenu u l-ossiġenu huma żewġ elementi; mhux hekk l-ilma li hu magħmul minnhom it-tnejn, ikkumbinati flimkien. Fil-fatt, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-ilma jista' jinqasam f'idroġenu u ossiġenu u għalhekk mhux element.



**Il-Franċiż Antoine Lavoisier jissejjaħ missier il-kimika moderna. Kien tat-tajjeb, kellu laboratorju mgħammar kif jixraq, u allura seta' jistudja kull proċess li xtaq bi preċiżjoni kbira. Fost affarijiet oħra, hu skopra l-liġi tal-konservazzjoni tal-'piż' f'reazzjonijiet kimiċi u għaraf f'dawn il-preżenza tal-ossiġenu** fejn jidħlu proċessi ta' ħruq, sadid u formazzjoni ta' ħafna aċidi. Lavoisier kien aristokratiku – mhux privileġġ ta' min igħir għalih fl-eqqel tar-Rivoluzzjoni Franċiża.

Biċċa xogħol tassew siewja saret mir-Russu Dmitri Mendeleev għall-ħabta tas-sena 1870. Sa dak iż-żmien kienu jafu bi 63 element differenti. Dawn, Mendeleev iddeċieda li jqassamhom f'listi skont il-kwalitajiet tagħhom. Minn din 'it-tabella perjodika' li ħoloq, seta' mhux biss jinduna x'elementi fadal x'jinstabu, imma wkoll ibassar il-kwalitajiet tagħhom. F'tabella perjodika moderna, illum wieħed isib 118-il element li minnhom 94 huma naturali waqt li l-oħrajn huma sintetiċi.

Hekk, għall-bidu tas-seklu għoxrin, il-kimika sabet sisien sodi u l-għarfien fuq proteini, plastiks, *'fuels'*, batteriji, insettiċidi u mitt ħaġa oħra żdied sew.

Skoperta kbira tas-seklu li għadda kien il-proċess biex issir l-ammonja. Fritz Haber, Ġermaniż ta' dixxendenza Lhudija, sab tarf kif jagħmel dal-gas billi juża n-nitroġenu tal-arja. Ammonja tintuża għall- preparazzjoni ta' demel artifiċjali. Ġie kkalkulat li terz tan-nies li hawn fid-dinja, jiġifieri madwar żewġ biljuni, qatt ma kienu jistgħu jgħixu mingħajr dal-proċess għax l-art waħidha mhix kapaċi tkabbar l-ikel għalihom.

Min-naħa l-oħra l-ammonja tintuża wkoll biex indirettament isiru l-isplussivi. Huwa stmat li Haber tawwal l-ewwel gwerra bi tliet snin. Kieku l-Ġermanja ċediet fil-1915, kien ikun hemm ferm inqas dmija u x'aktarx ma konniex nisimgħu b'Hitler u Stalin.

### *It-tagħlim tal-Kimika jasal Għawdex*

Jekk ngħid li nsibha diffiċli li nagħżel l-aqwa xjenzat, daqshekk ieħor insibha faċli li nagħżel lil dak li ħalla timbru qawwi fuq it-tagħlim tal-kimika f'Għawdex. Fil-ħamsinijiet, ġewwa l-Liceo fir-Rabat kienu għaqqdu żewġ klassijiet flimkien u hekk ħolqu l-ewwel laboratorju tal-kimika. Apparat ma tantx kien hemm; l-*'interactive board'* kien għadu mbiegħed ħafna; l-għalliem kien jikteb bil-ġibs fuq 'board' ta' lavanja ħadranija; il-bankijiet kienu baxxi u miksija bil-verniċ għal kontra xi aċidi; il-banketti kienu żgħar u forsi xi ftit skomdi; il- *'chemicals'*



kienu fuq xkafef in-naħa ta' wara fejn kien hemm ukoll 'il-*fumehood*' għall-gassijiet perikoluzi.

Iżda dak li kien nieqes fl-apparat u l-kumdità kienu jagħmlu tajjeb għalihom ix-xogħol u l-entużjażmu li kien joħloq is-sur Anton Farrugia. Niftakar sew il-lezzjonijiet tiegħu, l-esperimenti li kien jagħmel u n-noti li kien iqassmilna, stampati bil- "Gestetner". Naħseb li kien ħabat sew għax is-sur Farrugia kien ħafna ntiż fuq l-istampar ta' fuljetti ta' din ix-xorta. Li żgur ma ħabatx sew kien butu għax ċert li ġie li mar minn taħt. Ta' min ifakkar li dakinhar ma tantx kien hemm għażla ta' kotba, u ħafna faċilitajiet li llum nqisu bħala komuni, ngħidu aħna *calculators*, *photocopiers*, *computers*, jew *internet*, ma kinux jeżistu. Iżda xorta kien isir ħafna xogħol; min jaf kemm ippreparajna jew analizzajna sustanzi differenti bi preparazzjoni għall-eżamijiet tal-Università ta' *Oxford*. Għal filgħaxija mbagħad, il-laboratorju kien jilbes libsa oħra u jinbidel ġo '*evening class*' tal-inġinerija elettrika. Il-formoli ta' sustanzi kimiċi fuq il-*blackboard* issa kellhom jagħmlu wisa' għal strutturi, '*graphs*' u somom li konna nsolvu bl-għajnuna tal-'*four figure tables*'.

L-Isqof Cauchi darba qal li għalliem mhux biss jagħti lill-istudenti tiegħu l-għarfien tas-suġġett iżda wkoll il-valuri li jħaddan. Nixtieq ngħid li s-sur Farrugia tal-*chemistry* u s-sur Grech tal-*physics*, fost oħrajn, tawni ferm iktar mis-suġġetti li għallmuni; ta' dan nixtieq nirringrazzjahom mill-qalb.

Daqs xahar ilu, dal-laboratorju qadim twaqqa' biex jagħmel wisa' għal bini ġdid. Waqt li l-gafef għamlu kullimkien ħerba, mingħajr ma ridt ftakart fix-xogħol li għamilna, fil-ħbieb, studenti, lezzjonijiet u eżamijiet. Mingħajr ma ridt għadda minn rasi ukoll Father David Leach, għalliem Ingliż, illum Alla jagħtih il-ġenna. Dan kellu ħabta jitla' jaqra l-uffizzju fil-kuritur ta' fuq. Issa fuq naħa waħda kien hemm il-laboratorju tal-'*chemistry*' u fuq in-naħa l-oħra tal-kuritur kien hemm il-laboratorju tal-'*physics*'. B'passi meqjusa, taħt suttana twila, b'wiċċ ruxxan u xuxa bajda, Fr. Leach kien jixtarr il-Latin ta' fuq il-missal - b'xi waqfa żgħira għar-riflessjoni. Issa tal-'*chemistry*' ġie li għamlu xi esperimenti b'gassijiet tossiċi. Għalhekk Fr Leach beda jiġġenneb iktar lejn in-naħa tal-*physics*. Ma damx wisq għax xi ħadd qallu li hemmhekk għandhom sustanzi radjoattivi; dan tfantas u ma resaqx iktar 'l hemm fuq.

F'Novembru 2000, l-iskola Sir M.A. Refalo fetħet il-bibien tal-laboratorji ġodda tax-xjenza għal studju avanzat. Dakinhar, kienu l-istudenti innifishom li laqgħu lill-ġenituri tagħhom, għalliema u mistednin oħra u dawruhom sew mal-post. Bejn wieħed u ieħor in-numru tal-istudenti tal-kimika llum huwa tliet darbiet iktar milli kien fis-sebgħinijiet u għalhekk il-laboratorju l-ġdid huwa ikbar u attrezzat aħjar b'mezzi moderni ta' tagħlim. Imma ngħiduha kif inhi, mezzi u mhux, l-istudju jitlob ix-xogħol, iżda jekk l-istudenti jużaw il-ħin tagħhom sew u l-faċilitajiet tal-iskola bil-għaqal, żgur li jkollhom riżultati tajba. Wara sentejn fl-iskola post-sekondarja, mbagħad hi ħaġa komuni li dawn iż-żgħażagħ jagħżlu karrieri fl-industrija tas-saħħa jew tal-edukazzjoni. Però dixxiplini fil-kimika hawn ħafna u l-bibien huma iktar miftuħa milli wieħed jaħseb. Kollox jiddependi mill-ħeġġa għat-tagħlim - dak hu s-sigriet tas-suċċess.

### *Mill-passat għall-futur*

In-Nazzjonijiet Uniti ddikjarat is-sena 2011 bħala s-sena internazzjonali tal-kimika u hekk tikkommemora s-suċċessi li saru f'dan il qasam u l-kontribuzzjonijiet kbar li saru lill-umanità. Għan ieħor hu li jħajru iktar żgħażagħ jistudjaw dan is-suġġett. Il-futur hu f'idejhom; ħafna drabi skoperti kbar ma jsirux minn xjenzati ta' età kbira.

Is-suċċessi fl-oqsma tax-xjenza u oħrajn jiċċelebrawhom darba fis-sena – u bil-kbir. Qed nirreferi għall-premji Nobel, l-aktar premji prestiġġjużi fid-dinja, li jiġu ppreżentati mir-Re Svediż fi Stokholma. L-iSvediż Alfred Nobel skopra splussiv u bin-negozju li għamel bena imperu industrijali kbir. Il-kimika għamlitu sinjurun; fit-testment tiegħu ħalla li l-imgħax mill-beni imur għall-premji fil-kimika, fiżika, mediċina, letteratura, paċi u (dan l-aħħar) xjenza ekonomika. Storja oħra ta' suċċess finanzjarju hi dik tal-Franċiż E.I. DuPont, ħabib ta' Lavoisier, li pprova xortih l-Amerika. Illum, il-kumpanija DuPont hi waħda mill-ikbar fid-dinja u matul is-snin, fost affarijiet oħra ħolqot plastiks ta' użu kbir bħal Teflon, Kevlar u Nylon kif ukoll likwidi li jintużaw ġo '*refrigerators* u *air conditioners*' biex ikessħu.

**Il-futur tar-riċerka fil-kimika joffri sfidi kbar iżda meta wieħed iħares lejn x'sar fil-passat, iħossu fiduċjuż fil-futur. Mitt sena ilu, min kien jemmen li jkun hawn plastiks ta' saħħa aqwa mill-azzar, sustanzi li jaqilbu d-dawl tax-xemx f'elettriku jew materjal li jista' jieħu post xi parti tal ġisem (eż rkoppa) f'kas ta' mard jew aċċident? Wieħed iħoss fiduċja sħiħa li fil-futur jinstabu mediċini u materjali aħjar u mezzi ta' akkwist ta' ikel u enerġija li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. U bilħaqq, min jaf, forsi jsibu wkoll l-eliżir tal-ħajja!**

*Mario Vella kien għalliem tal-"chemistry" fl-iskejjel Għawdxin għal aktar minn tletin sena. Hu mhux biss għallem is-suġġett iżda qanqal fl-istudenti Għawdxin l-għatx għall-għarfien u għal aktar ħiliet.*




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sitta u Tletin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-LUMINATI F'GĦAWDEX (4)*

***Il-Fliexken tal-Luminata u Xarbiet Oħra***




Il-luminata kienet timtela fi fliexken tal-ħġieġ jew tax-xaqquf. Hekk ukoll xarbiet oħra bħalha. L-istorja tax-xogħol tal-luminata f'Għawdex nistgħu nistudjawha billi naraw xi fliexken kienu jintużaw matul is-snin.

***Fliexken tas-Sifun***

Il-fliexken tas-sifun jingħarfu għax għandhom ftit 'il fuq mill-qiegħ imdaħħal 'il ġewwa. Dawn flok tapp kien ikollhom apparat imsejjaħ sifun li meta tagħfsu toħroġ il-luminata jew l-ilma bil-gass minn ġol-flixkun.

F'dawn il-gżejjer il-fliexken tas-sifun daħlu fl-aħħar żewġ deċennji tas-seklu 19 (1880-1899) u kienu popolari ħafna fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-18), imma f'Malta ġew fix-xejn fi żmien it-Tieni Gwerra (1939-45, u f'Għawdex spiċċaw qabel.



Il-ħġieġ ta' dawn il-fliexken kien ikun ta' kuluri diversi: bil-blu, bl-isfar, bil-kannella, bir-roża, bl-aħmar, bl-aħmar karg, bl-aħdar. Il-fliexken tas-sifun kienu jiġu rritornati biex jerġgħu jiġu bbottiljati. Min kien jirritorna l-flixkun kien jitħallas xi ħaġa talli jkun ġabu lura. Meta rama bil-luminata, Michele Vella tal-Qanfuda kien jaħdem bil-fliexken tas-sifun.

Dawn il-fliexken tas-sifun kien ikun fihom l-istampa u l-kliem tad-ditta maħdumin imqabbżin 'il barra fuq l-istess ħġieġ tal-flixkun. Kienu jsiru fi Franza għad-ditta li tordnahom.

***Il-fliexken tal-boċċa jew tal-ġinġer***

Il-fliexken tal-boċċa jew tal-ġinġer kienu komuni fl-ewwel snin tas-seklu 20. Bl-Ingliż jissejħu ***Codd Bottles*** għal Hiram Codd minn Londra li kien ivvintahom fis-sena 1870. Hiram Codd, li kien twieled f'Bury St. Edmonds, Suffolk, l-Ingilterra, fl-1838 u miet fi Brixton, Londra, fl-1887, kien irreġistra l-invenzjoni tiegħu mal-*British Patent Office* fl-24 ta' Novembru ta' dik is-sena. Dawn it-tipi ta' fliexken kellhom storja twila li hawnhekk mhux il-lok fejn għandna noqogħdu nirrakkontawha. L-invenzjoni ta' Codd kienet tixbah invenzjonijiet simili bil-boċċi ta' materjali differenti imma Codd ivvintahom bil-boċċa tal-ħġieġ u kienu jintużaw għal-luminati jew għall-ġinġer.



Il-fliexken tal-boċċa kienu jkunu magħmulin minn ħġieġ pjuttost oħxon u tqil, il-għonq kien ikun magħmul dejjaq apposta biex fih toqgħod il-boċċa li meta jimtela kienet tross ma' gasket tal-lastiku n-naħa ta' fuq tal-għonq, u meta jinfetaħ il-boċċa kienet tinżel fid-djuq tal-għonq biex ma taqax

f'postha u terġa' tagħlaq il-flixkun waqt li jkun jitbattal. Il-fliexken tal-boċċa kienu jsiru Londra u kien ikun fihom sbuzzat fuq il-ħġieġ tagħhom l-istampa u l-isem tad-ditta. F'Għawdex ditta li nafu fiż-żgur li kienet tuża dan it-tip ta' fliexken kienet dik ta' Michele Mizzi mir-Rabat, li l-familja tiegħu baqgħet magħrufa bħala "Tal-Ġinġer". Il-fliexken tad-ditta ta' Mizzi kellhom sbuzzat fuqhom is-Salib tal-Kavalieri jew is-Salib ta' Malta. Kien hemm ukoll fliexken tal-boċċa lixxi, jiġifieri ma kellhom ebda stampa jew isem sbuzzat fil-ħġieġ tagħhom u aktarx li fuqhom kienet titwaħħal tikketta tal-karti.

L-*opener* ta' dawn il-fliexken kien ikun ta' l-injam, vojt minn ġewwa, iżda fin-nofs kien ikun hemm bħal lasta rqiqa qisha lapes biex biha min ikun se jiftaħ il-flixkun jimbotta l-boċċa 'l isfel. Kien jitqiegħed fuq fomm il-flixkun imma biex jinfetaħ kont trid tagħti daqqa daqsxejn qawwija fuqu biex tniżżel il-boċċa 'l isfel.

Problema kbira ta' dawn il-fliexken kienet li t-tfal kienu jkissruhom biex jeħdulhom il-boċċa ħalli jilagħbu biha. Dari t-tfal kienu jħobbu ħafna jilagħbu bil-boċċi, u fi żmienhom lanqas kien ikollhom wisq biex jilagħbu. Allura kienu jduru għall-boċċi tal-fliexken tal-ġinġer!

### *Fliexken b'tappijiet oħra*

Kien hemm ukoll fliexken li kienu jingħalqu b'modi oħra. Dawn kienu:

- **Tal-kamin**. Dawn kienu fliexken li jingħalqu b'tapp li jdur bil-kamin fuq ġewwa flok fuq barra. Dawn it-tipi ta' fliexken kienu ppatentjati fl-1870.
- **Tat-tappijiet** jew kif jissejħu f'Għawdex, **tal-Plattini** (*crown cork*). Dawn kienu ppatentjati fl-1890 u fl-aħħar din is-sistema spiċċat biex iddominat ix-xogħol kollu ta' l-ibbottiljar tal-luminati. Jien niftakar lil tal-**Lighthouse**, il-Ħaġġarija, jibbottilja l-luminati b'magna li kienet tagħlaq il-fliexken tal-luminata b'dan il-metodu. Kienet tintuża wkoll minn Victor Bajada tal-luminata **Sportsman**.

### *Luminati minn Malta u kwistjonijiet*

Xi luminati maħduma f'Għawdex kienu jiġu 'esportati' lejn Malta, u oħrajn minn Malta kienu jinġiebu Għawdex bid-dgħajjes ta' Għawdex u jinbiegħu Għawdex. Mill-okkorrenzi tal-pulizija nafu li kienu jinġiebu tad-Ditta Empire ta' Carmelo Buttigieg, Ħamrun, li kellhom l-imħażen tagħhom f'Nri. 3 u 4 Triq il-Kapuċċini, hawn ir-Rabat. Il-luminata ta' *Pace and Brothers* taż-Żejtun kienet tinġieb minn Francesco Schembri, magħruf bħala tad-Deredin. Jidher li aktar ma beda għaddej iż-żmien aktar kien jinqala' inkwiet bejn in-negozjanti tal-luminati u sa mis-snin għoxrin kienu spiċċaw jieħdu l-fliexken u l-kaxxi ta' xulxin, u xi drabi kienu jdaħħlu fin-nofs ukoll lill-pulizija. Fl-opinjoni tiegħi jidher mal-mogħdija taż-żmien il-fliexken u l-kaxxi kienu bdew jonqsu sewwa u biex wieħed jixtri oħrajn ġodda kien ikollu jagħmel spiża dejjem ikbar. Sadattant kienu ħargu wkoll it-tikketti tal-karti u dawn iffaċilitaw, biex ngħid hekk, l-użu ta' fliexken ta' ħaddieħor. Dawn l-affarijiet żgur li tefgħu lura l-industrija tal-luminati f'Għawdex, għalkemm dan l-inkwiet kien jeżisti f'Malta wkoll.

### *Għaliex kellhom jagħilqu?*

Wieħed ma jridx ikun għaref wisq biex iwieġeb din il-mistoqsija. Mal-mogħdija taż-żmien l-ispejjeż tal-materjal u tal-pagi bdew jogħlew. Ditti kbar f'Malta bdew jaħdmu xarbiet b'ismijiet internazzjonali u popolari. Is-servizz tad-dgħajjes ta' Għawdex u tal-vapur tjieb u għalhekk aktar kien jaqbel li wieħed iġib il-luminata lesta minn Malta milli joqgħod jaħdimha hu stess hawn Għawdex. U hekk bil-mod il-mod dawn id-ditti spiċċaw ilkoll. Il-ħasra hi li ħallejnieħom jintesew bla ma ħadd qatt ħaseb biex jikteb xi ħaġa, imqar biss għat-tifkira tagħhom. Ma ninsewx li dawn id-ditti kienu jipprovdu xarbiet tajbin meta f'dawk iż-żminijiet ftit kien hawn kapriċċi x'wieħed jagħmel. U kienu wkoll jipprovdu x-xogħol u l-għajxien għal diversi familji.

Nafu li baqa' iżjed tagħrif x'jinġabar u għalhekk kulmin iħoss li għandu xi ħaġa x'iżid ma' dan it-tagħrif għandu jkellimna biex meta dan l-artiklu joħroġ fi ktieb ikollna kemm jista' jkun it-tagħrif kollu li jista' jinġabar.

### *NOTI:*

**Id-ditta ta' Michele Mizzi (tal-Ġinġer) kien jisimha *Maltese Cross Michele Mizzi Victoria, Gozo*, iżda f'dan ir-rigward irid jingħad li Malta kien hemm ditta oħra li kienet iġġib bħala marka tagħha s-Salib tal-Kavalieri; din kienet *The National Mineral Water Coy* ta' 13 Manoel Street, Gżira; ara avviż għar-reġistrazzjoni ta' Proprjeta' Industrijali fil-*Gazzetta tal-Gvern ta' Malta* ta' l-14 ta' Ottubru, 1932, p. 922.**

**Jack H Serra msemmi f'dawn l-artikli kien joqgħod 24 St. John's Square, Valletta għax kien fuq dan l-indirizz li hu rreġistra xi disinnji għall-fliexken, aktarx tal-minerali u l-luminata, mar-Reġistru Pubbliku skont l-Artiklu 68 ta' l-Oridinanza Nru. XI ta' l-1899. Ara *Gazzetta tal-Gvern ta' Malta* tal-20 ta' Awissu, 1937, p. 946.**

**Wara t-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45), kien jaħdem tip ta' Aranġjata msejħa ORANGE DEW fl-indirzz ta' 147 Fleur-de-lys Road, Birkirkara, Reġ. Trade Mark No. 3980. Ara *Gazzetta tal-Gvern ta' Malta* tal-5 ta' Novembru, 1946, p. 1283.**

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

Mil-Lenti tat-Telekamera

Esperjenza miksuba f'pajjiżi oħra

# Il-parteċipazzjoni tal-gżira reġjun ta' Għawdex fil-laqgħa ġenerali annwali tal-ERY fl-Isvezja



*kitba ta'* ALVIN SCICLUNA

**Kif issa ilna snin nisimgħu, l-opportunitajiet li l-gżira t'Għawdex qiegħed ikollha wara d-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea, ma jieqfux. Flimkien ma' inizjattivi ta' natura finanzjarja, insibu dawk li jiffaċilitaw il-preżenza ta' Għawdxin f'*seminars* u f'laqgħat fejn jiġu diskussi suġġetti li jolqtu r-reġjonalità ta' gżiritna. Fuq livelli nazzjonali, illum Għawdex hu rikonoxxut bħala reġjun u għandu l-kunsill reġjonali tiegħu li jaħdem sabiex jippromwovi l-interessi tal-gżira. Din ir-realtà ma kinitx daqshekk faċli fuq skala Ewropea. Iżda ftit ftit, qegħdin naraw il-parteċipazzjoni tal-gżira f'kumitati influwenti Ewropej. Li Għawdex jiġi aċċettat bħala membru sħiħ fin-network tal-ERY jista' jitqies bħala pass kbir 'l quddiem.**

Fis-sajf li għadda, kont preżenti għall-konferenza internazzjonali fl-Isvezja bħala parti minn delegazzjoni mill-gżira reġjun t'Għawdex fl-Isvezja, d-delegazzjoni minn Għawdex kienet immexxija mis-sindku tal-belt Victoria, Dr Samuel Azzopardi li hu wkoll il-president tar-reġjun. L-ERY hi l-organizzazzjoni *European Network for Youths* u tħaddan għadd ta' reġjuni Ewropej li huma bil-wisq akbar minna, kemm fid-daqs kif ukoll fil-popolazzjoni.



Matul il-ġimgħa li ż-żgħażagħ Għawdxin qattgħu fl-Isvezja, ltaqgħu ma' żgħażagħ u *youth leaders* oħra minn għadd ta' pajjiżi Ewropej. Iddiskutew suġġetti ta' natura edukattiva u anke soċjali bil-għan li jissuġġerixxu *policies* ġodda li jiġu ppreżentati f'fora fuq livelli aktar għoljin fi Brussell. Setgħu jaraw b'għajnejhom stil ta' ħajja differenti u jesperjenzaw realtajiet li mhumiex daqstant differenti minn dawk preżenti fi gżiritna. Dawn huma ftit mir-raġunijiet għaliex il-gżira reġjun ta' Għawdex hija konvinta li għandha tieħu sehem attiv f'dan in-*network*.

Il-laqgħat saru fuq il-gżira ta' Tjorn li hi s-sitt waħda fid-daqs f'dan il-pajjiż miżgħud bi gżejjer għal tul il-kosta



tiegħu. Għandha kobor ta' 168 kilometru kwadru...iktar mid-doppju ta' Għawdex. Fuqha jgħixu mal-15,000 ruħ. L-insularità doppja ntgħelbet darba għal dejjem bil-bini ta' pont kbir li jgħaqqad lill-gżira mal-kumplament tal-Isvezja. Inbena f'żona ta' seħer naturali mill-isbaħ. L-abitanti huma tal-fehma li l-pont ma qeridx din is-sbuħija naturali, imma offra l-opportunità sabiex aktar viżitaturi jkunu jistgħu jiskopru l-irkejjen sbieħ u moħbija li toffri l-gżira. Fl-istess waqt, l-abitanti jkunu jistgħu jaħdmu f'Gothenburg u ċ-ċentri industrijali tal-madwar, vjaġġ ta' madwar erbgħin minuta bil-karozza.

Fuq Tjorn, bħala xogħol, jiddominaw il-biedja u s-sajd. Fis-sajf, il-popolazzjoni tirdoppja għaliex ikunu bosta dawk l-Isvediżi mill-belt ta' Gothenburg u l-madwar li jżuru lil Tjorn biex iqattgħu jiem ta' mistrieħ fil-kwiet. Għawdex hu meqjus bħala gżira tal-paċi. Iżda fi Tjorn, il-kwiet jinħass ferm iktar, minkejja l-fatt li l-Isvediżi huma preokkupati li qiegħed ikun hemm wisq movimenti ta' nies!

Ir-raħal ewlieni huwa Skarhamn, villaġġ tas-sajjieda li fis-sajf jospita mijiet ta' *yachts* u *boats*. Din l-industrija staġjonali tissarraf fi dħul ta' flus *extra* għall-popolazzjoni tal-post.

Minkejja li Tjorn tinsab fit-truf estremi tal-Isvezja, l-ordni u l-indafa jibqgħu jingħataw importanza. Flimkien ma' ambjent mhux mittiefes, jgħinu biex il-kartolini viżivi jimpressjonaw lil kull min jgħixhom. Iċ-ċentru tal-gżira hu agrikolu u l-art fil-meded ta' bejn l-għoljiet flimkien mal-widien, tinħadem. Id-djar, kollha mibnija bi stil, huma mbiegħda minn xulxin. Jidher li l-Isvediżi jħobbu jagħtu spazju lill-ġirien meta jibnu djarhom fi propjetà li tkun bil-wisq akbar minn tagħna!

Evidenza ta' kemm l-Isvediżi jagħtu importanza lill-*good living*, lill-ħajja aħjar, stajna ninnutawha fl-għadd ta' *bridges* li nbnew biex jgħaqqdu gżejjer żgħar li fuqhom jgħixu ftit għexieren ta' abitanti. U minkejja li aħna għandna baħar sabiħ li aktarx huwa bil-wisq isbaħ

mill-ilmijiet kesħin tal-Isvezja, f'dan il-pajjiż nordiku, in-nies jafu kif, u kapaċi jżommu l-ambjent kostali nadif u attraenti. Laqatna l-irħajjel ta' Kyrkesund, bi djar miżbugħa bl-ilwien kollha tal-qawsalla li jiġbdu l-għajn saħansitra meta s-sema tkun mgħobbija bi sħab tax-xita.

Il-konferenzi u laqgħat tal-ERY saru ġewwa Billstromska, kulleġġ li jospita għażla wiesgħa ta' korsijiet marbuta mal-*lifelong learning*. Billstromska hija *boarding school* fejn l-istudenti li jiġu minn diversi bnadi tal-Isvezja, jgħixu waqt il-perijodu skolastiku. Il-kulleġġ hu mdawwar b'għelieqi u għoljiet żgħar fejn jirrenja skiet kbir li minn xi daqqiet jinkiser bid-daqq tal-qanpiena tal-knisja qadima tal-irħajjel ta' Kallekar, knisja li tinsab ftit għexieren ta' metri 'l bogħod mill-iskola. Kienet opportunità li ma tirrepetix ruħha f'malajr fejn żgħażagħ minn għadd ta' pajjiżi Ewropej iddiskutew problemi komuni. Analizzaw metodi kif, flimkien, l-impenn taż-żgħażagħ fit-tfassil ta' strateġija futura ikun iktar validu.

L-Isvezja huwa wieħed mill-pajjiżi l-iktar avanzati fid-dinja fejn teżisti mentalità miftuħa, fis-sens li anke ż-żgħażagħ jingħataw l-ispazju biex ifasslu inizjattivi u proġetti. Madanakollu, l-isfidi ma jonqsux u, meta jiġu analizzati, wieħed jintebaħ li huma simili għal dawk li jeżistu f'pajjiżi oħra.



**Permezz tas-*seminars* u żjarat fuq il-post, iż-żgħażagħ tagħna setgħu jinnutaw id-differenzi li jeżistu meta wieħed iqabbel il-qagħda f'Għawdex ma' dik f'pajjiżi oħra Ewropej.** Huwa permezz ta' dawn il-laqgħat illi jsiru kuntatti ma' individwi u entitajiet. Ftit ftit, tixxettel ħbiberija ġdida li taf twassal għal koperazzjoni f'oqsma oħra tas-soċjetà. Hu permezz tan-*network* ERY illi r-reġjun t'Għawdex beda kuntatti mar-reġjun tal-Emilia Romagna fl-Italja. Jidher li fix-xhur li ġejjin, qegħdin jitfasslu strateġiji sabiex tinħoloq koperazzjoni bejn ir-reġjun t'Għawdex u l-Emilia Romagna. Qed jiġu diskussi l-possibbiltajiet ta' skambji kulturali u mużikali, kif ukoll dawk bejn studenti u ħaddiema żgħażagħ.

Fost is-suġġetti diskussi waqt il-laqgħat fl-Isvezja, kien hemm ukoll dak li jolqot it-tibdil fil-klima. Huma bosta l-pajjiżi madwar id-dinja li qegħdin jieħdu dan is-suġġett bis-serjetà għaliex l-imwiet u l-ħsarat ikkaġunati minn instabbiltà fil-klima qegħdin jilħqu livelli serji u allarmanti. Biżżejjed ngħidu li statistika dinjija maħruġa f'dawn il-ġranet, tpoġġi lis-sena 2010 fit-tieni post f'dak li hu bidla kbira u sħuna minn kemm ilhom jinżammu r-*records* f'dawn l-aħħar mija u sittin sena.

Bosta pajjiżi huma membri tal-ftehim ta' Kyoto. Iżda l-Unjoni Ewropea qed tisħaq li kull ċittadin tal-unjoni jista' u għandu jwettaq il-parti żgħira tiegħu. Il-gżira ta' Tjorn hija rokna tal-ġenna tal-art. Iżda l-Iżvediżi ma qagħdux jiddibattu jekk humiex sejrin iħassru l-ambjent msaħħar tal-kosta tagħhom. Jistqarru li l-*windfarms* illum huma importanti daqs is-seħer naturali, u li ċerta fissazzjoni



tinsab biss fil-moħħ. Jistqarru li s-sbuħija tan-natura kapaċi tgħix biswit l-eżiġenzi tad-dinja moderna. U 'l hemm u 'l hawn għal għonq kosta mhix mittiefsa, bnew il-*windfarms*.....

Il-belt ta' Gothenburg hija l-kapitali tar-reġjun ta' Vastra Gotaland. Hi t-tieni l-akbar belt tal-Isvezja u b'popolazzjoni ta' ftit iktar minn nofs miljun ruħ, toffri kuntrasti kbar mal-inħawi rurali u kostali tefgħa ta' ġebla 'l bogħod. Twaqqfet fis-sena 1621 mir-Re Gustavus Adolphus tal-Isvezja u kibret għal għonq il-ġnub tax-xmara Gota. Ġiet iddisinjata minn enġiniera Olandiżi u hi kkaratterizzata minn għadd ta' kanali li jserrpu fil-qalba qadima tal-belt. Illum, il-kanali jintużaw minn aġenziji turistiċi sabiex idewqu lill-viżitaturi dik it-togħma differenti u esklussiva ta' Gothenburg. Il-bini u l-pjazez huma ta' stil nordiku. Gothenburg hu wieħed mill-portijiet ewlenin tal-Isvezja, il-post minn fejn isalpaw vapuri lejn pajjiżi ġirien u anke mbiegħda. Ilha taqdi din il-funzjoni għal mijiet ta' snin u ma' xi mollijiet, stajna nammiraw bastimenti tal-imgħoddi li ġew restawrati biex iservu ta' tifkira ta' era imgħoddija.

Hi belt studenteska minħabba l-kulleġġi u l-universitā. Dan il-moviment żagħżugħ huwa evidenti fit-toroq taċ-ċentru. Bħal bliet l-oħra fit-tramuntana tal-Ewropa, Gothenburg għandha klima li taf tinbidel fi ftit minuti. Il-ġranet sajfin ifissru wkoll xita - realtà li trid tgħixha u tidraha.

**Il-laqgħa ġenerali tal-*European Regions for Youth* ġewwa l-Isvezja issa ġiet arkivjata ma' lista ta' attivitajiet li dawn ir-reġjuni Ewropej qegħdin iniedu sabiex flimkien joħolqu programmi utli għall-ġid tal-komunitajiet tagħhom. Dan nistgħu ngħiduh ukoll għal Għawdex li minkejja ċ-ċokon tiegħu, rebaħ ir-rispett u l-fiduċja ta' reġjuni bil-wisq ikbar minnu. Dr Samuel Azzopardi, li kien strumentali biex aħna stajna nagħmlu reportaġġ minn fuq il-post, stqarr li dawn huma opportunitajiet uniċi għal gżiritna. Juru li ż-żgħażagħ Għawdxin m'għandhom xejn anqas minn dawk ta' pajjiżi akbar minna. Jistqarr ukoll li ċ-ċokon ġeografiku ta' gżiritna nistgħu ngħelbuh billi nieħdu sehem f'esperjenzi f'pajjiżi oħra bil-wisq akbar minna.**

---

*Alvin Scicluna hu l-producer u d-direttur tal-programm* "Għawdex Illum" *li minn żmien għall-ieħor itella' dokumentarji televiżivi minn artijiet barranin sabiex iwassal il-kulturi differenti ta' popli oħra.*

*Irqaqat mill-Imgħoddi*

# *Id-Domni, l-Labtu u Nies ta' Qdusija*



*kitba ta'* **JOE AXIAQ**

Ommi kienet tħobb iżżomm labra kbira tas-sarwan, bħal ħafna nisa tar-raħal, imwaħħla fuq quddiem il-libsa ta' kuljum mimlija domni tal-Madonna u l-qaddisin u xi salib żgħir għad-devozzjoni u l-ħarsien mill-perikli tal-ħajja. L-aktar domna komuni kienet tal-Madonna tar-Raġġi, domna daqs xelin, forma ovali bix-xbieha tal-Madonna wieqfa u jdejha niżlin dritti ma' ġenbejha bil-pali miftuħin beraħ u r-raġġi tal-qdusija bħal vireg dritti ħerġin minnhom. Ġiet li kienet tlibbisna xi waħda mwaħħla b'labra żgħira biex tħarisna. Meta kbirna ftit aktar u konna niddobbaw xi waħda minn għand xi qassis konna ndendluha m'għonqna permezz ta' biċċa ħajta bħal ġiżirana.

Kien hemm il-labtu tal-Madonna tal-Karmnu. Kienu jilbsuh l-aktar iż-żgħażagħ u l-kbar għax dawk aktar għandhom bżonn ħarsien mill-perikli fil-ħajja mit-tfal. Imma ġie li kien hemm tfal li kienu jilbsu l-labtu wkoll, speċjalment wara li ommhom tkun għamlet xi wegħda biex ifiequ minn xi marda u tkun qalgħetha. Il-labtu kellu setgħa li jħarsek minn diżgrazzji kbar. Ħafna minn dawk li jilbsuh ma kienu jinżgħuh qatt, anke meta kienu jinżlu jgħumu x-Xwejni fis-sajf.



"Le, tinżgħux il-labtu, dak iħarsek milli tegħreq", kont tisma' min jgħidlek.

U għalkemm magħmul miċ-ċarruta u kien jixxarrab u jiddellek bl-għaraq u jitħammeġ kienu jħalluh imdendel m'għonqhom taħt il-ħwejjeġ ta' taħt.

Kont naħseb li jekk tilbes il-labtu tista' tmur tgħum u ma tegħriqx, avolja ma tkunx taf tgħum. Jien ma kontx naf ngħum u kienet tiġini x-xewqa li nara minn fejn niddobba labtu biex nilbsu u nibda ninżel fil-baħar fond u nżomm f'wiċċ l-ilma bħal Toni, Peppi u Ċikku, l-aqwa għawwiema tar-raħal li kienu jaqbżu minn fuq il-blata 'Tal-Irġiel', l-akbar blata fil-port tax-Xwejni u jaqsmu l-port min-naħa għall-oħra.

Din ix-xewqa qatt ma qtajtha, labtu qatt ma kelli. Imma darba ommi xtratli salvawomu tal-plastik. Ilbistu, nżilt fil-baħar u bqajt dieħel fil-fond sakemm l-ilma laħaqli qaddi. Ħaġa tal-għaġeb; wara ftit ftaħt idejha u erfajt saqajja nċafċaf fl-ilma u bqajt inżomm fil-wiċċ tal-ilma fil-fond.

**Fir-raħal taż-Żebbuġ hemm devozzjoni kbira għal Fra Baskal li kien miet b'fama ta' qdusija kbira fit-18 ta' Mejju 1934, fl-età ta' 68 sena. Ħafna kienu jagħmlu u jaqilgħu wegħdi bl-interċessjoni ta' Fra Baskal. Kienet komuni l-labra b'pendent żgħir imwaħħal magħha, b'ritratt żgħir wara biċċa plastik irqieqa ta' wiċċ Fra Baskal, kollu baffi ,fuq quddiem u n-naħa ta' wara biċċa żgħira miċ-ċoqqa ta' Fra Baskal li kienu jgħidu kienet imbierka.**

**"Ilbsuha biex tħariskom", kienet tgħidilna ommi.**

**Fra Baskal għadda madwar 47 sena fil-ħajja reliġjuża. Dawk ir-reliġjużi li kienu jafuh u għexu miegħu kienu jgħidu li Fra Baskal kien jitlob ħafna u jagħmel il-penitenza. Kien bniedem ta' ftit kliem, iħabrek fix-xogħol tiegħu u jaqdi dmirijietu mill-aħjar li jista'. Il-foqra li kienu jħabbtu l-bieb tal-kunvent għal ftit karità kien jaqdihom mill-aħjar li jista'. Kull min kien jiftakru ħaj, kellu kliem ta' tifħir għall-qdusija tiegħu. Għadda parti kbira minn ħajtu fil-fraternità ta' Għawdex taħt il-ħarsien tal-Madonna tal-Grazzja u l-kunvent tal-patrijiet Franġiskani Kapuċċini fit-triq li mir-Rabat twasslek għal Marsalforn. Taħt il-knisja tal-kunvent fejn kienu jindifnu r-reliġjużi Kapuċċini, għad hemm urna tal-injam li fiha hemm il-fdalijiet ta' dan il-Qaddej ta' Alla.**

Fir-raħal taż-Żebbuġ hemm qima wkoll lejn Dun Karm Cachia li għex bejn l-1882 u l-1950. Ma kellniex domni tiegħu, imma s-santi u r-ritratti tiegħu kienu jiġru fl-idejn. Monsinjur Gian. Andrea Vella kien kiteb il-ħajja u l-grazzji li qala' fi ktejjeb żgħir, forma ta' faxxikli fl-1971 bħala rigal għall-qarrejja tar-rivista, "Il-Ħajja f'Għawdex" u mbagħad reġa' ġie stampat fi ktejjeb aktar attraenti fl-1998.

"Anke fir-raħal tagħna għandna nies qaddisin", kienet tgħid ommi.

Jien kont inħobb niġbor is-santi u d-domni. Niftakar lil Patri Fidiel, li kien jitla' mir-Rabat bil-karozza tal-linja biex iżur il-familja tiegħu fiż-Żebbuġ. Hekk kif konna narawh fit-triq, konna niġru lejh, inbusulu jdejh u hu kien jagħtina santa. Is-santi tiegħu kont inżidhom mal-mazz jikber, riħa ta' ċikwejra tal-kafè, għax uħud mis-santi li kont inġemma' kienet tagħtihomli ommi mill-pakketti taċ-ċikwejra li kienet tħallat mal-kafè.

*Esperjenza (2)*

# *Tfajla Għawdxija tintagħżel biex tkun Pijuniera tal-Paċi*



*tagħrif meħud mit- "Times of Malta" ta' l-20 ta' Awwissu 2010*

**Francine Caruana, tfajla ta' 21 sena ġiet magħżula bħala waħda minn 35 żagħżugħ u żagħżugħa biex jipparteċipaw fil-*Nkabom Commonwealth Leadership Programme.* Francine, studenta fl-Università ta' Malta, hija tfajla mħeġġa u attiva. F'kompetizzjoni ta' iktar minn 500 applikant u applikanta minn diversi pajjiżi, hija spiċċat l-unika rappreżentatriċi ta' Malta fi grupp ta' 28 nazzjon.**



Il-Programm *Nkabom* huwa proġett għall-paċi tar-*Royal Commonwealth Society*, wieħed mill-eqdem u mill-akbar organizzazzjonijiet mhux tal-gvern li jinteressa ruħu minn ħwejjeġ tal-*Commonwealth.* Nkabom (pronunzjata ink-a-bom) tfisser "niltaqgħu flimkien". Dal-programm sar l-ewwel darba f'Ghana fis-sena 2004. Ix-xahar id-diehel, Francine, flimkien ma' applikanti oħra magħżula, se tmur Kigali, fir-Rwanda għal dal-programm interattiv ta' għaxart ijiem li se jikkonċentra fuq ftehim internazzjonali, bini tal-paċi u metodi ta' kif jistgħu jissolvew ċerti konflitti. Rwanda, l-iġded membru tal-*Commonwealth,* għandha tkun ambjent ideali għal inizjattiva li tippromwovi l-potenzjal ta' żgħażagħ li jixtiequ jkunu aġenti ta' paċi u żvilupp. Francine qalet: "Jiena kuntenta li ntagħżilt għal dan il-programm, li se jiffoka l-aktar fuq bini tal-paċi u soluzzjonijiet ta' kunflitti. Jiena nemmen bis-sħiħ fil-qawwa tad-diplomazija".

Aħna tkellimna ma' Francine, dit-tfajla minn San Lawrenz, u tlabniha tirrakkontalna fil-qosor l-esperjenza tagħha fir-Rwanda. Qaltilna Francine...

"Kollox beda meta rajt il-*video "Shake hands with the devil"*! Dan il-*video* ħeġġiġni nibda nagħmel tiftix biex nikteb teżi għal *masters* tiegħi dwar il-ġustizzja transizzjonali fir-Rwanda wara l-ġenoċidju li kien seħħ f'dak il-pajjiż.

Jien u naħdem it-teżi tiegħi ltqajt ma' applikazzjoni biex nieħu sehem fil-"*Commonwealth Youth Leadership Programme*" għas-sena 2010 li kien se jsir fir-Rwanda bejn il-5 u l-15 ta' Settembru li għadda. Spiċċajt mort!

Il-mawra tiegħi fir-Rwanda kienet għalija l-ikbar esperjenza fil-ħajja żagħżugħa tiegħi...fetħitli għajnejja. Min qatt jista' jemmen li bnedmin, mogħnija bis-sens tar-raġuni kienu se jaslu għal tant atroċitajiet ? Xhieda ta' dawn l-atroċitajiet huma il-*Kigali Memorial Site* u l-knisja kattolika ta' Nyamata. Il-*Kigali Memorial Site* jikkonsisti f'mużew fejn għandek esibiti, il-pjanifikazzjoni tar-riżuluzzjoni u l-esekuzzjoni tal-ġenoċidju. Esebiti wkoll huma l-għadam, kranji u fdalijiet ta' eluf ta' bnedmin li ġew maqtula waqt il-ġenoċidju...Huma ilħna siekta ta' dak li ġara ftit tas-snin ilu. Imbagħad fuq barra għandek ġonna meraviljużi, stħajjilthom, u hekk huma, att ta' qima lil dawk li tilfu ħajjithom f'dak iż-żmien tal-biża'.

Imma l-aktar li impressjonani kienet il-knisja kattolika ta' Nyamata. Matul il-ġenoċidju, din id-dar ta' Alla kienet saret il-post magħżul mill-qattiela ta' ħafna vittmi. F'dil-knisja ġew maqtula ta' l-inqas 10,000 ruħ, il-biċċa l-kbira minnhom Tutsi li marru jsibu kenn f'dan il-post ta' qima.

L-attività ewlenija ta' dal-programm ta' għaxart ijiem kienet il-laqgħa ta' konsultazzjoni ma' l-Eċċellenza Tiegħu il-President Paul Kagame. F'din il-laqgħa kelli l-unur nippreżentalu kopja tat-teżi li permezz tagħha ksibt *masters degree* fl-istudji diplomatiċi. Il-President ħeġġeġ lilna ż-żgħażagħ biex nitgħallmu mill-esperjenza tar-Rwanda u nkunu dejjem messaġġiera u strumenti ta' paċi.



Esperjenza (3)

# MEA
## L-esperjenza ta' ħames żgħażagħ studenti Għawdxin

*kitba ta'* **Doreen Azzopardi u Loradine Pisani**

L-esperjenza tagħna bdiet madwar sena ilu. Konna għadna kif dħalna s-*Sixth Form* meta grupp ta' studenti li ħadu sehem is-sena ta' qabel f'dan il-proġett ġew ikellmuna waqt lezzjoni tal-oqsma tal-għerf. Kellmuna dwar l-esperjenza tagħhom f' din l-attività bl-isem ta' M.E.A. - *Mini European Assembly.*

Dawn l-istudenti kellmuna kif dan il-proġett ibbażat fuq livell nazzjonali, kien jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' studenti li qed jistudjaw f'livell post-sekondarju u Universitarju kemm minn Malta kif ukoll minn Għawdex. Spjegawlna tajjeb kif taħdem is-sistema u ddeċidejna li ngħaqqdu grupp ta' ħamsa u nidħlu għal din l-esperjenza li għalkemm kienet tidher li tinvolvi x-xogħol, kienet ukoll tidher mezz tajjeb biex nitgħallmu, inkabbru l-kunfidenza tagħna u naħdmu fi grupp.

Għal bidu kollox kien jidher diffiċli minħabba l-fatt li riedna nitilgħu Malta għal kull laqgħa. Bdejna niltaqgħu darbtejn f'xahar, waħda bħala '*committee meeting*' fejn konna niddiskutu b' mod informali ma' skejjel oħra s-suġġett ta' dak ix-xahar. Fit-tieni laqgħa li jsejħula '*plenary session*', ta' kull xahar, kienet formali fis-sens li kien ikun hemm il-ġurija professjonali li kienu jiġġudikaw l-isforzi tagħna. Din il-laqgħa kienet titmexxa fuq l-istess regoli tal-Assemblea Ewropea. F'din il-laqgħa riedna nagħtu diskors bl-Ingliż fuq is-suġġett li kien jintgħażel skont is-sitwazzjoni soċjali, ekonomika u reliġjuża Ewropea, kif ukoll konna nippreżentaw soluzzjonijiet u nipproponu alternattivi għall-problemi diskussi.

Kull grupp kien jirrappreżenta pajjiż fil-Kunsill Ewropew. Fost it-tnax-il grupp li kienu f'kompetizzjoni magħna, l- grupp tagħna tela' bix-xorti biex jirrappreżenta lill-Ukranja. Għall-ewwel '*plenary session*' kellna nippreżentaw rapport ta' madwar għoxrin paġna dwar is-Sekularizzazzjoni fil-pajjiżi kollha rrappreżentati f'din l-Assemblea.

L-esperjenza tagħna baqgħet dejjem tiżviluppa pożittivament. Tant li kellna



opportunità nitkellmu pubblikament f'diversi postijiet pubbliċi fosthom il-Qorti Kriminali, l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Kurja u finalment anke fil-Parlament ta' Malta.

Żgur li din l-esperjenza ta' darba kienet vantaġġjuża għal diversi raġunijiet fosthom għax tgħallimna fuq suġġetti varji, tgħallimna nagħmlu riċerki dettaljati u naħdmu fi grupp. Fuq kollox din l-opportunità għenitna biex inkabbru l-kunfidenza tagħna waqt li nitkellmu quddiem udjenza.

Għalhekk qegħdin inħeġġu lill-istudenti li qegħdin fl-iskejjel post-sekondarji biex jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet għax vera jistgħu jkunu ta' esperjenza unika f'ħajjithom bħal ma kienet l-esperjenza tagħna.



LETTERATURA GĦAWDXIJA

# Min Irid...fl-2011

poeżija ta' **Francis Sultana**

Ma nixtieqx ċiniku nkun
f'sena 'l għadha kemm dawl rat,
fgatha bi proponimenti
sa mill-ewwel nifs li tat.

Min jixtieq it-tipjip jaqta'.
Min mill-ħelu jrid jastjeni.
Min joqgħod fuq dieta stretta.
Min għax-xogħol jaħseb ftit kmieni.

Min f'xogħol ma jegħreqx sa mnieħru.
Min isib ħin għal uliedu.
Min jagħmel xi eżerċizzju.
Min bix-xorb ma jgħarraqx fwiedu.

Min madwar għall-ambjent jibża'.
Min lill-proxxmu jixtieq jgħin.
Min irid iz-zekzik jaqta'.
Min inizzel ftit id-dejn.

Min ma jridx jgorr bil-ħajja.
Min jibdel in-negattiv.
Min ma jridx sema jmiss b'idu.
Min lok jagħti 'l-pożittiv.

Ngħid jien, jekk tixtieq tinbidel,
tistenniex l-Ewwel tas-Sena.
Għid kelma u qis li żżommha.
Titnikkirx, għaliex tinfena!



# Il-Bajja tad-Dwejra

poeżija ta' **Dun Manwel Cutajar**

Bilqiegħda fuq ġebla tal-għolja
Imlaqqma minn niesna "tal-Bniet"
Nintilef kull darba nitgħaxxaq
Bi ġmielek, ja Dwejra, fil-kwiet.

Madwari r-riħa tal-plejju,
Tas-sagħtar mal-art iggranfat;
Ħafur qed jiżżeffen maż-żiffa
Titbewwes ma' wiċċ dan il-blat.

Ix-xemx nieżla ħelu fix-xefaq
Mitbiela, għajjiena, tirtogħod,
U ssaħħar bi ħżuż ħamranija
Il-wesgħa tas-sema 'l bogħod.

Il-baħar jitħannek mal-blata,
Sabiħ, ikħal minnu ma hemmx!
Imm' issa qed jilma ħuġġieġa
Biswit fejn qed tinżel ix-xemx!

Hawn festa ta' dwal ħamranija!
Hawn ġenn ta' kuluri mħalltin!
Tiġġedded il-ġlieda dejjiema
Tad-dawl u tad-dlam ma' xulin!

Il-blat, il-ħitan u kull rokna
Imtlew b'dellijiet kullimkien;
U t-torri ta' fuq ix-xaqliba
Jidher ġgant qed jisfida ż-żmien!

L-għasafar fi qtajja għaddejja
Ferħana sejrin lejn id-dar;
Raħħal tiela ċeklem bil-merħla
Illi ragħat fl-irdum tal-madwar.

Biss bilbla fil-għoli titlajja
Twennisni b'għanjietha ħelwin!
Imm' issa daqt tinżel fil-bejta
Biex tħannen 'l uliedha ċkejknin!

Il-qniepen jinstemgħu jnaqqru
Mill-knisja tar-raħal tal-qrib;
Isejħu lill-ġemgħa biex tfaħħar
Lil Alla ta' kollox is-Sid.

Ġieħ, ħajr, jien rroddlok, Mulejja,
Tal-ġmiel illi jisboq kull kliem,
Tas-sliem li jserraħ lil ruħi,
Tal-ħsieb li laqqagħna flimkien!

Passiġġata Biblika - 60

*"Araw, għax jiġi żmien, Oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda"*
*(Ġeremija 31:31)*

# Ir-Rabta bejn l-Antik u l-Ġdid Testment fil-Bibbja

minn Fr. Charles Buttigieg

**Il-Bibbja għandha żewġ partijiet, li nsejħulhom l-Antik Testment u l-Ġdid Testment jew ir-Rabta l-Qadima u r-Rabta l-Ġdida. Fl-Antik Testment għandna l-istorja tal-pjan tas-salvazzjoni minn Alla bħala tħejjija għall-Miġja tal-Mulej. Fil-Ġdid Testment għandna l-ħajja u tagħlim ta' Ġesù li jilħaq il-qofol tiegħu bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Din l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni nkomplu narawha titħabbar permezz tal-appostli mmexxija mill-Ispirtu s-Santu.**

## *Ir-Rivelazzjoni tal-Missier*

L-ewwelnett il-Ġdid Testment ma jwarrabx it-Testment il-Qadim, anzi t-Testment il-Ġdid jimplika dak li hemm fir-Rabta l-Qadima. Hemm xejn inqas minn madwar 350 kwotazzjoni mill-A.T. fil-Ġdid Testment, anke Ġesù innifsu jikkwota mill-A.T. Fil-Ġdid Testment il-missjoni ta' Ġesù tiffoka fuq ir-rivelazzjoni ta' l-Iben ta' Alla u r-rivelazzjoni tal-Missier mill-Iben li tagħti risposta finali ta' dak kollu li Alla għamel mal-poplu ta' Israel fl-Antik




Testment. Jiġifieri, nsiru nafu lill-Missier mhux biss permezz tal-ħolqien, permezz tal-alleanzi jew tal-pattijiet, jew permezz tal-profeti, jew permezz tat-tempju; imma huwa l-Iben innifsu li jurina lill-Missier kif naraw fl-erba' evanġelji: "Missier, igglorifika lili bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja... il-glorja li tajtni int, għaliex int ħabbejtni sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja" (Ġw 17:5-24); "Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf lill-Iben jekk mhux il-Missier, kif ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-iben u dak li lilu, l-Iben irid jgħarrafhulu" (Mt 11:25-27, ara ukoll Lq 10:21-22).

Din ir-relazzjoni bejn l-Iben u l-Missier narawha fuq kollox fir-raba' evanġelju ta' San Ġwann: "Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda, (bil-Grieg: '*hen semen*')" (Ġw 10:30); "Il-Missier huwa fija u jiena fil-Missier" (Ġw 10:38); "Min ra lili ra lill-Missier" (Ġw 14:9); "Li kieku kontu tafu lili, kontu tafu lil Missieri ukoll" (Ġw 8:19). "Il-ħwejjeġ li jagħmel il-Missier jagħmilhom l-Iben ukoll, bħalu" (Ġw 5:9); "Bħalma l-Missier iqajjem lill-mejtin u jagħtihom il-ħajja, hekk ukoll l-Iben jagħti l-ħajja lil dawk li jrid hu" (Ġw 5:21); "Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi" (Ġw 16:15); "Jiena m'iniex waħdi, imma miegħi għandi l-Missier li bagħtni (Ġw 8:16).

## *Il-Patt il-Ġdid fi Kristu*

F'Ġen 15:9-17 naraw il-metodu antik semitiku ta' kif kien isir il-patt bejn żewġ partijiet, fejn litteralment l-annimali tas-sagrifiċċju kienu jinqasmu minn nofs u l-partijiet involuti fil-kuntratt kienu jgħaddu minn bejn il-bhima maqsuma biex juri li min ma josservax il-kuntratt ikun ħaqqu l-mewt. Fl-Ebrajk il-kelma 'patt' hija 'berit', u tfisser 'li taqta' patt' aktar milli 'tagħmel patt'. Juri fuq kollox it-tixrid tad-demm bħala kundizzjoni neċessarja għall-patt. Issa l-patt il-ġdid huwa mħabbar mill-profeta Ġeremija 31:31-34; Eżekjel 36:27; Isaija 54:10; Osea 2:18-23 u mill-profeta Malakija 3:1-4. F'Ġer 31:31 niltaqgħu mal-patt il-ġdid li ser jagħmel Alla mal-Poplu tiegħu, bl-Ebrajk '*berith hadaxah*', bil-Grieg '*he diatheke kaine*': "Araw, għax jiġi żmien, Oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda". Il-patt il-qadim tas-Sinaj intemm minħabba d-dnubiet ta' Israel. Iżda issa Alla se jagħmel patt ġdid imnaqqax fil-qalb tal-laħam, u mhux fuq il-ġebel. Dan il-patt, ġie fis-seħħ bis-sagrifiċċju bid-demm ta' Ġesù Kristu fuq is-salib.



**Il-qofol ta' dan kollu li għidna narawh fuq kollox f'Ġesù Kristu fl-Aħħar Ċena. Għandna l-kliem tat-twaqqif tal-Ewkarisija f'Mt 26:28 fejn naraw il-barka tal-patt il-ġdid: "għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet"; f'Mk 14:24: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra"; f'Lq 22:20: "Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom"; u 1 Kor 11:25: "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi". Għandna dejjem preżenti hawnhekk il-kelma 'patt'. Ġesù Kristu għalhekk huwa l-medjatur ta' dan il-patt il-ġdid.**

*Il-Qawmien ta' Kristu*

L-aħbar tal-qawmien mill-mewt ta' Kristu wara tlitt ijiem fil-qabar, anke tal-ġisem tiegħu kienet aħbar tassew inkredibbli. L-ewwel kitba li nsibu fil-Ġdid Testment rigward ir-riżurrezzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu nsibuha fl-ittri pawlini, fejn San Pawl stess kellu l-esperjenza ta' Kristu ħaj. Infatti San Pawl jisħaq ħafna fuq il-qawmien ta' Kristu lill-komunità tal-Korintin fejn il-kuntest pagan kien iħaddan biss l-immortalità tar-ruħ biss u mhux il-qamwien tal-ġisem. "L-ewwelnett għallimtkom dak li tgħallimt, li Kristu miet għal dnubietna, skont il-Kitba, u kien midfun u qam it-tielet jum skont il-Kitba, u deher lil Kefa, imbagħad lit-Tnax." (1 Kor.15:3-5). Dan it-twemmin iffundat mela fuq xhieda awtentika u appostolika juri ġrajja li qatt ma ġrat qabel u lil ebda persuna, li Ġesù qam mill-mewt biex ma jmutx aktar.

Għalhekk il-qawmien mill-imwiet jimplika Kristu fir-realtà totali tiegħu u għalhekk anke l-ġisem tiegħu ġie mqajjem għall-glorifikazzjoni u għall-immortalità. Dan kien l-ewwel messaġġ ta' predikazzjoni tal-appostli li mbagħad wara diversi stadji, dan il-materjal ta' predikazzjoni nkiteb fl-evanġelji li għandna.

Din ir-realtà tal-qawmien hija mela l-prova l-iktar importanti għall-verità tal-kristjaneżmu. Kien għalhekk li San Pawl ikompli jgħid li permezz tal-qawmien ta' Kristu, Kristu Rxoxt huwa Ħaj għal dejjem; "U jekk Kristu ma qamx, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna u fiergħa l-fidi tagħkom... Imma le: Kristu qam minn bejn l-imwiet, l-ewwel fost il-mejtin. Għax bi bniedem ġiet il-mewt u bi bniedem il-qawma ta' l-imwiet. Għax bħalma kulħadd imut f'Adam, hekk ukoll kulħadd jerga' jieħu l-ħajja fi Kristu" (1 Kor 15:14).

*Biblijografija*

Farkasfalvy, D., "*Jesus reveals the Father: The center of New Testament Theology*", Communio 26 (1999) 235-257.

Grilli, M., *Quale rapporto tra i due Testamenti?*, Bologna 2007.

Kummel, G., *The Theology of the New Testament*, Nashville (TN) 1973.

Pontificia Commissione Biblica, *Il popolo Ebraico e le sue Sacre Scritture nella Bibbia Cristiana*, Citta` del Vaticano 2001.

Segalla, G., "Rassegna di teologie del N.T.", *Studia Patavina* 16 (1969) 131-149.

*Għawdex Qabel ir-Ritratti (31)* — *minn* **JOHN CREMONA**

# *"Ħu ħsieb dawk il-ġebel..."*



VUE DE LA NEF DU TEMPLE.
prise du fond de l'Abside.

Il-litografija li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu hija meħuda mill-ktieb '*Temple ante-diluvien dit des geants decouvert dans l'Ile de Calypso aujurdhui Gozo, pres de Malte*' ta' Luigi Mazzara ppubblikat f'Parigi fl-1827. Dan huwa ktieb rarissimu li jitratta dwar il-Ġgantija u li dwaru diġà tkellimt f'artiklu 20 ta' din is-sensiela.

L-istampa turi veduta meħuda mill-*abside* ta' ġewwa nett tat-tempju l-kbir u turi d-daħla u l-kuritur prinċipali ta' dan it-tempju. Eżattament faċċata ta' l-intrata tidher il-mitħna tan-Nadur fuq ix-xefaq.

Mazzara kien l-ewwel artist li ħalla xogħol dettaljat tat-tempji tal-Ġgantija wara li kienu għadhom kif ġew imnaddfa mit-terrapien taħt id-direzzjoni tal-Gvernatur ta' Għawdex John Otto Bayer fl-ewwel snin tas-seklu dsatax. Minħabba r-rarità tal-ktieb, dawn il-litografiji ftit huma magħrufa.

Qabel it-tindif li semmejt, il-parti ta' ġewwa kif ukoll il-faċċata tat-tempji kienu mirduma taħt it-terrapien, imma l-partijiet għoljin kif ukoll il-ħajt ta' wara tal-Ġgantija minn dejjem kienu mikxufin u għalhekk qajmu kurżità fost l-Għawdxin kif ukoll fost il-ftit viżitaturi li kienu jżuru lil Għawdex f'dawk iż-żminijiet.

Ta' min ifakkar li l-Ġgantija kienet, kif għadha llum, imdawra b'art agrikola li tinħadem. Interessanti huwa l-fatt li jsemmi l-Prinċep ta' Biscari fil-ktieb tiegħu '*Viaggio per tutte le antichita' della Sicilia*' *ippubblikat f'Napli fl-1781. L-awtur jgħid "ta' min jinnota l-fdalijiet ta' binja qadima (f'Għawdex) b'forma ta' nofs ċirku iffurmat minn ġebel ta' qies kbir ħafna: u ta' min ifaħħar il-premura għall-ħarsien tagħha minn sid il-post is-Sinjur D. Gio Battista Cassar għall-konservazzjoni tagħha għal dejjem. Huwa ħa ħsieb li jħares lil din il-binja minn qerda sħiħa meta għamel kundizzjoni, meta ta b'ċens perpetwu dan il-post li ma tista' tiġi mħarrka ebda ġebla minn postha taħt il-piena tan-nullità tal-kuntratt jekk jiġri dan"*. Huwa jirrimarka *"O li kieku ħaġa bħal din tpoġġiet fil-prattika f'postijiet oħra, kemm aktar antikitajiet sbieħ kienu jiġu mħarsa biex jissodisfaw lill-vjaġġaturi mgħallma li jżuruhom"*. Ma nafx kemm din il-kundizzjoni ħadmet għaliex nafu li fis-snin wara t-tindif tagħha, l-Ġgantija kienet abbandunata u kulħadd seta' jkisser u jiġbor fuħħar kemm irid biex jitfarrak għad-deffun.

Il-litografija li saret fuq disinn ta' Luiġi Mazzara nnifsu, saret minn Jean Baptiste Joseph Jorand wieħed mit-tliet artisti li ħadmu fuq il-litografiji li jinstabu fil-ktieb. Il-litografija fil-fatt hija ffirmata JJJ 1828. Il-litografiji ta' dan l-artist huma karatterizzati minn figuri ta' tfal subien reqdin f'xi rokna tat-tempju kif jidher fin-naħa t'isfel fuq il-lemin ta' l-istampa.

Il-litografija hija intitolata '*Vue de la nef du Temple prise du fond de l'abside*' u hija mmarkata bħala Pl(ate) 7. Għandha qisien ta' 190mm x 292mm.

Għawdex
400 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 189
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2011

**Għall-GĦOXRIN sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin (1992-1999) ippubblikajna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sad-dsatax-il sena (2000-2010) ġibna dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu nqerdu. Din is-sena sejrin nerġgħu b'dokumenti ta' 400 sena ilu. Id-dokumenti, bħas-snin ta'qabel, huma meħudin mill-*Acta* ta' l-Universitas, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn jinsabu miġbura fl-Arkivju Nazzjonali, sezzjoni ta' Għawdex. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni storiċi jiġu stampati fi ktieb.**

# Inbid *tax-free* għat-*Torri Garza*

**Id-dokument numru mija u disgħa u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex jikkonsisti fil-ħatra ta' amministratur – f'Jannar ta' 400 sena ilu – biex jikkontrolla l-kwantità ta' inbid bla sisa li kien jingħata lill-għassiesa f'Torri Garza. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 28r. (NAG, UG, *Acta*, 3/1610–1611, 28r).**

Din hi t-traskrizzjoni tal-Bandu:

*Havendo havuto ordine dal Signore Fra Don Geronimo di Guerava, maestro di Casa di Monsignor Illustrissimo per sua lettera data sotto li 24 di dicembre prossimo passato d'eligere una persona persona approbata dal Molto Illustre Signor Don Eugenio Maldonado, nostro Governatore, che amministri per il corrente anno la gabella del vino, per l'università no' trovandosi ad affitar, necno' ed di limitare la quantità che può bere quella gente che assiste astiste ordinariamente nella Torre sive Garza del Mugiarro ogni anno franco di gabella. Perciò con parere del Signor Don Eugenio eligemo et deputamo per amministrattore et esattore di detta gabella a' Mastro Salvo Baglio, presente et accettante promettendo co' fungere quella amministrare senza fraude ne dolo veruno con render real conto di quello toccherà, necno' ordiniamo che quella gente della Garza habbi dab ere franco di gabella ogni anno quattro botti divino solamente.*



It-*Torri Garza* hu l-isem mogħti mill-Għawdxin lit-torri li nbena fuq ir-riħ tal-port tal-Imġarr, Għawdex, bi flus imħollija mill-Granmastru Martin Garzes li miet fis-7 ta' Frar 1601. It-torri kien lest sas-sena 1607 u kien ta' barka kbira għall-Għawdxin. Kien igħasses il-fliegu ta' Għawdex mill-kursara u l-pirati dejjem iħufu f'din il-biċċa baħar. L-Ingliżi, li mxew b'għaks kbir mal-Għawdxin dejjem attenti li ma jonfqux sold Għawdex, kienu ħattu dan it-torri fis-sena 1848 biex bil-ġebel tiegħu jinbena l-pont fuq Wied il-Kbir, pont li għadu hemm sal-lum.

F'Jannar 1611 – erba' mit sena ilu – dan it-torri kien ilu wieqaf erba' snin. Kien torri bl-għassa erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u għalhekk dejjem bl-għassiesa fih. Dan id-dokument hu relatat proprju ma' dawn l-għassiesa. Dik il-ħabta Għawdex kien immexxi mill-Gvernatur Don Eugenio Maldonado – gvernatur li jibqa' magħruf fl-istorja ta' Għawdex għax kien hu li ta l-bust ta' Sant'Orsla, verġni u martri, lill-Knisja Matriċi, qaddisa li l-Għawdxin f'qasir żmien għażlu bħala patruna tagħhom.

Nhar l-24 ta' Diċembru, 1610, Fra Don Geronimo di Guerava, mastru tad-dar tal-Gvernatur, kiteb lill-Universitá ta' Għawdex ħalli taħtar persuna biex tikkontrolla l-inbid li kien qiegħed jiġi kkonsumat fit-Torri Garza. L-ittra tixhed li matul l-erba' snin li kien ilu wieqaf it-Torri ħadd ma kien jikkontrolla l-kwantità ta' inbid imgħoddija lin-nies tat-torri. L-Università kellha għalhekk taħtar persuna ħalli tibda tagħmel dan il-kontroll.

Dan il-kontroll kien meħtieġ għaliex il-għassiesa ta' Torri Garza kellhom il-privileġġ li jixtru l-inbid *tax-free*, mingħajr ma jħallsu s-sisa fuqu. Dan kien b'telf għall-Università ta' Għawdex. Għalhekk il-kwantità tal-inbid li tingħata bla taxxa kellha tiġi speċifikata.

L-Università għażlet lil Mastru Salvu Baglio għal dan il-għan u l-għażla tiegħu kienet approvata mill-Gvernatur Maldonado. Kien deċiż li l-għassiesa tat-Torri Garza kienu intitolati għall-*quattro botti di vino solmente* – għall-erba' bramel inbid fis-sena bla sisa. Kienet kwantità mhux żgħira. *Botte* jew barmil kien fih erba' ġarar, kemm kemm iktar minn 43 *litru*. Jiġifieri kienu intitolati għal xejn inqas minn 172 litru bla sisa fis-sena. Ħadd ma kellu jażżarda joffri nbid bla sisa lill-għassiesa tat-Torri Garza iktar milli kien awtorizzat.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Dun Nikol Vella Apap (1930 - 2000)*



Żgur li wieħed mis-saċerdoti Għawdxin li ma jintesa qatt huwa Dun Nikol Vella Apap.

Twieled fit-29 ta' Ottubru 1930 u tgħammed l-għada bl-ismijiet ta' Nikola, Vinċenz, Anton u Ġorġ mill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Meta kellu disa' snin daħal abbati u ħareġ għall-ewwel darba fil-purċissjoni ta' San Girgor; it-tfal kienu jidħlu abbatini ta' dik l-età. Sa minn ċkunitu kellu x-xewqa li jsir qassis.

Wara li temm l-iskola prijmarja tal-Gvern, Nikol għadda għas-Seminarju u daħal bħala *boarder* fis-sena 1946. Wara li spiċċa l-istudji kollha, ġie ordnat qassis ma' ħames djakni oħra fit-13 ta' April 1958 mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace fil-Katidral ta' Għawdex.

Dun Nikol qeda diversi uffiċċji fil-parroċċa ta' San Ġorġ fosthom dik ta' viċi-parroku (1972-1984), sagristan maġġur (1959-1971), Kanoniku mill-10 ta' Lulju 1976 sa mewtu, u kien l-aħħar prokuratur tas-Santissmu Kurċifiss u prokuratur ukoll tal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira (1973-1983).

Meta Mons. Nikol Cauchi, li wara sar isqof ta' Għawdex, kien għadu prefett tal-istudji fis-Seminarju ta' Għawdex, sejjaħ lil Dun Nikol fl-1967 biex jibda jgħallem fis-Seminarju Minuri. Huwa għallem il-Ġeografija, Taljan u l-Istorja sal-1991. Fl-1968 l-istess Isqof għażlu bħala l-ewwel Biblijotekarju tas-Seminarju fejn dam sentejn u dar dawra mal-kotba kollha.

Il-ħidma tiegħu fis-Seminarju lanqas waqfet meta spiċċa mit-tagħlim. Baqa' bħala wieħed mil-Librara tas-Seminarju Maġġuri, fejn ta' kuljum kien jgħin lis-Seminaristi fix-xogħol ta' riċerka li jagħmlu. Tant ħabb lis-Seminarju li fl-aħħar snin ta' ħajtu għoġbu joffri diversi kotba lill-Biblijoteka ta' dan il-post. Għal żmien twil, hu kien kappillan tal-Klinika tas-Sorijiet Dumnikani fejn kien iqaddes kuljum fil-knisja ta' Pompej u jqarben lill-morda li kienu rikoverati hemm.

Dun Nikol għex ħajja miġbura ħafna. Ftit li xejn siefer u ftit li xejn kellu kumditajiet. Fil-fatt lanqas televiżjoni ma kellu d-dar. Kellu passatemp li jġemma' l-kotba u għalhekk kellu forsi waħda mill-akbar libreriji privati li hawn f'Għawdex. Iżda għalkemm kien jixtri kotba ta' *Melitensia* jiġifieri li jiġu ppubblikati f'Malta kellu ħafna kotba ta' Missirijiet il-Knisja u qaddisin, flimkien ma' ħajjiet tal-qaddisin. Dawn għenuh biex jeleva ruħu lejn Alla. Barra minn hekk kien iħobb ħafna jaqra l-Istorja tal-Knisja u dejjem ħares lejn il-ġrajjiet li kien jaqra bi spirtu ta' fidi.

Hekk Dun Nikol kellu materjal biex jikteb f'diversi rivisti u gazzetti f'Malta u Għawdex. Kiteb materjal dwar l-Istorja tal-Knisja, storja ta' Għawdex, bijografiji dwar persunaġġi Għawdxin, *folkore* dwar id-drawwiet reliġjużi tal-imgħoddi, u poeżiji li juru l-imħabba li kellu lejn Alla u lejn il-Verġni Marija. Infatti huwa ppubblika żewġ kotba. Dawn huma : *Il-Madonna fl-Istorja tal-Liturġija u l-arti*, fl-1990, u *l-Istorja tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba*, fl-2000. Dan barra l-għadd ta' manuskritti li għadhom ma rawx id-dawl tal-pubblikazzjoni.

Kif għedna Dun Nikol kellu spirtu ta' ġabra reliġjuża u mħabba lejn il-kotba. Mhux ta' b'xejn kien jammira ħafna lill-Benedittini li jgħixu ħajja ta' studju u talb. U nistgħu ngħidu li huwa għex skont dan l-ispirtu. Nitqarrqu jekk naħsbu li kien mehdi fil-kitba u ħalla x-xogħol pastorali. Kellu komunikattiva kbira u nqeda b'dan għall-ġid tal-Knisja billi ppriedka u qarar f'diversi knejjes ta' Malta u Għawdex.

Il-ħarġa tiegħu kien li jmur sal-Bażilka ta' San Ġorġ, sa għand is-Sorijiet ta' Pompej biex iqaddes u sas-Seminarju fejn serva wkoll għal diversi snin ta' bibliotekarju. Ma' kull min kien jiltaqa' kien ikellmu u jgħidlu kelma ta' ġid.

Fl-aħħar tas-snin disgħin saħħtu bdiet sejra lura tant li f'Novembru tal-2000 tah attakk tal-qalb u ddaħħal ic-CCU fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Iżda tilef il-battalja mal-ħajja u fis-16 ta' Novembru 2000 għadda fid-dar tal-Missier. L-aħbar ta' mewtu ħasdet lil kulħadd. L-għada sarlu funeral sollenni fil-Bażilka ta' San Ġorġ. Fil-quddiesa kkonċelebraw għadd kbir ta' saċerdoti u attendew ukoll ħafna nies.

*(Dan l-artiklu huwa mibni fuq il-konoxxenza tiegħu mill-awtur ta' dan l-artiklu u fuq l-artikli Mons. Ġużeppi Cauchi* "Kan. Nikol Vella Apap" *li deher fl-Action tal-Milied 2000 u l-artiklu* "Il-Kanoniku Nikol Vella Apap L-Awtobiografija" *li deher fil-"Leħen il-Belt Victoria" Settembru/Ottubru 2010).*

**Angelo Xuereb**

Għawdex Online (25)



# L-Arka biddlet il-mentalità dwar id-Diżabbiltà



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicep@go.net.mt

Għaddejt tfuliti Santa Venera meta Misraħ il-Barrieri kien imdawwar b'għelieqi. Ommi kienet teħodna passiġġata biex nimlew il-pulmuni bl-arja friska. Kultant konna mmorru tard wara nżul ix-xemx meta konna niltaqgħu ma' raġel b'diversi diżabbiltajiet. Kien joħroġ tard biex ma jiġix ittantat mit-tfal li kienu joħorġu jilgħabu fil-Misraħ. Ngħid għalija, ma nafx għaliex, jien kont nibża' minn din il-persuna.

Il-mentalità dwar persuni b'diżabbiltà kellha bżonn li tiġi indirizzata. Min jaf kemm ġenituri kienu jżommu xi wild li twieled b'xi diżabbiltà magħluq f'darhom. Ix-xogħol ta' Mons. Mikiel Azzopardi wasslet għall-bidla radikali dwar kif ħafna jħarsu lejn persuni b'diżabbiltà llum. **F'Għawdex għadna kif iċċelebrajna l-għaxar anniversarju minn mindu nfetħu l-bibien tal-Fondazzjoni Arka f'Għajnsielem, xogħol Mons. Manwel Curmi u għadd kbir ta' voluntiera.**



Il-websajt *www.arkafoundation.org* tħabbar bħala l-ewwel għan tal-Fondazzjoni, l-ħolqien u l-indukrar ta' attitudni pożittiva lejn persuni b'diżabbiltà. Ħarsa madwarna turi li b'mod ġenerali dan l-għan twettaq. Is-sit jelenka l-għanijiet l-oħra tal-Arka, dejjem li jilħaq il-miri tiegħu ta' dinjità, rispett u kunfidenzjalità fejn jidħlu l-persuni b'diżabbiltà.

It-taqsima Servizzi ssemmi kif l-Arka toffri alloġġ kemm għal medda qasira kif ukoll twila, tilqa' familji li jieħdu ħsieb xi membri b'diżabbiltà, toffri waqfiet ta' emerġenża u bi ftehim mal-Gvern iżżomm fuq bażi permanenti sitt persuni għas-spejjeż tal-Gvern. **L-Arka tinkuraġġixxi żjajjar minn gruppi b'xi diżabbiltà u għandha programm ta' bdil ta' żjarat b'parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni Ewropea.**

Taqsimiet oħra fis-sit iħarsu lejn il-fondi dejjem neċessarji biex dan il-proġett jibqa' jaħdem bla skossi, aħbarijiet dwar l-Arka, deskrizzjoni ta' proġetti mitmuma u oħrajn ippjanati, gallerija ta' ritratti u formula li persuni b'diżabbiltà jistgħu jimlew bħala applikazzjoni għal xi servizz mogħti mill-Fondazzjoni Arka. **Nawgura lil Arka snin twal ta' ħidma biex kull persuna Għawdxija b'xi diżabbiltà ssib il-kenn jew l-appoġġ li jixirqilha.**

Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

TIEQA FUQ L-AMBJENT (24)

# IL-GAMIEMA TAL-KULLAR



*(Dan huwa l-erbatax-il artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba ta'* JOE SULTANA



*Gamiema tal-Kullar - ritratt ta' A. Tanti*

F'dawn l-aħħar għoxrin sena l-popolazzjoni ta' x'uħud mill-għasafar li jbejtu f'Għawdex naqset sew. Id-**Durrajsa** kważi nqerdet u l-**Bufula Ħamra**, fejn qabel kienet tbejjet kważi fil-kampanja kollha, issa tbejjet fi ftit inħawi. Il-**Barbaġann** u l-**Bies** ġralhom bħaċ-**Ċawla**. Mill-banda l-oħra, b'xorti tajba, fl-istess żmien bdew ibejtu għasafar ġodda bħall-**Bufula ta' l-Imrewħa** u l-**Bufula ta' l-Għollieq**. U f'dawn l-aħħar snin bdiet tbejjet ukoll il-**Gamiema tal-Kullar**.

Il-**Gamiema tal-Kullar** fiha minn 29 sa 33 ċentimetru tul, bil-fetħa tal-ġwienaħ tlaħħaq sa 53 ċentimetru. Ħarira akbar mill-**Gamiema**, kemxejn misluta, b'denb tawwali. Għandha dehra ċara ħafna, b'kulur bajdani jagħti ftit fil-griż. Fost l-ispeċi tal-gamiem u t-tuduni, il-**Gamiema tal-Kullar** hija l-unika waħda li għandha taħt ġwinħajha bojod silġ. Għandha nofs kullar f'għonqha, iswed bil-burdura rqiqa bajda. Meta tiftaħ denbha, speċjalment meta tkun se toqgħod, jidher faxx wiesa' abjad kemxejn fil-griż fi truf tad-denb. Bħall-biċċa l-kbira ta' l-ispeċi tal-gamiem u t-tuduni, saqajha qosra ħamranin. Fl-ewwel sena, qabel ma joħorfu, il-frieħ ma jkollhomx in-nofs kullar f'għonqhom u ma jkunux ċari daqs ix-xjuħ.

Il-**Gamiema tal-Kullar** għandha l-għajta tan-namra bi tlett sillabi "kuu, kuuuuuu, kuuuu". Għandha wkoll għajta oħra qisha tqanżiħa. Tiekol billi tnaqqi mill-art. Tippreferi żrieragħ taċ-ċereali u ta' pjanti oħra. Tiekol ukoll dud u insetti, u anke frak tal-ħobż.



*Bejta bil-bajd tal-Gamiema tal-Kullar - ritratt ta' S. Vella*

L-isem xjentifiku tagħha hu *Streptopelia decaocto*. Il-kelma tal-ġeneru *Streptopelia* ġejja minn żewġ kelmiet mill-Grieg: *streptos* li tfisser kullar u *peleia* li, skont Omeru, awtur ta' Iliad u Odyssey, huwa l-isem ta' ħamiema. It-tieni kelma *decaocto* ġejja mil-Latin: *deca* tfisser għaxra u *octo* tfisser tmienja. Fil-Mitoloġija Griega nsibu storja ta' skjava bieżla, li kienet titkarrab minħabba l-paga miżera li kellha ta' 18-il biċċa flus fis-sena. Talbet għall-ħelsien u kienet mibdula mill-allat f'ħamiema li kompliet issemma l-istess karba "decaocto". L-isem bl-Ingliż hu *Collared Dove*.

Sa l-1930 il-Gamiema tal-Kullar fl-Ewropa kienet biss tinstab fil-Balkani. F'daqqa waħda bdiet tinfirex; għall-ewwel lejn it-tramuntana u l-punent tal-Ewropa, u wara lejn in-nofsinhar. Fl-Italja bdiet tbejjet fl-1947 fi



*Bejta bil-frieħ tal-Gamiema tal-Kullar - ritratt ta' S. Vella*



*Gamiema tal-Kullar tittajjar- ritratt ta' A. Tanti*



*Par Gamiem Tal-Kullar - ritratt ta' C. Cachia Zammit*

Friuli-venezia Gulia u fit-Tuneżija bdiet tbejjet fil-bidu tas-sittinijiet tas-seklu li għadda. Għall-aħħar tas-snin sebgħin kienet introdotta f'Palermo, filwaqt li bdiet tbejjet ukoll f'Pantelleria minn għasafar li bdew jaslu hemm mit-Tuneżija.

F'Malta l-ewwel darba li dehret kien fl-1964 meta inqatlet waħda fiż-Żurrieq. Tlett snin wara inqatlet oħra fil-Lunzjata, Għawdex u wara kull tant żmien bdew jidhru xi waħdiet. Mill-1999 'l hawn bdiet tidher kull sena u l-ewwel li bdiet tbejjet kien fl-2003, f'ġonna privati f'Santa Marija Estate, limiti tal-Mellieħa. F'Għawdex l-ewwel par beda jżomm fil-farm tal-Gvern fix-Xewkija sena wara u fl-2008 ġiet ikkonfermata li kienet qed tbejjet ukoll fiċ-ċimiterju tar-Rabat f'tal-Barmil, qrib il-farm tal-Gvern. Par ieħor beda jidher ukoll fil-mixtla tal-Gvern f'Tad-Dawwara. Minn dakinhar sallum bdiet tbejjet ukoll f'Għajnsielem, u wieħed jittama li titħalla tkompli tinfirex f'Għawdex.

Il-Gamiema tal-Kullar tippreferi tbejjet f'ġonna partikolarment b'siġar tal-pini u taċ-ċipress anke fil-bliet. Ir-raġel spiss iħobb jitperreċ fil-għoli fejn isemma l-għajta tan-namra. Iħobb ukoll jigglajdja bil-ġwienaħ miftuħa f'titjira tan-namra fl-istaġun tal-bejta. Il-mara, bl-għajnuna tiegħu tibni bejta ċatta bi zkuk irqaq u tbid żewġ bajdiet bħal tal-ħamiem, bojod mingħajr tikek. Wara 14-il jum ifaqqsu u l-frieħ itajru tlett ġimgħat wara. Il-Gamiema tal-Kullar u l-bejta tagħha huma protetti bil-liġi matul l-istaġun kollu tal-bejta.


**Alex Saliba**

***I.T Sales and Services***

65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

**RAYMOND CEFAI**

***TAL-KELBA LTD.***

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

Għext il-Mandraġġ (4)

# Knejjes u Kappillani...
## Meta konna "nilgħabu bil-knisja"!



*kitba ta'* ANTON SPITERI

**Ir-Rabat f'kull triq tilmaħ knisja, u f'kull dar in-naħa tagħna kien ikollna "knisja". Din kienet tiżżejjen mit-tifel il-kbir li meta jikber iħalliha f'idejn ħutu l-oħra. Din il-knisja tat-tfal aktarx li kienet tkun xi kamra żgħira jew xi rokna fid-dar fejn it-tfal ma kinux jixbgħu iżejnu l-artal ċkejken ta' l-injam b'gandlieri tat-tafal jew taċ-ċomb u b'ħafna tiżjin ieħor. Mhux kulħadd kien jista' jixtri l-gandlieri jew l-istatwi għax flus ma kienx ikollna. Naf min missieru kien jagħtih sold nhar ta' Ħadd u s-sold kien iġemmgħu għal tliet iĦdud biex bi tliet soldi kien jixtri l-gandlier, għax daqshekk kien jiswa. It-tagħmir għal dawn il-knejjes iż-żgħar kien jinħadem minn Ġużepp ta' Reġina s-Sagristan, Majsi ta' l-Għadmu, il-Barmil u Gerewelli. Il-fjuretti kienu jkunu sbieħ, imma l-appostli aktarx li ma kontx tittendi fejn hu quddiem u fejn huwa wara. Kienu jagħmlu pasturi miksija bix-xemgħa u llum dawn il-pasturi huma oġġetti mfittxija mill-kollezzjonisti. Il-ġilandra kienet issir minn xi bott tal-ħalib. Il-ħitan kienu jitgħattew b'ċarruta ħamra bħala damask u s-saqaf kien jinkesa kollu santi mqassin u mwaħħlin bil-lomtu.** Dan it-tip ta' kolla huwa magħmul mid-dqiq imħallat bl-ilma u dan jitpoġġa fuq in-nar biex isir aħjar u jitfgħulu ftit melħ biex id-dud ma jiekolx kollox. Il-knisja ta' ħija kienet iddedikata lil Qalb ta' Marija, u kemm kellu santi kollha kien qassashom biex iżejjen is-saqaf. Iżda wara xi żmien id-dud kien kiel is-santi kollha għax il-lomtu ma kienx għamillu melħ.



Il-festa titulari tagħna l-ewwel kienet ta' San Ġużepp, iżda billi ħija kien iddobba santa sabiħa tal-Qalb ta' Marija malajr kien bidel it-titular. Din il-festa kienet taħbat fil-vaganzi, xi ġimgħa wara Santa Marija, u għalhekk kien ikollna ħafna kulur għall-festa, għaliex l-għada tal-festa kulħadd kien ifittex il-kulur li jaqa' mill-isparar fl-inħawi tas-sur.



Għall-festa kien jinħareġ l-apparat tal-festa magħmul minn drapp li kien għatja ta' sett sufani. Filgħodu kienet titqaddes quddiesa kantata bil-Latin – tagħwiġ ta' kliem u *Dominus Vobisku* tiela' u *Tkun spirtu tuhom* nieżel. L-orkestra kienet issir minn kull strument li konna nsibu d-dar. Il-ferħ kien jinfirex mat-triq kollha bid-daqq ta' qniepen żgħar li xi wħud kienu tassew ħelwin. Aħna kellna żewġ roti tal-bronż li kellhom ton li ma tagħrfux mill-qniepen ta' San Ġorġ. Darba minnhom waħda mara kienet semgħethom u marret tħaffef lejn San Ġorġ għax kienet ħasbet li daqqet xi quddiesa.

Is-sehem tal-bniet kien li jnaddfu, jgħinu fit-tiżjin u jattendu għall-funzjonijiet. Wara l-funzjoni ta' filgħodu kien jitqassam xi ħelu, xi qubbajt, u luminata, magħmula d-dar. Filgħaxija kienet issir il-purċissjoni mad-dawra tal-Mandraġġ (id-dawra ta' Gejtana). It-triq kienet tiddawwal minn mixegħla tal-fjakkli, bottijiet mimlija trabb imxappap bil-pitrolju. Ħafna biċċiet tax-xemgħa



kienu jitpoġġew fit-twieqi u fuq iċ-ċnut. Meta kienu jħalluna konna nispiċċaw b'ħuġġieġa kbira billi konna niġbru ħafna karti u biċċiet ta' l-injam, konna nagħtuhom in-nar u wara konna naħarbu biex noqogħdu naraw il-kbar jippruvaw jitfuh. Ma' dan konna nagħmlu gassijiet u bombi żgħar tal-musketterija. Spiss kien ikun hemm tfal li jweġġgħu subgħajhom. It-tiżjin tat-toroq kien isir b'pavaljuni jew liedna tal-karti.




Meta ma kienx ikollna kulur konna nużaw kaxxi tas-sulfarini. Konna nobormu l-kubrit fis-smontor jew fidda u nisparawh b'daqqiet ta' martell. Bis-sulfarini konna nagħmlu disinni ta' stilel jew slaleb, naħarquhom u z-zkuk jeħlu ma' xulxin. Mod ieħor ta' kif kienu jsiru l-bombi kien b'ċavetta li jkollha naħa spaga u f'tarf l-ispaga jkun hemm marbut musmar li jidħol fit-toqba taċ-ċavetta. It-toqba taċ-ċavetta kienet timtela bil-frak tas-sulfarini u x'ħin tagħti daqqa fuq ras il-musmar il-putassa tinqaras u l-bomba tieħu. Min jaf kemm ommijiet kienu jfittxu ċ-ċwievet ta' xi gwardarobba jew ta' xi armarju u ma kinux isibuhom jew kienu jsibuhom imkissrin. Il-kapsi kienu eħfef u kienu jinxtraw f'rombli żgħar jew fi strixxi li kienu jfaqqgħu aktar bi sħiħ. Xi drabi konna naħarqu l-kapsi ħdejn saqajn xi ħadd li kien jerħilha jiġri warajna biex ipattihielna.



In-nar kien il-gost tagħna, u kien it-twerwir tal-kbar. Mhux darba jew tnejn li xi knisja kienet sfat irmied għaliex kienet tħalliet xi xemgħa taqbad. Forsi l-aktar kas li niftakar kien meta omm għamlet tfittxija biex tara jekk it-tfal kellhomx kulur tan-nar jew bombi. Ma kienet sabet xejn. Wara xi ftit kienet instemgħet sparatura, il-knisja kienet qabdet, u magħha nħarqet il-kamra tas-sodda. Wara kont sirt naf li l-bombi kienu mistura ġo statwa tal-Madonna, għolja xi żewġ piedi. L-istatwa ma nstabitx.

**Il-kbar jieħdu gost jarawna nilagħbu bil-knejjes bit-tama li 'l quddiem xi ħadd minn uliedhom jitħajjar isir qassis. Fost sħabna kien intagħżel wieħed bħala *isqof* li kien jikteb ittri lill-*kappillani* u kien jiġi mistieden għall-festi li jsiru. Ħafna ma kinux jibqgħu jilagħbu bil-knisja. Xi ftit kienu jsiru dilettanti li jgħaddu ħafna ħin jaħdmu fuq il-mudelli tal-knejjes u joħolqu opri artistiċi.**






## *Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* Joe Bajada





### *Gozo Grand Sprint*

Fl-20 u l-21 ta' Novembru, ġie organizzat f'Għawdex il-*Gozo Grand Sprint 2010* mill-*Malta Motorsport Federation*, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Isport flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, *the Island Car Club*, *Valletta Grand Prix Foundation* u *The Palace Hotel*. Dan kien avveniment sportiv li ġie mtella' għall-ewwel darba ġewwa Għawdex, intemm b'suċċess wara li l-attivitajiet marbuta miegħu kienu mifruxa fuq jumejn. Għal dan l-avveniment, ġie mistieden il-Fillandiż Ari Vatanen, personalità magħrufa sew fil-qasam sportiv internazzjonali. Filfatt Vatanen kien *champion* tad-dinja fl-1981, kif ukoll rebbieħ ta' xejn inqas minn erba' edizzjonijiet tal-famuża Pariġi-Dakar.

Permezz ta' parteċipazzjoni ta' 83 sewwieq flimkien mas-*support teams* tagħhom dan l-avveniment ġibed ukoll l-attenzjoni ta' għadd kbir ta' dilettanti tal-karozzi li ħafna minnhom qasmu l-fliegu u ngħaqdu ma' bosta Għawdxin biex isegwu dan l-avveniment. Bosta mis-sewwieqa kienu Maltin iżda kien hemm ukoll interess minn 28 sewwieq Għawdxi, kif ukoll minn Skoċċiż, residenti f'Għawdex li kien ukoll sewwieq tal-karozzi f'*rallies* ġewwa l-Iskozja. Dan l-avveniment ġie wkoll reklamat fi Sqallija bir-riżultat li ġibed il-parteċipazzjoni ta' Alessandro Modica u Alessio Cascone li huma żewġ stilel ġodda fil-qasam tad-*drifting* fl-Italja. L-avveniment kien segwit anke mill-*media* ta' Sqallija.

Waqt il-konferenza tal-aħbarijiet qabel ma ngħata bidu dan l-avveniment, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, fissret kif il-Ministeru għal Għawdex ikkollabora mal-organizzaturi flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u l-Kunsill Malti għall-Isport bil-għan li dan l-avveniment iservi wkoll ta' attrazzjoni għas-suq domestiku biex aktar Maltin jagħżlu li jqattgħu ljieli f'Għawdex matul ix-xhur li huma kkunsidrati bħala aktar kwieti għas-settur turistiku. Ċifri li ngħataw mill-kumpanija *Gozo Channel* urew li matul tmiem il-ġimgħa li għaddiet il-vapuri tal-kumpanija ġarrew aktar minn 32,500 passiġġier u aktar minn 10,000 vettura. Dan ifisser żieda ta' aktar minn 4,500 passiġġier u 1,500 vettura fuq ċifri reġistrati fl-istess ġranet fl-2009 jew żieda ta' 16 u 17 fil-mija rispettivament. Il-Ministru Debono flimkien mas-Segretarju Parlamentari Clyde Puli wrew sodisfazzjon



għal dan ir-riżultat. Il-Ministru Debono saħqet li l-Ministeru għal Għawdex isostni attivitajiet li għandhom potenzjal li jattiraw kemm Maltin kif ukoll barranin lejn Għawdex biex kemm jista' jkun tiġi megħluba l-isfida tal-istaġjonalità għas-settur turistiku Għawdxi.

Is-Segretarju Parlamentari Clyde Puli tenna li aktar attivitajiet sportivi ser ikunu organizzati f'Għawdex fil-ġimgħat li ġejjin u fost oħrajn semma' l-organizzazzjoni tal-*World Grand Masters* tat-*Table Football*. Hu qal li dan qed ikun possibbli grazzi għall-assistenza finanzjarja li l-Kunsill Malti għall-Isport qed jagħti lill-għaqdiet sportivi biex jorganizzaw attivitajiet sportivi f'Għawdex li jiġġeneraw turiżmu intern.

Il-President tal-MMF Tonio Cini wera sodisfazzjon għal mod kif imxiet l-organizzazzjoni tat-tlielaq u rringrazzja lill-entitajiet governattivi, Kunsilli Lokali u kull min b'xi mod jew ieħor għen biex dan l-ewwel avveniment tax-xorta tiegħu jkun suċċess. Il-*Gozo Grand Sprint* ġie fi tmiemu bil-preżentazzjonijiet tat-trofej lir-rebbieħa mill-Ministru Giovanna Debono. Ir-rebbieħ *overall* fil-kategorija tal-vetturi klassiċi kien Martin Spiteri b'*Austin Healey* filwaqt li Zachary Zammit ta' 23 sena rebaħ il-kategorija tal-vetturi moderni b'karozza *single seater*. Ġew mogħtija wkoll trofej lir-rebbieħa f'kull klassi kif ukoll lil dawk is-sewwieqa li pparteċipaw f'kompetizzjoni tat-tlielaq tal-karozzi għall-ewwel darba.

### *Sannat Lions FC jispiċċaw fl-ewwel post fi tmiem l-ewwel rawnd*

*Sannat Lions* ikkunsidrati bħala l-favoriti f'dan l-istaġun, grazzi għal bosta akkwisti li għamlu ta' stoffa, rnexxielhom jispiċċaw fl-ewwel post fl-ewwel rawnd, żewġ punti vantaġġ fuq *SK Victoria Wanderers*. Kien pjazzament meritat għal *Lions* fl-ambizzjoni qawwija li għandhom li jirbħu l-għaxar kampjonat fl-istorja tagħhom u b'hekk bħal *Victoria Hotspurs* u *Nadur Youngsters* ipoġġu l-istilla fuq il-flokk tagħhom fi staġun ieħor jekk ovvjament jirnexxielhom jakkwistaw dan l-obbjettiv. Huma jinsabu



fid-direzzjoni t-tajba u l-fatt li jippossedu l-aħjar attakk u difiża f'dan il-kampjonat ikompli jiggalvanizza ċ-ċansijiet tas-Sannatin. Huma skurjaw 19-il gowl f'6 partiti, gowls maqsuma bejn Eric Nwankwo u John Camillleri li skurjaw sitta kull wieħed, Chris Camilleri skorja erba' u gowl kull wieħed minn Mark Muscat, Mark Formosa u Elton Vella. Dan l-ewwel post jagħti d-dritt lil *Lions* li jkunu wieħed mill-finalista tat-Tazza Jum il-Ħelsien. Sannat kienu sfortunati li f'din il-fażi tal-kampjonat soffrew l-unika telfa tagħhom b'awtogowl fl-aħħar kwarta logħob kontra Għajnsielem f'partita li minn dak li kkrejaw, żgur li ma kellhomx joħorġu b'idejhom vojta.

Fit-tieni post spiċċaw SK Victoria Wanderers, pjazzament li jagħtihom id-dritt li jkunu huma li jaffrontaw lil Sannat fil-finali tal-31 ta' Marzu li ġej biex jikkuntestaw bejniethom id-19-il Edizzjoni tat-Tazza Jum il-Ħelsien. Huma għandhom tim li jista' joffri sfida qawwija u dan meta t-tim issa huwa matur biżżejjed fejn il-plajers ilhom issa għal iktar minn erba' staġuni jilgħabu ma' xulxin bl-eċċezzjoni ta' xi irtokki żgħar li għamlu f'dan l-istaġun. Madankollu huma jiddependu ħafna fuq il-prestazzjoni tal-erba' plajers Niġerjani li għandhom. Il-kowċ Mark Buttigieg iddeċieda li jieqaf jilgħab wara karriera mimlija unuri.

Fit-tielet post jinsabu *Nadur Youngsters* li wkoll bdew fost il-favoriti iżda telfiet kontra ż-żewġ timijiet ta' fuq ħallewhom f'din il-pożizzjoni. L-attakk tagħhom b'Joseph Portelli u Wesley De Oliviera huwa effettiv, madankollu ma kinetx l-ewwel darba li d-difiża tagħhom inqabdet fuq sieq waħda fejn f'dawn l-okkażjonijiet soffrew kważi l-gowls tagħhom.

Għajnsielem jinsabu jokkupaw ir-raba' pożizzjoni, post ta' ċerta trankwillità fil-kampjonat. Huma alternaw ma' logħbiet tajba ma' oħrajn inqas pożittivi. Għandhom difiża soda b'Yannik Ossuk saħħaħ ferm dan id-dipartiment. Fin-nofs baqgħu jiddependu fuq il-plajer kowċ Alex Simoncic. Madankollu l-*Blacks* jistgħu jkunu wkoll ta' sfida denja għat-titlu.

Iċ-*champions* attwali *Victoria Hotspurs* żgur li ma stennewx li ħa jkollhom staġun mhux daqstant tajjeb fejn jinsabu biss b'6 punti fejn għadhom ħadu rebħa waħda. Jiddependu wisq fuq l-akkwist li għamlu Kalin Ganchev, iżda kemm id-difiża, kif ukoll l-attakk tilfu ferm mis-saħħa li fl-istaġun l-ieħor għamlithom *champions*. Huma bidlu lil kowċ Chris Buttigieg u postu ħadu Ruben Mercieca.

B'sitt punti wkoll insibu lil promossi *St Lawrence Spurs*, tim li ġej minn wieħed mill-iżgħar irħula f'Għawdex. Huma għandhom plajers b'qalb kbira u dan jidher f'kull partita li jilgħabu. Jippossedu koppja tajba barranija fl-attakk fejn Hugu Seco u Franco Franchino jinkwetaw ferm lid-difiżi opposti. Rebħiet fuq *Victoria H* u *Xewkija T* qalgħuhom mill-aħħar pożizzjoni.

Fl-aħħar post insibu lil *Xewkija Tigers* b'żewġ punti minn żewġ *draws* u għadhom l-uniċi mingħajr l-ebda rebħa. Huma wkoll għamlu bidla fil-kowċ fejn Simon Cassar ħa post Mario Bonello. Huma kellhom bidu tajjeb bi *draw* kontra Sannat, iżda mbagħad ma żammewx l-istess ritmu minkejja li f'ċerti logħbiet kienu anke sfortunati. Bla dubju jridu jtejbu l-prestazzjonijiet tagħhom biex bħal ma għamlu fl-istagun l-ieħor jirnexxielhom jitbiegħdu miż-żona l-ħamra.










# 1. SANT'ANTON ABBATI FIX-XAGĦRA





*Ġewwa x-Xagħra raħal sbejjaħ*
*knisja ħelwa kollha ġmiel;*
*il-parroċċa l-qadima*
*li tgħodd sewwa s-snin u ż-żmien.*

*Sant'Anton minn ġo l-Eġittu*
*qaddis kbir tas-snin bikrin*
*li l-kult tiegħu ġewwa x-Xagħra*
*sab l-għeruq f'qalb ix-Xagħrin.*





*Sant'Anton minn "tal-ħanżira"*
*raħeb xwejjaħ jgħodd is-snin*
*ħajtu għex fit-talb u ċ-ċaħda*
*bogħod mill-għagħa u mill-bnedmin.*

*Bir-raġun għalhekk kull sena*
*f'nofs Jannar fil-bard u l-ksieħ*
*festa ħelwa ssirlu x-Xagħra*
*waqt li troddlu l-ogħla ġieħ.*





# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*

## ERBA' NIĊEĊ "TAL-GALLARIJA"



Il-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat



Id-Duluri f'San Lawrenz



San Pawl fil-Munxar



"Il-Madonna tal-Patri" f'Kerċem

# Il-Ħajja f'Għawdex




## GĦAL EWRO FIX-XAHAR!




### Minjiera ta' Tag]lim u Tagħrif u Tag]lim dwar Għawdex u l-Għawdxin

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil-posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (2 Ewro l-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2011, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla l-formola li ssib taħt jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",
Lumen Christi Media Centre,
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria VCT 2579, Għawdex.













Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ❑ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2011* ❑

❑ €10 Abbonament Regolari

❑ €20 Abbonament Benefattur
(b'rigal tal-ktieb ġdid: '*Il-Ħniena Tiegħu tinfirex f'kull żmien*')

Data ______________ Firma ______________

